Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel
Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

2023/0284(COD)

24.2.2025

EMENDI
212 - 418

Abbozz ta' rapport
Jens Gieseke, Paulius Saudargas
(PE768.004v01-00)

Ir-rekwiżiti taċ-ċirkolarità għad-disinn tal-vetturi u l-ġestjoni ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, l-emenda tar-Regolamenti (UE) 2018/858 u 2019/1020 u t-tħassir tad-Direttivi 2000/53/KE u 2005/64/KE

Proposta għal regolament
(COM(2023)0451 – C9-0308/2023 – 2023/0284(COD))

Emenda 212
Laurent Castillo

Proposta għal regolament
Kunsiderazzjoni 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,	Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu ***u l-Artikolu 192(1) tiegħu fir-rigward tal-Artikoli 14 sa 45, l-Artikolu 46 u l-Artikolu 48 ta' dan ir-Regolament***,

Or. en

Emenda 213
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Kunsiderazzjoni 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari ***l-Artikolu*** 114 tiegħu,	Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari ***l-Artikoli*** 114 ***u 192*** tiegħu,

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-proposta tgħaqqad il-leġiżlazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip mal-Artikolu 114 bħala bażi legali u l-leġiżlazzjoni tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw mal-Artikolu 192 bħala bażi legali. Bażi legali doppja, kif inhu l-każ għar-Regolament dwar il-Batteriji, hija għalhekk xierqa.

Emenda 214
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Kunsiderazzjoni 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari ***l-Artikolu*** 114 tiegħu,	Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari ***l-Artikoli*** 114 ***u 192*** tiegħu,

Or. en

Emenda 215
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew"[37] ***(il-"Patt Ekoloġiku Ewropew") hija l-istrateġija tal-Ewropa għat-tkabbir li*** għandha l-għan li ***tittrasforma l-Unjoni f'soċjetà ġusta u prospera, b'ekonomija moderna,*** effiċjenti fir-riżorsi ***u kompetittiva*** fejn ***ma jkunx hemm*** emissjonijiet ***netti ta' gassijiet serra fl-2050 u*** fejn ***it-tkabbir*** ekonomiku ***jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi. Sabiex il-politiki tal-Unjoni dwar il-prodotti jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju fil-livell globali, jeħtieġ li jiġi żgurat li l-prodotti kkummerċjalizzati u mibjugħa fl-Unjoni jiġu akkwistati, manifatturati u ttrattati fi tmien il-ħajja tagħhom b'mod*** sostenibbli.	(1) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew"[37]***,*** għandha l-għan li ***toħloq ekonomija aktar sostenibbli u*** effiċjenti fir-riżorsi ***iżda mhijiex strateġija ta' tkabbir konvenzjonali, peress li tagħti prijorità lis-sostenibbiltà u l-intervent regolatorju fuq it-tkabbir ekonomiku, il-ħolqien tal-impjiegi u l-kompetittività industrijali. Tħassib ewlieni huwa l-impatt tagħha fuq l-industrija tal-karozzi Ewropea,*** fejn ***miri stretti ta'*** emissjonijiet ***u mandati ta' elettrifikazzjoni jpoġġu pressjoni sinifikanti fuq il-produtturi tal-karozzi. Il-manifatturi Ewropej jiffaċċjaw kompetizzjoni globali intensa, b'mod partikolari miċ-Ċina u l-Istati Uniti,*** fejn ***is-sussidji statali u l-politiki industrijali jipprovdu vantaġġi strateġiċi. Il-kostijiet għoljin tat-tranżizzjoni għall-produzzjoni tal-vetturi elettriċi (EV, electric vehicle) jistgħu jikkawżaw piż sproporzjonat lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) fil-katina tal-provvista awtomobilistika. Din il-bidla tirriskja telf ta' impjiegi u tfixkil ekonomiku, peress li l-inċertezza regolatorja toħloq sfidi addizzjonali għall-investiment fit-tul. Barra minn hekk, il-***

manifatturi li jaqbżu l-miri tal-emissjonijiet tas-CO_2 bħalissa qed jiffaċċjaw multi ta' € 95 għal kull gramma żejda għal kull vettura, li potenzjalment jiswew biljuni lill-industrija. Filwaqt li dawn il-penali huma maħsuba biex imexxu t-tnaqqis tal-emissjonijiet, iservu biss biex iżidu l-piż finanzjarju lis-settur, ifixklu l-investiment fl-innovazzjoni u jdgħajfu l-kompetittività. Filwaqt li l-kunsiderazzjonijiet ambjentali huma importanti, il-politiki jridu jkunu mfassla biex jevitaw li jdgħajfu s-saħħa tas-suq, ir-reżiljenza industrijali, u l-affordabbiltà tal-konsumatur. Huwa meħtieġ approċċ ibbilanċjat biex jinkoraġġixxi l-innovazzjoni u s-sostenibbiltà filwaqt li jiġu appoġġati t-tkabbir ekonomiku ***u l-prosperità. Ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Vetturi li Ma Għadhomx Jintużaw (ELV, end-of-life vehicles) jenħtieġ li ssaħħaħ l-obbligi tar-riċiklaġġ u tal-ekonomija ċirkolari b'mod li tixpruna l-kompetittività u t-tkabbir*** sostenibbli ***għall-manifatturi, il-fornituri, dawk li jżarmaw, ir-riċiklaturi, is-swieq tar-ruttam tal-metall, il-konsumaturi, ir-regolaturi, il-persuni li jimmaniġġaw l-iskart, ir-riċiklaturi tal-batteriji tal-VE, u l-fornituri tal-loġistika, aktar milli timponi l-kostijiet ta' konformità eċċessivi fuqhom***.

---

[37] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM (2019) 640 final).

[37] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM (2019) 640 final).

Or. en

Emenda 216
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew"[37] (il-"Patt Ekoloġiku Ewropew") hija l-istrateġija tal-Ewropa għat-tkabbir li għandha l-għan li tittrasforma l-Unjoni f'soċjetà ġusta u prospera, b'ekonomija moderna, effiċjenti fir-riżorsi u kompetittiva fejn ma jkunx hemm emissjonijiet netti ta' gassijiet serra ***fl-2050*** u fejn it-tkabbir ekonomiku jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi. Sabiex il-politiki tal-Unjoni dwar il-prodotti jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju fil-livell globali, jeħtieġ li jiġi żgurat li l-prodotti kkummerċjalizzati u mibjugħa fl-Unjoni jiġu akkwistati, manifatturati u ttrattati fi tmien il-ħajja tagħhom b'mod sostenibbli.	(1) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew"[37] (il-"Patt Ekoloġiku Ewropew") hija l-istrateġija tal-Ewropa għat-tkabbir li għandha l-għan li tittrasforma l-Unjoni f'soċjetà ġusta u prospera, b'ekonomija moderna, effiċjenti fir-riżorsi u kompetittiva fejn ma jkunx hemm emissjonijiet netti ta' gassijiet serra ***sa mhux aktar tard mill-2050 ("il-konfini tan-newtralitàtal-klima") li tirrispetta l-konfini planetarji*** u fejn it-tkabbir ekonomiku jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi. Sabiex il-politiki tal-Unjoni dwar il-prodotti jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju fil-livell globali, jeħtieġ li jiġi żgurat li l-prodotti kkummerċjalizzati u mibjugħa fl-Unjoni jiġu akkwistati, manifatturati u ttrattati fi tmien il-ħajja tagħhom b'mod sostenibbli.
[37] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM (2019) 640 final).	[37] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM (2019) 640 final).

Or. en

Emenda 217
Anja Arndt

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019	(1) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019

dwar “Il-Patt Ekoloġiku Ewropew”[37] (il-“Patt Ekoloġiku Ewropew”) hija l-istrateġija ta’ ***tkabbir tal-Ewropa*** li għandha l-għan li tittrasforma l-Unjoni ***f’soċjetà ġusta u prospera, b’ekonomija moderna, effiċjenti fir-riżorsi u kompetittiva, fejn ma jkun hemm l-ebda emissjoni netta*** ta’ gassijiet b’effett ta’ serra ***fl-2050 u fejn it-tkabbir ekonomiku jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi. Sabiex*** il-politiki tal-Unjoni ***dwar il-prodotti jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet*** tal-karbonju ***fil-livell globali, jeħtieġ li jiġi żgurat li l-prodotti kkummerċjalizzati u mibjugħa fl-Unjoni jiġu akkwistati, manifatturati u ttrattati fi tmien il-ħajja tagħhom b’mod sostenibbli***.

[37] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM (2019) 640 final).

dwar “Il-Patt Ekoloġiku Ewropew”[37] (il-“Patt Ekoloġiku Ewropew”) hija l-istrateġija ***ta’ dekrementazzjoni*** li għandha l-għan li tittrasforma l-Unjoni ***f’ekonomija ftit li xejn industrijalizzata b’soċjetà dejjem aktar fqira, b’emissjonijiet*** ta’ gassijiet b’effett ta’ serra ***żero mill-2050 ’il quddiem, billi ġġib tnaqqis immirat fil-produzzjoni u l-konsum.*** Il-politika ***ekonomika*** tal-Unjoni ***se twassal biex il-prodotti meħtieġa jiġu manifatturati f’pajjiżi terzi u jkollhom jiġu importati. Għalhekk mhuwiex mistenni li jkun hemm tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet*** tal-karbonju.

[37] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM (2019) 640 final).

Or. de

Emenda 218
Beatrice Timgren

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Is-settur awtomobilistiku huwa kontributur importanti għall-użu tar-riżorsi tal-enerġija u tal-materjal mill-Unjoni, u għalhekk għall-ġenerazzjoni ta’ gassijiet serra. Il-produzzjoni ta’ vetturi f’pajjiżi terzi li jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni tikkontribwixxi għall-ġenerazzjoni ta’ gassijiet serra globali, li min-naħa tagħha għandha impatt ambjentali negattiv fuq l-Unjoni. ***Bidla mill-użu tal-fjuwils fossili fil-vetturi għal mobilità b’emissjonijiet***	(2) Is-settur awtomobilistiku huwa kontributur importanti għall-użu tar-riżorsi tal-enerġija u tal-materjal mill-Unjoni, u għalhekk għall-ġenerazzjoni ta’ gassijiet serra. Il-produzzjoni ta’ vetturi f’pajjiżi terzi li jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni tikkontribwixxi għall-ġenerazzjoni ta’ gassijiet serra globali, li min-naħa tagħha għandha impatt ambjentali negattiv fuq l-Unjoni. ***Ekonomija tassew*** ċirkolari ***jenħtieġ li tagħti prijorità lill-estensjoni***

żero, kif previst fil-pakkett “Lesti għall-Mira ta’ 55 %”, hija waħda mill-prerekwiżiti biex jintlaħaq l-għan tan-newtralità klimatika fl-2050. Dan se jnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mis-settur awtomobilistiku marbuta mal-fażi tal-użu tal-vetturi. L-industrija tal-karozzi hija waħda mill-akbar utenti tal-aluminju primarju, tal-azzar u tal-plastik, marbuta mal-manifattura ta’ vetturi ġodda mqiegħda fis-suq tal-Unjoni. Dan jista’ jirrappreżenta impatt ambjentali sinifikanti, marbut mal-enerġija meħtieġa għall-estrazzjoni u l-ipproċessar ta’ dawn il-materjali. L-impronta ambjentali marbuta mal-manifattura ta’ vetturi ġodda tista’ tiżdied bl-elettrifikazzjoni li għaddejja bħalissa tal-flotta, kif ukoll minħabba użu aktar mifrux tal-elettronika f’mudelli futuri, li t-tnejn jeħtieġu ammont konsiderevoli ta’ materja prima kritika u strateġika u metalli prezzjużi, bħar-ram u elementi tal-art rari. Ir-riżultat ta’ dawn il-bidliet huwa li l-fażi tal-produzzjoni jista’ jkollha impronta ambjentali akbar mill-fażi tal-użu tal-vetturi. Barra minn hekk, ir-rekwiżiti kurrenti fid-dritt tal-Unjoni dwar l-immaniġġar tal-iskart jirriżultaw f’irkupru subottimali tar-riżorsi minn vetturi li ma għadhomx jintużaw, u hemm potenzjal għoli li jiżdiedu l-kwantità u l-kwalità tal-partijiet, il-komponenti u l-materjali li għandhom jintużaw mill-ġdid, jiġu rimanifatturati, rinnovati jew riċiklati minn vetturi li ma għadhomx jintużaw. Sabiex jiġu indirizzati dawn l-impatti ambjentali u jingħata kontribut għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur, jeħtieġ li jittejjeb il-funzjonament tas-suq uniku u li tissaħħaħ it-tranżizzjoni tal-industrija tal-karozzi lejn ekonomija ċirkolari. Dan huwa konformi mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta’ Marzu 2020 dwar “Pjan ta’ Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija** Ċirkolari **– Għal Ewropea aktar nadifa u kompetittiva”[38] li talbet reviżjoni tar-regoli kurrenti biex “jiġu promossi mudelli tan-negozju aktar ċirkolari billi l-tat-tul tal-ħajja tal-vetturi, l-użu mill-ġdid tal-parts, u t-tiswija fuq l-iskrappjar prematur. L-inkoraġġiment ta’ rinnovazzjoni u esportazzjoni responsabbli ta’ vetturi użati funzjonali, minflok ma jiġu imposti klassifikazzjonijiet riġidi tal-ELV, jista’ jwassal għal riżultati ambjentali aħjar billi titnaqqas** il-ħtieġa ***ta’ produzzjoni ġdida u ġenerazzjoni eċċessiva ta’ skart.

kwistjonijiet tad-disinn jiġu marbuta mat-trattament fi tmiem il-ħajja, jiġu kkunsidrati regoli dwar il-kontenut riċiklat obbligatorju għal ċerti materjali, u tittejjeb l-effiċjenza tar-riċiklaġġ". Il-Kunsill[39] u l-Parlament[40] saħqu wkoll fuq il-ħtieġa ***ta' regoli ġodda tal-Unjoni dwar dawn il-kwistjonijiet, li jissostitwixxu r-regoli eżistenti dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi fir-rigward tal-possibbiltajiet tal-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u l-irkupru u dwar vetturi li ma għadhomx jintużaw***.

---

[38] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-11 ta' Marzu 2020, Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari Għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva, (COM(2020)98 final).

[39] Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2020, Nagħmlu l-Irkupru Ċirkolari u Ekoloġiku.

[40] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Frar 2021 dwar il-Pjan ta' Azzjoni l-Ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari.

---

[38] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-11 ta' Marzu 2020, Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari Għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva, (COM(2020)98 final).

[39] Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2020, Nagħmlu l-Irkupru Ċirkolari u Ekoloġiku.

[40] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Frar 2021 dwar il-Pjan ta' Azzjoni l-Ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari.

Or. en

Emenda 219
Anja Arndt

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Is-settur awtomobilistiku huwa kontributur ***importanti*** għall-użu tar-riżorsi tal-enerġija u tal-materjal mill-Unjoni***, u għalhekk għall-ġenerazzjoni ta' gassijiet serra. Il-produzzjoni ta' vetturi f'pajjiżi terzi li jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni***	(2) Is-settur awtomobilistiku huwa kontributur għall-użu tar-riżorsi tal-enerġija u tal-materjal mill-Unjoni. Bidla mill-użu tal-fjuwils fossili fil-vetturi għal mobilità b'emissjonijiet żero, kif previst fil-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %", hija

tikkontribwixxi għall-ġenerazzjoni ta' gassijiet serra globali, li min-naħa tagħha għandha impatt ambjentali negattiv fuq l-Unjoni. Bidla mill-użu tal-fjuwils fossili fil-vetturi għal mobilità b'emissjonijiet żero, kif previst fil-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %", hija ***waħda mill-prerekwiżiti biex jintlaħaq l-għan tan-newtralità klimatika fl-2050. Dan se jnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mis-settur awtomobilistiku marbuta mal-fażi tal-użu tal-vetturi***. L-industrija tal-karozzi hija waħda mill-akbar utenti tal-aluminju primarju, ***tal-azzar*** u tal-plastik, marbuta mal-manifattura ta' vetturi ġodda mqiegħda fis-suq tal-Unjoni. ***Dan jista' jirrappreżenta impatt ambjentali sinifikanti, marbut mal-enerġija meħtieġa għall-estrazzjoni*** u l-ipproċessar ta' dawn il-materjali. L-impronta ambjentali marbuta mal-manifattura ta' vetturi ġodda tista' tiżdied bl-elettrifikazzjoni li għaddejja bħalissa tal-flotta, kif ukoll minħabba użu aktar mifrux tal-elettronika f'mudelli futuri, li ***t-tnejn*** jeħtieġu ammont konsiderevoli ta' materja prima kritika u strateġika u metalli prezzjużi, bħar-ram u elementi tal-art rari. Ir-riżultat ta' dawn il-bidliet huwa li l-fażi tal-produzzjoni jista' jkollha impronta ambjentali akbar mill-fażi tal-użu tal-vetturi. ***Barra minn hekk, ir-rekwiżiti kurrenti fid-dritt tal-Unjoni dwar l-immaniġġar tal-iskart jirriżultaw f'irkupru subottimali tar-riżorsi minn vetturi li ma għadhomx jintużaw, u hemm potenzjal għoli li jiżdiedu l-kwantità u l-kwalità tal-partijiet, il-komponenti u l-materjali li għandhom jintużaw mill-ġdid, jiġu rimanifatturati, rinnovati jew riċiklati minn vetturi li ma għadhomx jintużaw. Sabiex jiġu indirizzati dawn l-impatti ambjentali u jingħata kontribut għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur, jeħtieġ li jittejjeb*** il-funzjonament tas-suq uniku u ***li*** tissaħħaħ it-tranżizzjoni tal-industrija tal-karozzi lejn ekonomija ċirkolari. ***Dan huwa konformi mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2020 dwar "Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija qerq biċ-ċittadini. Ma teżistix mobilità mingħajr emissjonijiet. Anke l-vetturi elettriċi jikkawżaw emissjonijiet fil-produzzjoni, fil-ġenerazzjoni tal-elettriku u fl-użu mill-ġdid***. L-industrija tal-karozzi ***elettriċi*** hija waħda mill-akbar utenti tal-aluminju primarju, ***tal-materjali tal-art rari*** u tal-plastik, marbuta mal-manifattura ta' vetturi ġodda mqiegħda fis-suq tal-Unjoni. ***L-estrazzjoni*** u l-ipproċessar ta' dawn il-materjali ***għandhom impatti ambjentali sinifikanti***. L-impronta ambjentali marbuta mal-manifattura ta' vetturi ġodda tista' tiżdied bl-elettrifikazzjoni li għaddejja bħalissa tal-flotta, kif ukoll minħabba użu aktar mifrux tal-elettronika f'mudelli futuri, li ***għall-vetturi elettriċi*** jeħtieġu ammont konsiderevoli ta' materja prima kritika u strateġika u metalli prezzjużi, bħar-ram u elementi tal-art rari. Ir-riżultat ta' dawn il-bidliet huwa li l-fażi tal-produzzjoni jista' jkollha impronta ambjentali akbar mill-fażi tal-użu tal-vetturi. ***Sabiex jiġu ppreservati l-industrija tal-karozzi u l-mobilità taċ-ċittadini, għandu jiġi żgurat*** il-funzjonament tas-suq uniku ***taħt il-kundizzjonijiet ta' ekonomija tas-suq ħieles u għandha tissaħħaħ*** it-tranżizzjoni tal-industrija tal-karozzi lejn ekonomija ċirkolari. ***It-tranżizzjoni sfurzata lejn vetturi elettriċi wriet li hija ta' ħsara għall-ambjent, għall-ħaddiema li jaħdmu fil-qasam tal-estrazzjoni tal-materjali tal-art rari, u għall-familji b'introjtu baxx. B'inqas regolamentazzjoni, is-settur tal-karozzi jista' jmexxi l-innovazzjoni lejn użu mill-ġdid, riċiklaġġ u ġestjoni tal-iskart responsabbli***.

Ċirkolari – Għal Ewropea aktar nadifa u kompetittiva”[38] li talbet reviżjoni tar-regoli kurrenti biex “jiġu promossi mudelli tan-negozju aktar ċirkolari billi l-kwistjonijiet tad-disinn jiġu marbuta mat-trattament fi tmiem il-ħajja, jiġu kkunsidrati regoli dwar il-kontenut riċiklat obbligatorju għal ċerti materjali, u tittejjeb l-effiċjenza tar-riċiklaġġ”. Il-Kunsill[39] u l-Parlament[40] saħqu wkoll fuq il-ħtieġa ta’ regoli ġodda tal-Unjoni dwar dawn il-kwistjonijiet, li jissostitwixxu r-regoli eżistenti dwar l-approvazzjoni tat-tip ta’ vetturi fir-rigward tal-possibbiltajiet tal-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u l-irkupru u dwar vetturi li ma għadhomx jintużaw.

---

[38] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-11 ta’ Marzu 2020, Pjan ta’ Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari Għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva, (COM(2020)98 final).

[39] Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta’ Diċembru 2020, Nagħmlu l-Irkupru Ċirkolari u Ekoloġiku.

[40] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta’ Frar 2021 dwar il-Pjan ta’ Azzjoni l-Ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari.

---

[38] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-11 ta’ Marzu 2020, Pjan ta’ Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari Għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva, (COM(2020)98 final).

[39] Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta’ Diċembru 2020, Nagħmlu l-Irkupru Ċirkolari u Ekoloġiku.

[40] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta’ Frar 2021 dwar il-Pjan ta’ Azzjoni l-Ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari.

Or. de

Emenda 220
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Is-settur awtomobilistiku huwa kontributur importanti għall-użu tar-riżorsi	(2) Is-settur awtomobilistiku huwa kontributur importanti għall-użu tar-riżorsi

tal-enerġija u tal-materjal mill-Unjoni, u għalhekk għall-ġenerazzjoni ta' gassijiet serra. Il-produzzjoni ta' vetturi f'pajjiżi terzi li jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni tikkontribwixxi għall-ġenerazzjoni ta' gassijiet serra globali, li min-naħa tagħha għandha impatt ambjentali negattiv fuq l-Unjoni. Bidla mill-użu tal-fjuwils fossili fil-vetturi għal mobilità b'emissjonijiet żero, kif previst fil-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %", hija waħda mill-prerekwiżiti biex jintlaħaq l-għan tan-newtralità klimatika fl-2050. Dan se jnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mis-settur awtomobilistiku marbuta mal-fażi tal-użu tal-vetturi. L-industrija tal-karozzi hija waħda mill-akbar utenti tal-aluminju primarju, tal-azzar u tal-plastik, marbuta mal-manifattura ta' vetturi ġodda mqiegħda fis-suq tal-Unjoni. Dan jista' jirrappreżenta impatt ambjentali sinifikanti, marbut mal-enerġija meħtieġa għall-estrazzjoni u l-ipproċessar ta' dawn il-materjali. L-impronta ambjentali marbuta mal-manifattura ta' vetturi ġodda tista' tiżdied bl-elettrifikazzjoni li għaddejja bħalissa tal-flotta, kif ukoll minħabba użu aktar mifrux tal-elettronika ***f'mudelli futuri***, li ***t-tnejn*** jeħtieġu ammont konsiderevoli ta' materja prima kritika u strateġika u metalli prezzjużi, bħar-ram u elementi tal-art rari. Ir-riżultat ta' dawn il-bidliet huwa li l-fażi tal-produzzjoni jista' jkollha impronta ambjentali akbar mill-fażi tal-użu tal-vetturi. Barra minn hekk, ir-rekwiżiti kurrenti fid-dritt tal-Unjoni dwar l-immaniġġar tal-iskart jirriżultaw f'irkupru subottimali tar-riżorsi minn vetturi li ma għadhomx jintużaw, u hemm potenzjal għoli li jiżdiedu l-kwantità u l-kwalità tal-partijiet, il-komponenti u l-materjali li għandhom jintużaw mill-ġdid, jiġu rimanifatturati, rinnovati jew riċiklati minn vetturi ***li ma għadhomx jintużaw***. Sabiex jiġu indirizzati dawn l-impatti ambjentali ***u*** jingħata kontribut għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur, jeħtieġ li jittejjeb il-funzjonament tas-suq uniku u li tissaħħaħ it-tranżizzjoni tal-industrija tal-

tal-enerġija u tal-materjal mill-Unjoni, u għalhekk għall-ġenerazzjoni ta' gassijiet serra. Il-produzzjoni ta' vetturi f'pajjiżi terzi li jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni tikkontribwixxi għall-ġenerazzjoni ta' gassijiet serra globali, li min-naħa tagħha għandha impatt ambjentali negattiv fuq l-Unjoni. Bidla mill-użu tal-fjuwils fossili fil-vetturi għal mobilità b'emissjonijiet żero, kif previst fil-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %", hija waħda mill-prerekwiżiti biex jintlaħaq l-għan tan-newtralità klimatika fl-2050. Dan se jnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mis-settur awtomobilistiku marbuta mal-fażi tal-użu tal-vetturi. ***Madankollu, l-użu dejjem akbar ta' materjali u tekniki li jxekklu t-tiswija, in-nuqqas ta' disponibbiltà ta' spare parts u ta' aġġornamenti tas-software, u n-nuqqas ta' miżuri fid-dritt tal-Unjoni biex jittejbu t-tiswija, ir-rimanifattura, ir-rinnovazzjoni, il-modifika retroattiva u s-sostituzzjoni ta' parts u komponenti tal-vetturi jirriżultaw f'ċirkolarità baxxa matul il-fażi tal-użu tal-vetturi u jwasslu għal obsolexxenza prematura.*** L-industrija tal-karozzi hija waħda mill-akbar utenti tal-aluminju primarju, tal-azzar u tal-plastik, marbuta mal-manifattura ta' vetturi ġodda mqiegħda fis-suq tal-Unjoni. Dan jista' jirrappreżenta impatt ambjentali sinifikanti, marbut mal-enerġija meħtieġa għall-estrazzjoni u l-ipproċessar ta' dawn il-materjali. L-impronta ambjentali marbuta mal-manifattura ta' vetturi ġodda tista' tiżdied bl-elettrifikazzjoni li għaddejja bħalissa tal-flotta, ***it-tkabbir kontinwu fl-għadd ta' vetturi, it-tkabbir kontinwu fid-daqs u l-piż tal-vetturi,*** kif ukoll minħabba użu aktar mifrux ***u l-kumplessità*** tal-elettronika, li jeħtieġu ammont konsiderevoli ta' materja prima kritika u strateġika u metalli prezzjużi, bħar-ram u elementi tal-art rari ***fornuti minn pajjiż wieħed jew ftit pajjiżi biss***. Ir-riżultat ta' dawn il-bidliet huwa li l-fażi tal-produzzjoni jista' jkollha impronta ambjentali akbar mill-fażi tal-użu tal-

karozzi lejn ekonomija ċirkolari. Dan huwa konformi mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2020 dwar "Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari – Għal Ewropea aktar nadifa u kompetittiva"[38] li talbet reviżjoni tar-regoli kurrenti biex "jiġu promossi mudelli tan-negozju aktar ċirkolari billi l-kwistjonijiet tad-disinn jiġu marbuta mat-trattament fi tmiem il-ħajja, jiġu kkunsidrati regoli dwar il-kontenut riċiklat obbligatorju għal ċerti materjali, u tittejjeb l-effiċjenza tar-riċiklaġġ". Il-Kunsill[39] u l-Parlament[40] saħqu wkoll fuq il-ħtieġa ta' regoli ġodda tal-Unjoni dwar dawn il-kwistjonijiet, li jissostitwixxu r-regoli eżistenti dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi fir-rigward tal-possibbiltajiet tal-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u l-irkupru u dwar vetturi li ma għadhomx jintużaw.

vetturi ***u impronta ambjentali dejjem akbar f'termini assoluti, u li l-industrija tista' ssir aktar u aktar tiddependi mill-importazzjonijiet ta' materja prima kritika, vulnerabbli għal tfixkil fil-provvista, u għalhekk, titlef il-kompetittività***. Barra minn hekk, ir-rekwiżiti kurrenti fid-dritt tal-Unjoni dwar l-immaniġġar tal-iskart jirriżultaw f'irkupru subottimali tar-riżorsi minn vetturi li ma għadhomx jintużaw, u hemm potenzjal għoli li jiżdiedu l-kwantità u l-kwalità tal-partijiet, il-komponenti u l-materjali li għandhom ***jissewwew,*** jintużaw mill-ġdid, jiġu rimanifatturati, rinnovati***,*** ***jiġu modifikati retroattivament*** jew riċiklati minn vetturi ***kemm matul il-fażi tal-użu kif ukoll fi tmiem il-ħajja***. Sabiex jiġu indirizzati dawn l-impatti ambjentali***,*** jingħata kontribut għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur***, u tiġi appoġġata l-kompetittività billi tiżdied ir-reżiljenza tal-industrija awtomobilistika***, jeħtieġ li jittejjeb il-funzjonament tas-suq uniku u li tissaħħaħ it-tranżizzjoni tal-industrija tal-karozzi lejn ekonomija ċirkolari. Dan huwa konformi mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2020 dwar "Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari – Għal Ewropea aktar nadifa u kompetittiva" li talbet reviżjoni tar-regoli kurrenti biex "jiġu promossi mudelli tan-negozju aktar ċirkolari billi l-kwistjonijiet tad-disinn jiġu marbuta mat-trattament fi tmiem il-ħajja, jiġu kkunsidrati regoli dwar il-kontenut riċiklat obbligatorju għal ċerti materjali, u tittejjeb l-effiċjenza tar-riċiklaġġ". ***Dan huwa wkoll konformi mar-Regolament (UE) 2024/1252 li jistabbilixxi qafas biex tiġi żgurata provvista sigura u sostenibbli ta' materja prima kritika.*** Il-Kunsill u l-Parlament saħqu wkoll fuq il-ħtieġa ta' regoli ġodda tal-Unjoni dwar dawn il-kwistjonijiet, li jissostitwixxu r-regoli eżistenti dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi fir-rigward tal-possibbiltajiet tal-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u l-irkupru u dwar vetturi li ma għadhomx jintużaw.

[38] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-11 ta' Marzu 2020, Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari Għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva, (COM(2020)98 final).

[39] Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2020, Nagħmlu l-Irkupru Ċirkolari u Ekoloġiku.

[40] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Frar 2021 dwar il-Pjan ta' Azzjoni l-Ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari.

[38] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-11 ta' Marzu 2020, Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari Għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva, (COM(2020)98 final).

[39] Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2020, Nagħmlu l-Irkupru Ċirkolari u Ekoloġiku.

[40] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Frar 2021 dwar il-Pjan ta' Azzjoni l-Ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari.

Or. en

Emenda 221
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Is-settur awtomobilistiku huwa kontributur importanti għall-użu tar-riżorsi tal-enerġija u tal-materjal mill-Unjoni, u għalhekk għall-ġenerazzjoni ta' gassijiet serra. Il-produzzjoni ta' vetturi f'pajjiżi terzi li jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni tikkontribwixxi għall-ġenerazzjoni ta' gassijiet serra globali, li min-naħa tagħha għandha impatt ambjentali negattiv fuq l-Unjoni. Bidla mill-użu tal-fjuwils fossili fil-vetturi għal mobilità b'emissjonijiet żero, kif previst fil-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %", hija waħda mill-prerekwiżiti biex jintlaħaq l-għan tan-newtralità klimatika fl-2050. Dan se jnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mis-settur awtomobilistiku marbuta mal-fażi tal-użu tal-vetturi. L-industrija tal-	(2) ***L-Unjoni Ewropea tiddependi ħafna mill-materjali importati. Biex ittejjeb l-awtosuffiċjenza strateġika u biex tnaqqas id-dipendenzi minn pajjiżi terzi, l-UE teħtieġ ittejjeb l-użu aħjar tar-riżorsi u l-enerġija. Biex tindirizza l-isfidi, l-UE teħtieġ tieħu l-passi meħtieġa biex tikseb iċ-ċirkolarità tal-materjali f'ċirku magħluq billi żżid l-effiċjenza fir-riżorsi u l-enerġija, u billi ssegwi l-prinċipju ta' użu kaskata, il-prinċipju li jelimina l-iskart, il-ġerarkija tal-iskart u l-prinċipji ġenerali taċ-ċirkolarità. Dan se jkun ta' benefiċċju wkoll għall-industriji Ewropej, iżid il-kompetittività sostenibbli u jipprovdi mudelli tan-negozju sostenibbli għal tkabbir ekonomiku ġdid.*** Is-settur awtomobilistiku huwa kontributur

karozzi hija waħda mill-akbar utenti tal-aluminju primarju, tal-azzar u tal-plastik, marbuta mal-manifattura ta' vetturi ġodda mqiegħda fis-suq tal-Unjoni. Dan jista' jirrappreżenta impatt ambjentali sinifikanti, marbut mal-enerġija meħtieġa għall-estrazzjoni u l-ipproċessar ta' dawn il-materjali. L-impronta ambjentali marbuta mal-manifattura ta' vetturi ġodda tista' tiżdied bl-elettrifikazzjoni li għaddejja bħalissa tal-flotta, kif ukoll minħabba użu aktar mifrux tal-elettronika f'mudelli futuri, li t-tnejn jeħtieġu ammont konsiderevoli ta' materja prima kritika u strateġika u metalli prezzjużi, bħar-ram u elementi tal-art rari. Ir-riżultat ta' dawn il-bidliet huwa li l-fażi tal-produzzjoni jista' jkollha impronta ambjentali akbar mill-fażi tal-użu tal-vetturi. Barra minn hekk, ir-rekwiżiti kurrenti fid-dritt tal-Unjoni dwar l-immaniġġar tal-iskart jirriżultaw f'irkupru subottimali tar-riżorsi minn vetturi li ma għadhomx jintużaw, u hemm potenzjal għoli li jiżdiedu l-kwantità u l-kwalità tal-partijiet, il-komponenti u l-materjali li għandhom jintużaw mill-ġdid, jiġu rimanifatturati, rinnovati jew riċiklati minn vetturi li ma għadhomx jintużaw. Sabiex jiġu indirizzati dawn l-impatti ambjentali u jingħata kontribut għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur, jeħtieġ li jittejjeb il-funzjonament tas-suq uniku u li tissaħħaħ it-tranżizzjoni tal-industrija tal-karozzi lejn ekonomija ċirkolari. Dan huwa konformi mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2020 dwar "Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari – Għal Ewropea aktar nadifa u kompetittiva"[38] li talbet reviżjoni tar-regoli kurrenti biex "jiġu promossi mudelli tan-negozju aktar ċirkolari billi l-kwistjonijiet tad-disinn jiġu marbuta mat-trattament fi tmiem il-ħajja, jiġu kkunsidrati regoli dwar il-kontenut riċiklat obbligatorju għal ċerti materjali, u tittejjeb l-effiċjenza tar-riċiklaġġ". Il-Kunsill[39] u l-Parlament[40] saħqu wkoll fuq il-ħtieġa ta' regoli ġodda tal-Unjoni dwar dawn il-kwistjonijiet, li jissostitwixxu r-regoli eżistenti dwar l-importanti għall-użu tar-riżorsi tal-enerġija u tal-materjal mill-Unjoni, u għalhekk għall-ġenerazzjoni ta' gassijiet serra. Il-produzzjoni ta' vetturi f'pajjiżi terzi li jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni tikkontribwixxi għall-ġenerazzjoni ta' gassijiet serra globali, li min-naħa tagħha għandha impatt ambjentali negattiv fuq l-Unjoni. Bidla mill-użu tal-fjuwils fossili fil-vetturi għal mobilità b'emissjonijiet żero, kif previst fil-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %", hija waħda mill-prerekwiżiti biex jintlaħaq l-għan tan-newtralità klimatika fl-2050. Dan se jnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mis-settur awtomobilistiku marbuta mal-fażi tal-użu tal-vetturi. L-industrija tal-karozzi hija waħda mill-akbar utenti tal-aluminju primarju, tal-azzar u tal-plastik, marbuta mal-manifattura ta' vetturi ġodda mqiegħda fis-suq tal-Unjoni. Dan jista' jirrappreżenta impatt ambjentali sinifikanti, marbut mal-enerġija meħtieġa għall-estrazzjoni u l-ipproċessar ta' dawn il-materjali. L-impronta ambjentali marbuta mal-manifattura ta' vetturi ġodda tista' tiżdied bl-elettrifikazzjoni li għaddejja bħalissa tal-flotta, kif ukoll minħabba użu aktar mifrux tal-elettronika f'mudelli futuri, li t-tnejn jeħtieġu ammont konsiderevoli ta' materja prima kritika u strateġika u metalli prezzjużi, bħar-ram u elementi tal-art rari. Ir-riżultat ta' dawn il-bidliet huwa li l-fażi tal-produzzjoni jista' jkollha impronta ambjentali akbar mill-fażi tal-użu tal-vetturi. Barra minn hekk, ir-rekwiżiti kurrenti fid-dritt tal-Unjoni dwar l-immaniġġar tal-iskart jirriżultaw f'irkupru subottimali tar-riżorsi minn vetturi li ma għadhomx jintużaw, u hemm potenzjal għoli li jiżdiedu l-kwantità u l-kwalità tal-partijiet, il-komponenti u l-materjali li għandhom jintużaw mill-ġdid, jiġu rimanifatturati, rinnovati jew riċiklati minn vetturi li ma għadhomx jintużaw. Sabiex jiġu indirizzati dawn l-impatti ambjentali u jingħata kontribut għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur, jeħtieġ li jittejjeb il-funzjonament tas-suq uniku u li

approvazzjoni tat-tip ta' vetturi fir-rigward tal-possibbiltajiet tal-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u l-irkupru u dwar vetturi li ma għadhomx jintużaw.

tissaħħaħ it-tranżizzjoni tal-industrija tal-karozzi lejn ekonomija ċirkolari. Dan huwa konformi mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2020 dwar "Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari – Għal Ewropea aktar nadifa u kompetittiva"[38] li talbet reviżjoni tar-regoli kurrenti biex "jiġu promossi mudelli tan-negozju aktar ċirkolari billi l-kwistjonijiet tad-disinn jiġu marbuta mat-trattament fi tmiem il-ħajja, jiġu kkunsidrati regoli dwar il-kontenut riċiklat obbligatorju għal ċerti materjali, u tittejjeb l-effiċjenza tar-riċiklaġġ". Il-Kunsill[39] u l-Parlament[40] saħqu wkoll fuq il-ħtieġa ta' regoli ġodda tal-Unjoni dwar dawn il-kwistjonijiet, li jissostitwixxu r-regoli eżistenti dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi fir-rigward tal-possibbiltajiet tal-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u l-irkupru u dwar vetturi li ma għadhomx jintużaw.

---

[38] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-11 ta' Marzu 2020, Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari Għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva, (COM(2020)98 final).

[39] Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2020, Nagħmlu l-Irkupru Ċirkolari u Ekoloġiku.

[40] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Frar 2021 dwar il-Pjan ta' Azzjoni l-Ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari.

[38] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-11 ta' Marzu 2020, Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari Għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva, (COM(2020)98 final).

[39] Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2020, Nagħmlu l-Irkupru Ċirkolari u Ekoloġiku.

[40] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Frar 2021 dwar il-Pjan ta' Azzjoni l-Ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari.

Or. en

Emenda 222
Matthieu Valet, Valérie Deloge, Mathilde Androuët, Marie-Luce Brasier-Clain, Anne-Sophie Frigout

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Is-settur awtomobilistiku huwa kontributur importanti għall-użu tar-riżorsi tal-enerġija u tal-materjal mill-Unjoni, u għalhekk għall-ġenerazzjoni ta' gassijiet serra. Il-produzzjoni ta' vetturi f'pajjiżi terzi li jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni tikkontribwixxi għall-ġenerazzjoni ta' gassijiet serra globali, li min-naħa tagħha għandha impatt ambjentali negattiv fuq l-Unjoni***. Bidla mill-użu tal-fjuwils fossili fil-vetturi għal mobilità b'emissjonijiet żero, kif previst fil-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %", hija waħda mill-prerekwiżiti biex jintlaħaq l-għan tan-newtralità klimatika fl-2050. Dan se jnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mis-settur awtomobilistiku marbuta mal-fażi tal-użu tal-vetturi***. L-industrija tal-karozzi hija waħda mill-akbar utenti tal-aluminju primarju, tal-azzar u tal-plastik, marbuta mal-manifattura ta' vetturi ġodda mqiegħda fis-suq tal-Unjoni. Dan jista' jirrappreżenta impatt ambjentali sinifikanti, marbut mal-enerġija meħtieġa għall-estrazzjoni u l-ipproċessar ta' dawn il-materjali. L-impronta ambjentali marbuta mal-manifattura ta' vetturi ġodda tista' tiżdied bl-elettrifikazzjoni li għaddejja bħalissa tal-flotta, kif ukoll minħabba użu aktar mifrux tal-elettronika f'mudelli futuri, li t-tnejn jeħtieġu ammont konsiderevoli ta' materja prima kritika u strateġika u metalli prezzjużi, bħar-ram u elementi tal-art rari. Ir-riżultat ta' dawn il-bidliet huwa li l-fażi tal-produzzjoni jista' jkollha impronta ambjentali akbar mill-fażi tal-użu tal-vetturi. Barra minn hekk, ir-rekwiżiti kurrenti fid-dritt tal-Unjoni dwar l-immaniġġar tal-iskart jirriżultaw f'irkupru subottimali tar-riżorsi minn vetturi li ma għadhomx jintużaw, u hemm potenzjal għoli li jiżdiedu l-kwantità u l-kwalità tal-partijiet, il-komponenti u l-materjali li għandhom jintużaw mill-ġdid,	(2) Is-settur awtomobilistiku huwa kontributur importanti għall-użu tar-riżorsi tal-enerġija u tal-materjal mill-Unjoni, u għalhekk għall-ġenerazzjoni ta' gassijiet serra. Il-produzzjoni ta' vetturi f'pajjiżi terzi li jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni tikkontribwixxi għall-ġenerazzjoni ta' gassijiet serra globali, li min-naħa tagħha għandha impatt ambjentali negattiv fuq l-Unjoni. L-industrija tal-karozzi hija waħda mill-akbar utenti tal-aluminju primarju, tal-azzar u tal-plastik, marbuta mal-manifattura ta' vetturi ġodda mqiegħda fis-suq tal-Unjoni. Dan jista' jirrappreżenta impatt ambjentali sinifikanti, marbut mal-enerġija meħtieġa għall-estrazzjoni u l-ipproċessar ta' dawn il-materjali. L-impronta ambjentali marbuta mal-manifattura ta' vetturi ġodda tista' tiżdied bl-elettrifikazzjoni li għaddejja bħalissa tal-flotta, kif ukoll minħabba użu aktar mifrux tal-elettronika f'mudelli futuri, li t-tnejn jeħtieġu ammont konsiderevoli ta' materja prima kritika u strateġika u metalli prezzjużi, bħar-ram u elementi tal-art rari. Ir-riżultat ta' dawn il-bidliet huwa li l-fażi tal-produzzjoni jista' jkollha impronta ambjentali akbar mill-fażi tal-użu tal-vetturi. Barra minn hekk, ir-rekwiżiti kurrenti fid-dritt tal-Unjoni dwar l-immaniġġar tal-iskart jirriżultaw f'irkupru subottimali tar-riżorsi minn vetturi li ma għadhomx jintużaw, u hemm potenzjal għoli li jiżdiedu l-kwantità u l-kwalità tal-partijiet, il-komponenti u l-materjali li għandhom jintużaw mill-ġdid, jiġu rimanifatturati, rinnovati jew riċiklati minn vetturi li ma għadhomx jintużaw. Sabiex jiġu indirizzati dawn l-impatti ambjentali u jingħata kontribut għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur, jeħtieġ li jittejjeb il-funzjonament tas-suq uniku u li tissaħħaħ it-tranżizzjoni tal-industrija tal-karozzi lejn ekonomija ċirkolari. Dan huwa konformi

jiġu rimanifatturati, rinnovati jew riċiklati minn vetturi li ma għadhomx jintużaw. Sabiex jiġu indirizzati dawn l-impatti ambjentali u jingħata kontribut għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur, jeħtieġ li jittejjeb il-funzjonament tas-suq uniku u li tissaħħaħ it-tranżizzjoni tal-industrija tal-karozzi lejn ekonomija ċirkolari. Dan huwa konformi mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2020 dwar "Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari – Għal Ewropea aktar nadifa u kompetittiva"[38] li talbet reviżjoni tar-regoli kurrenti biex "jiġu promossi mudelli tan-negozju aktar ċirkolari billi l-kwistjonijiet tad-disinn jiġu marbuta mat-trattament fi tmiem il-ħajja, jiġu kkunsidrati regoli dwar il-kontenut riċiklat obbligatorju għal ċerti materjali, u tittejjeb l-effiċjenza tar-riċiklaġġ". Il-Kunsill[39] u l-Parlament[40] saħqu wkoll fuq il-ħtieġa ta' regoli ġodda tal-Unjoni dwar dawn il-kwistjonijiet, li jissostitwixxu r-regoli eżistenti dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi fir-rigward tal-possibbiltajiet tal-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u l-irkupru u dwar vetturi li ma għadhomx jintużaw.

mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2020 dwar "Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari – Għal Ewropea aktar nadifa u kompetittiva"[38] li talbet reviżjoni tar-regoli kurrenti biex "jiġu promossi mudelli tan-negozju aktar ċirkolari billi l-kwistjonijiet tad-disinn jiġu marbuta mat-trattament fi tmiem il-ħajja, jiġu kkunsidrati regoli dwar il-kontenut riċiklat obbligatorju għal ċerti materjali, u tittejjeb l-effiċjenza tar-riċiklaġġ". Il-Kunsill[39] u l-Parlament[40] saħqu wkoll fuq il-ħtieġa ta' regoli ġodda tal-Unjoni dwar dawn il-kwistjonijiet, li jissostitwixxu r-regoli eżistenti dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi fir-rigward tal-possibbiltajiet tal-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u l-irkupru u dwar vetturi li ma għadhomx jintużaw.

---

[38] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-11 ta' Marzu 2020, Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari Għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva, (COM(2020)98 final).

[39] Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2020, Nagħmlu l-Irkupru Ċirkolari u Ekoloġiku.

[40] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Frar 2021 dwar il-Pjan ta' Azzjoni l-Ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari.

[38] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-11 ta' Marzu 2020, Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari Għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva, (COM(2020)98 final).

[39] Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2020, Nagħmlu l-Irkupru Ċirkolari u Ekoloġiku.

[40] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Frar 2021 dwar il-Pjan ta' Azzjoni l-Ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari.

Or. fr

Emenda 223
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Id-Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[41] tistabbilixxi rekwiżiti armonizzati ta' trattament għal vetturi li ma għadhomx jintużaw u miri għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid u l-irkupru tal-vetturi. Din tistabbilixxi obbligi dwar il-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, kif ukoll obbligi għall-operaturi ekonomiċi, b'mod partikolari r-restrizzjoni tal-użu ta' metalli tqal fil-vetturi. Dan joħloq ukoll regoli bażiċi dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produtturi, li jirrikjedu li l-produtturi tal-vetturi jkopru parti mill-kostijiet tal-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw.	(3) Id-Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[41] tistabbilixxi rekwiżiti armonizzati ta' trattament għal vetturi li ma għadhomx jintużaw u miri għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid u l-irkupru tal-vetturi. Din tistabbilixxi obbligi dwar il-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, kif ukoll obbligi għall-operaturi ekonomiċi, b'mod partikolari r-restrizzjoni tal-użu ta' metalli tqal fil-vetturi. Dan joħloq ukoll regoli bażiċi dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produtturi, li jirrikjedu li l-produtturi tal-vetturi jkopru parti mill-kostijiet tal-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw. ***F'konformità mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas minqux fl-Artikolu 191(2) tat-TFUE, il-produtturi jenħtieġ li jassumu responsabbiltà finanzjarja u operazzjonali għall-ġestjoni xierqa tal-vetturi li jintroduċu fis-suq, filwaqt li jiżguraw li l-kostijiet relatati mal-ġestjoni tal-kostijiet ta' tmiem il-ħajja tagħhom ma jiġux trasferiti lill-konsumaturi, lill-awtoritajiet pubbliċi jew lis-servizzi tal-iskart. It-tisħiħ tar-responsabbiltà estiża tal-produttur huwa essenzjali biex titmexxa ċ-ċirkolarità, jiġi inċentivat id-disinn sostenibbli u jiġu evitati esternalitajiet ambjentali.***
[41] Id-Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 dwar vetturi li ma għadhomx jintużaw (ĠU L 269, 21.10.2000, p. 34).	[41] Id-Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 dwar vetturi li ma għadhomx jintużaw (ĠU L 269, 21.10.2000, p. 34).

Or. en

Emenda 224
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) L-evalwazzjoni tal-Kummissjoni tad-Direttiva 2000/53/KE[42] enfasizzat li kienet effettiva fl-ilħuq ta' ħafna mill-objettivi inizjali tagħha, speċjalment l-eliminazzjoni tal-kadmju, taċ-ċomb, tal-merkurju u tal-kromu eżavalenti mill-vetturi, żieda fil-punti ta' ġbir għal vetturi li ma għadhomx jintużaw u l-ilħuq tal-miri ta' rkupru u riċiklaġġ. Madankollu, l-evalwazzjoni sabet li d-Direttiva ma kinitx tindirizza biżżejjed kwistjonijiet importanti marbuta mal-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw u ma kinitx adattata aktar biex tiżgura kwalità għolja ta' trattament ta' dawn il-vetturi.	(4) L-evalwazzjoni tal-Kummissjoni tad-Direttiva 2000/53/KE[42] enfasizzat li kienet effettiva fl-ilħuq ta' ħafna mill-objettivi inizjali tagħha, speċjalment l-eliminazzjoni tal-kadmju, taċ-ċomb, tal-merkurju u tal-kromu eżavalenti mill-vetturi, żieda fil-punti ta' ġbir għal vetturi li ma għadhomx jintużaw u l-ilħuq tal-miri ta' rkupru u riċiklaġġ. Madankollu, l-evalwazzjoni sabet li d-Direttiva ma kinitx tindirizza biżżejjed kwistjonijiet importanti marbuta mal-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw u ma kinitx adattata aktar biex tiżgura kwalità għolja ta' trattament ta' dawn il-vetturi. ***B'mod partikolari, l-evalwazzjoni identifikat il-kwistjoni ta' "vetturi neqsin", li jirrappreżentaw madwar 35 % tal-vetturi kollha dereġistrati kull sena, bħala l-problema ewlenija fl-implimentazzjoni tad-Direttiva.***
[42] Evalwazzjoni tad-Direttiva (KE) 2000/53 tat-18 ta' Settembru 2000 dwar vetturi li ma għadhomx jintużaw, SWD(2021) 61 final.	[42] Evalwazzjoni tad-Direttiva (KE) 2000/53 tat-18 ta' Settembru 2000 dwar vetturi li ma għadhomx jintużaw, SWD(2021) 61 final.

Or. en

Emenda 225
Matthieu Valet, Valérie Deloge, Mathilde Androuët, Marie-Luce Brasier-Clain, Anne-Sophie Frigout

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Id-Direttiva 2005/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[43] tirregola l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi fir-rigward tal-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid, riċiklaġġ u rkupru tagħhom, sabiex dawn il-vetturi jkunu jistgħu jilħqu l-miri stabbiliti fid-Direttiva 2000/53/KE fl-istadju ta' tmiem il-ħajja tagħhom. Dik id-Direttiva ma kinitx effettiva biex ittejjeb b'mod sostanzjali ***il-possibbiltajiet*** tal-użu mill-ġdid, tar-riċiklaġġ u tal-irkupru ta' vetturi ġodda u ma hijiex adattata għall-karatteristiċi ta' vetturi ġodda, li nbidlu b'mod konsiderevoli mid-dħul fis-seħħ ta' dik id-Direttiva.	(5) Id-Direttiva 2005/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[43] tirregola l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi fir-rigward tal-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid, riċiklaġġ u rkupru tagħhom, sabiex dawn il-vetturi jkunu jistgħu jilħqu l-miri stabbiliti fid-Direttiva 2000/53/KE fl-istadju ta' tmiem il-ħajja tagħhom. Dik id-Direttiva ma kinitx effettiva biex ittejjeb b'mod sostanzjali ***l-possibbiltajiet*** tal-użu mill-ġdid, tar-riċiklaġġ u tal-irkupru ta' vetturi ġodda u ma hijiex adattata għall-karatteristiċi ta' vetturi ġodda, li nbidlu b'mod konsiderevoli mid-dħul fis-seħħ ta' dik id-Direttiva***, b'mod partikolari l-vetturi elettriċi li l-batteriji tagħhom jikkostitwixxu rata baxxa ta' riċiklaġġ***.
[43] Id-Direttiva 2005/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-possibbiltajiet tal-użu mill-ġdid, tar-riċiklaġġ u tal-irkupru tagħhom, u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE (ĠU L 310, 25.11.2005, p. 10).	[43] Id-Direttiva 2005/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-possibbiltajiet tal-użu mill-ġdid, tar-riċiklaġġ u tal-irkupru tagħhom, u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE (ĠU L 310, 25.11.2005, p. 10).

Or. fr

Emenda 226
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Sabiex jittejjeb il-funzjonament tas-suq uniku***, filwaqt li*** jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent, huwa essenzjali li jiġu armonizzati ***l-kundizzjonijiet*** għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi fir-rigward	(7) Sabiex jittejjeb il-funzjonament tas-suq uniku ***u*** jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent, huwa essenzjali li jiġu armonizzati ***u stabbiliti kundizzjonijiet ġodda*** għall-approvazzjoni tat-tip ta'

tal-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid, ***riċiklaġġ*** u ***rkupru*** tagħhom, kif ukoll il-kundizzjonijiet li jirregolaw l-immaniġġar tal-iskart fis-settur awtomobilistiku. Hemm rabtiet intrinsiċi bejn l-istadju tal-produzzjoni u t-trattament fi tmiem il-ħajja tal-vetturi, peress li t-trattament ambjentalment san tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw jiddependi ħafna minn kif il-vetturi jiġu ddisinjati u mibnija fl-ewwel post. Għalhekk, l-aktar mod effiċjenti biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni tas-settur awtomobilistiku lejn ekonomija ċirkolari huwa li jiġi stabbilit qafas regolatorju uniformi fil-livell tal-Unjoni, li jkopri b'mod integrat u konsistenti d-disinn, il-manifattura, it-tqegħid fis-suq fl-Unjoni u t-trattament ta' tmiem il-ħajja tal-vetturi. Dan huwa essenzjali wkoll għall-iżvilupp tas-suq tal-Unjoni għall-materja prima sekondarja li hija inkluża f'vetturi ġodda mqiegħda fis-suq, kif ukoll biex jiġu evitati l-ostakli għall-kummerċ u d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni, tiġi żgurata ċ-ċarezza legali u jittejbu l-prestazzjonijiet ambjentali tal-operaturi ekonomiċi kollha involuti fid-disinn, fil-produzzjoni u fit-trattament ta' tmiem il-ħajja tal-vetturi. Sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi u ***l-ħtieġa*** li jkun hemm regoli uniformi għas-suq uniku xprunati minn ħassib ambjentali, ***u*** f'konformità mal-leġiżlazzjoni ġenerali tal-Unjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur, id-Direttiva 2000/53/KE u d-Direttiva 2005/64/KE jenħtieġ li jiġu sostitwiti b'Regolament, abbażi ***tal-Artikolu*** 114 dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

vetturi fir-rigward ***tad-disinn għat-tiswija,*** tal-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid, ***tar-rimanifattura, tar-rinnovazzjoni, tal-modifika retroattiva, tar-riċiklaġġ*** u ***tal-irkupru*** tagħhom, kif ukoll il-kundizzjonijiet li jirregolaw l-immaniġġar tal-iskart fis-settur awtomobilistiku. Hemm rabtiet intrinsiċi bejn l-istadju tal-produzzjoni***, il-fażi tal-użu*** u t-trattament fi tmiem il-ħajja tal-vetturi, peress li ***l-fattibbiltà tat-tiswija, l-użu mill-ġdid, ir-rimanifattura, ir-rinnovazzjoni, il-modifika retroattiva u*** t-trattament ***b'mod*** ambjentalment san tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw jiddependi ħafna minn kif il-vetturi jiġu ddisinjati u mibnija fl-ewwel post. Għalhekk, l-aktar mod effiċjenti biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni tas-settur awtomobilistiku lejn ekonomija ċirkolari huwa li jiġi stabbilit qafas regolatorju uniformi fil-livell tal-Unjoni, li jkopri b'mod integrat u konsistenti d-disinn, il-manifattura, it-tqegħid fis-suq fl-Unjoni u t-trattament ta' tmiem il-ħajja tal-vetturi. Dan huwa essenzjali wkoll għall-iżvilupp tas-suq tal-Unjoni għall-materja prima sekondarja li hija inkluża f'vetturi ġodda mqiegħda fis-suq, kif ukoll biex jiġu evitati l-ostakli għall-kummerċ u d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni, tiġi żgurata ċ-ċarezza legali u jittejbu l-prestazzjonijiet ambjentali tal-operaturi ekonomiċi kollha involuti fid-disinn, fil-produzzjoni u fit-trattament ta' tmiem il-ħajja tal-vetturi. Sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi u ***fid-dawl tal-ħtieġa*** li jkun hemm regoli uniformi għas-suq uniku xprunati minn ħassib ambjentali, f'konformità mal-leġiżlazzjoni ġenerali tal-Unjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur***, u b'mod koerenti ma' leġiżlazzjoni komplementari u simili bħar-Regolament 2023/1542 dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji u r-Regolament 2024/1781 dwar ir-rekwiżiti tal-ekodisinn għal prodotti sostenibbli***, id-Direttiva 2000/53/KE u d-Direttiva 2005/64/KE jenħtieġ li jiġu sostitwiti b'Regolament, abbażi ***tal-Artikoli*** 114 ***u 192*** dwar il-

Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Or. en

Emenda 227
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Sabiex jittejjeb il-funzjonament tas-suq uniku, filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent, huwa essenzjali li jiġu armonizzati l-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi fir-rigward tal-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid, riċiklaġġ u rkupru tagħhom, kif ukoll il-kundizzjonijiet li jirregolaw l-immaniġġar tal-iskart fis-settur awtomobilistiku. Hemm rabtiet intrinsiċi bejn l-istadju tal-produzzjoni u t-trattament fi tmiem il-ħajja tal-vetturi, peress li t-trattament ambjentalment san tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw jiddependi ħafna minn kif il-vetturi jiġu ddisinjati u mibnija fl-ewwel post. Għalhekk, l-aktar mod effiċjenti biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni tas-settur awtomobilistiku lejn ekonomija ċirkolari huwa li jiġi stabbilit qafas regolatorju uniformi fil-livell tal-Unjoni, li jkopri b'mod integrat u konsistenti d-disinn, il-manifattura, it-tqegħid fis-suq fl-Unjoni u t-trattament ta' tmiem il-ħajja tal-vetturi. Dan huwa essenzjali wkoll għall-iżvilupp tas-suq tal-Unjoni għall-materja prima sekondarja li hija inkluża f'vetturi ġodda mqiegħda fis-suq, kif ukoll biex jiġu evitati l-ostakli għall-kummerċ u d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni, tiġi żgurata ċ-ċarezza legali u jittejbu l-prestazzjonijiet ambjentali tal-operaturi ekonomiċi kollha involuti fid-disinn, fil-produzzjoni u fit-trattament ta' tmiem il-	(7) Sabiex jittejjeb il-funzjonament tas-suq uniku, filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent, huwa essenzjali li jiġu armonizzati l-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi fir-rigward tal-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid, riċiklaġġ u rkupru tagħhom, kif ukoll il-kundizzjonijiet li jirregolaw l-immaniġġar tal-iskart fis-settur awtomobilistiku ***u l-esportazzjoni ta' vetturi użati***. Hemm rabtiet intrinsiċi bejn l-istadju tal-produzzjoni u t-trattament fi tmiem il-ħajja tal-vetturi, peress li t-trattament ambjentalment san tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw jiddependi ħafna minn kif il-vetturi jiġu ddisinjati u mibnija fl-ewwel post. Għalhekk, l-aktar mod effiċjenti biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni tas-settur awtomobilistiku lejn ekonomija ċirkolari huwa li jiġi stabbilit qafas regolatorju uniformi fil-livell tal-Unjoni, li jkopri b'mod integrat u konsistenti d-disinn, il-manifattura, it-tqegħid fis-suq fl-Unjoni u t-trattament ta' tmiem il-ħajja tal-vetturi. Dan huwa essenzjali wkoll għall-iżvilupp tas-suq tal-Unjoni għall-materja prima sekondarja li hija inkluża f'vetturi ġodda mqiegħda fis-suq, kif ukoll biex jiġu evitati l-ostakli għall-kummerċ u d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni, tiġi żgurata ċ-ċarezza legali u jittejbu l-prestazzjonijiet ambjentali tal-operaturi ekonomiċi kollha involuti fid-disinn, fil-

ħajja tal-vetturi. Sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi u l-ħtieġa li jkun hemm regoli uniformi għas-suq uniku xprunati minn tħassib ambjentali, u f'konformità mal-leġiżlazzjoni ġenerali tal-Unjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur, id-Direttiva 2000/53/KE u d-Direttiva 2005/64/KE jenħtieġ li jiġu sostitwiti b'Regolament, abbażi tal-Artikolu 114 dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

produzzjoni u fit-trattament ta' tmiem il-ħajja tal-vetturi. Sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi u l-ħtieġa li jkun hemm regoli uniformi għas-suq uniku xprunati minn tħassib ambjentali, u f'konformità mal-leġiżlazzjoni ġenerali tal-Unjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur, id-Direttiva 2000/53/KE u d-Direttiva 2005/64/KE jenħtieġ li jiġu sostitwiti b'Regolament, abbażi tal-Artikolu 114 dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Or. en

Emenda 228
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Sabiex jittejjeb il-funzjonament tas-suq uniku, filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent, huwa essenzjali li jiġu armonizzati l-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi fir-rigward tal-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid, riċiklaġġ u rkupru tagħhom, kif ukoll il-kundizzjonijiet li jirregolaw l-immaniġġar tal-iskart fis-settur awtomobilistiku. Hemm rabtiet intrinsiċi bejn l-istadju tal-produzzjoni u t-trattament fi tmiem il-ħajja tal-vetturi, peress li t-trattament ambjentalment san tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw jiddependi ħafna minn kif il-vetturi jiġu ddisinjati u mibnija fl-ewwel post. Għalhekk, l-aktar mod effiċjenti biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni tas-settur awtomobilistiku lejn ekonomija ċirkolari huwa li jiġi stabbilit qafas regolatorju uniformi fil-livell tal-Unjoni, li jkopri b'mod integrat u konsistenti d-disinn, il-manifattura, it-tqegħid fis-suq fl-Unjoni u t-trattament ta' tmiem il-ħajja tal-vetturi. Dan huwa essenzjali wkoll għall-	(7) Sabiex jittejjeb il-funzjonament tas-suq uniku, filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent, huwa essenzjali li jiġu armonizzati l-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi fir-rigward tal-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid, riċiklaġġ u rkupru tagħhom, kif ukoll il-kundizzjonijiet li jirregolaw l-immaniġġar tal-iskart fis-settur awtomobilistiku. Hemm rabtiet intrinsiċi bejn l-istadju tal-produzzjoni u t-trattament fi tmiem il-ħajja tal-vetturi, peress li t-trattament ambjentalment san tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw jiddependi ħafna minn kif il-vetturi jiġu ddisinjati u mibnija fl-ewwel post. Għalhekk, l-aktar mod effiċjenti biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni tas-settur awtomobilistiku lejn ekonomija ċirkolari huwa li jiġi stabbilit qafas regolatorju uniformi fil-livell tal-Unjoni, li jkopri b'mod integrat u konsistenti d-disinn, ***skont il-prinċipju li jelimina l-iskart,*** il-manifattura, it-tqegħid fis-suq fl-Unjoni u t-trattament ta' tmiem il-ħajja tal-

iżvilupp tas-suq tal-Unjoni għall-materja prima sekondarja li hija inkluża f'vetturi ġodda mqiegħda fis-suq, kif ukoll biex jiġu evitati l-ostakli għall-kummerċ u d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni, tiġi żgurata ċ-ċarezza legali u jittejbu l-prestazzjonijiet ambjentali tal-operaturi ekonomiċi kollha involuti fid-disinn, fil-produzzjoni u fit-trattament ta' tmiem il-ħajja tal-vetturi. Sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi u l-ħtieġa li jkun hemm regoli uniformi għas-suq uniku xprunati minn tħassib ambjentali, u f'konformità mal-leġiżlazzjoni ġenerali tal-Unjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur, id-Direttiva 2000/53/KE u d-Direttiva 2005/64/KE jenħtieġ li jiġu sostitwiti b'Regolament, abbażi tal-Artikolu 114 dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

vetturi. Dan huwa essenzjali wkoll għall-iżvilupp tas-suq tal-Unjoni għall-materja prima sekondarja li hija inkluża f'vetturi ġodda mqiegħda fis-suq, kif ukoll biex jiġu evitati l-ostakli għall-kummerċ u d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni, tiġi żgurata ċ-ċarezza legali u jittejbu l-prestazzjonijiet ambjentali tal-operaturi ekonomiċi kollha involuti fid-disinn, fil-produzzjoni u fit-trattament ta' tmiem il-ħajja tal-vetturi. Sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi u l-ħtieġa li jkun hemm regoli uniformi għas-suq uniku xprunati minn tħassib ambjentali, u f'konformità mal-leġiżlazzjoni ġenerali tal-Unjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur, id-Direttiva 2000/53/KE u d-Direttiva 2005/64/KE jenħtieġ li jiġu sostitwiti b'Regolament, abbażi tal-Artikolu 114 dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Or. en

Emenda 229
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Id-Direttivi 2000/53/KE u 2005/64/KE japplikaw biss għall-vetturi tal-passiġġieri (M_1) u għall-vetturi kummerċjali ħfief (N_1), li jikkostitwixxu madwar 85 % tal-vetturi kollha rreġistrati fl-Unjoni. Il-bqija tal-vetturi, jiġifieri vetturi b'żewġ roti u bi tliet roti, trakkijiet, karozzi tal-linja u trejlers, ma huma soġġetti għall-ebda leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-ekodisinn u l-ġestjoni tagħhom fl-istadji ta' tmiem il-ħajja tagħhom. Għalhekk, sabiex jiġi żgurat qafas ċirkolari għall-vetturi kollha rreġistrati fl-Unjoni, inkluż it-trattament tagħhom li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent, kif ukoll biex	(8) Id-Direttivi 2000/53/KE u 2005/64/KE japplikaw biss għall-vetturi tal-passiġġieri (M_1) u għall-vetturi kummerċjali ħfief (N_1), li jikkostitwixxu madwar 85 % tal-vetturi kollha rreġistrati fl-Unjoni. Il-bqija tal-vetturi, jiġifieri vetturi b'żewġ roti u bi tliet roti, trakkijiet, karozzi tal-linja u trejlers, ma huma soġġetti għall-ebda leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-ekodisinn u l-ġestjoni tagħhom fl-istadji ta' tmiem il-ħajja tagħhom. Għalhekk, sabiex jiġi żgurat qafas ċirkolari għall-vetturi kollha rreġistrati fl-Unjoni, inkluż it-trattament tagħhom li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent, kif ukoll biex

tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq uniku, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mhux biss għall-vetturi tal-kategoriji M_1 u N_1, iżda***, parzjalment,*** anki għal ċerti vetturi tal-kategorija L (L_3e-L_7e), vetturi heavy-duty u t-trejlers tagħhom (M_2, M_3, N_2, N_3, O). ***Hemm nuqqas ta' informazzjoni komprensiva dwar it-trattament ta' tali vetturi fi tmiem il-ħajja tagħhom fl-Unjoni, li jipprevjeni li għalihom jiġi applikat l-istess reġim bħal dak li japplika għall-vetturi M_1 u N_1 mad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Madankollu, ir-rekwiżiti rigward il-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, it-twassil obbligatorju tagħhom f'faċilitajiet awtorizzati ta' trattament għat-trattament kif ukoll it-tindif mit-tniġġis tagħhom jenħtieġ li japplikaw għal vetturi tal-kategorija L (L_3e-L_7e) u vetturi heavy-duty u t-trejlers tagħhom (M_2, M_3, N_2, N_3, O). Sabiex jiġi ffaċilitat it-trattament ta' dawn il-vetturi li ma għadhomx jintużaw, il-manifatturi tagħhom jenħtieġ li jkunu meħtieġa jipprovdu informazzjoni dwar it-tneħħija u s-sostituzzjoni ta' partijiet, komponenti u materjali minn tali vetturi. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet li jirregolaw ir-responsabbiltà estiża tal-produttur jenħtieġ li japplikaw għal dawn il-kategoriji ta' vetturi, li jkopru l-kostijiet tal-ġbir u tat-tindif mit-tniġġis tagħhom fi tmiem il-ħajja tagħhom.***

tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq uniku, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mhux biss għall-vetturi tal-kategoriji M_1 u N_1, iżda anki għal ċerti vetturi tal-kategorija L (L_3e-L_7e), vetturi heavy-duty u t-trejlers tagħhom (M_2, M_3, N_2, N_3, O).

Or. en

Emenda 230
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Id-Direttivi 2000/53/KE u 2005/64/KE japplikaw biss għall-vetturi tal-passiġġieri (M_1) u għall-vetturi	(8) Id-Direttivi 2000/53/KE u 2005/64/KE japplikaw biss għall-vetturi tal-passiġġieri (M_1) u għall-vetturi

kummerċjali ħfief (N_1), li jikkostitwixxu madwar 85 % tal-vetturi kollha rreġistrati fl-Unjoni. Il-bqija tal-vetturi, jiġifieri vetturi b'żewġ roti u bi tliet roti, trakkijiet, karozzi tal-linja u trejlers, ma huma soġġetti għall-ebda leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-ekodisinn u l-ġestjoni tagħhom fl-istadji ta' tmiem il-ħajja tagħhom. Għalhekk, sabiex jiġi żgurat qafas ċirkolari għall-vetturi kollha rreġistrati fl-Unjoni, inkluż it-trattament tagħhom li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent, kif ukoll biex tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq uniku, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mhux biss għall-vetturi tal-kategoriji M_1 u N_1, iżda, parzjalment, anki għal ***ċerti*** vetturi tal-kategorija L (L_3e-L_7e), vetturi heavy-duty u t-trejlers tagħhom (M_2, M_3, N_2, N_3, O). ***Hemm nuqqas ta' informazzjoni komprensiva dwar it-trattament ta' tali vetturi fi tmiem il-ħajja tagħhom fl-Unjoni, li jipprevjeni li għalihom jiġi applikat l-istess reġim bħal dak li japplika għall-vetturi M_1 u N_1 mad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Madankollu,*** ir-rekwiżiti rigward il-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, it-twassil obbligatorju tagħhom f'faċilitajiet awtorizzati ta' trattament għat-trattament kif ukoll it-tindif mit-tniġġis tagħhom jenħtieġ li japplikaw għal vetturi tal-kategorija L (L_3e-L_7e) u vetturi heavy-duty u t-trejlers tagħhom (M_2, M_3, N_2, N_3, O). Sabiex jiġi ffaċilitat it-trattament ta' dawn il-vetturi li ma għadhomx jintużaw, il-manifatturi tagħhom jenħtieġ li jkunu meħtieġa jipprovdu informazzjoni dwar it-tneħħija u s-sostituzzjoni ta' partijiet, komponenti u materjali minn tali vetturi. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet li jirregolaw ir-responsabbiltà estiża tal-produttur jenħtieġ li japplikaw għal dawn il-kategoriji ta' vetturi, li jkopru l-kostijiet tal-ġbir u tat-tindif mit-tniġġis tagħhom fi tmiem il-ħajja tagħhom.

kummerċjali ħfief (N_1), li jikkostitwixxu madwar 85 % tal-vetturi kollha rreġistrati fl-Unjoni. Il-bqija tal-vetturi, jiġifieri vetturi b'żewġ roti u bi tliet roti, trakkijiet, karozzi tal-linja u trejlers, ma huma soġġetti għall-ebda leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-ekodisinn u l-ġestjoni tagħhom fl-istadji ta' tmiem il-ħajja tagħhom. Għalhekk, sabiex jiġi żgurat qafas ċirkolari għall-vetturi kollha rreġistrati fl-Unjoni, inkluż it-trattament tagħhom li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent, kif ukoll biex tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq uniku, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mhux biss għall-vetturi tal-kategoriji M_1 u N_1, iżda, parzjalment, anki għal vetturi tal-kategorija L (L_3e-L_7e), vetturi heavy-duty u t-trejlers tagħhom (M_2, M_3, N_2, N_3, O). Ir-rekwiżiti rigward il-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, it-twassil obbligatorju tagħhom f'faċilitajiet awtorizzati ta' trattament għat-trattament kif ukoll it-tindif mit-tniġġis tagħhom***, it-tiswija u t-tneħħija mhux distruttiva tal-komponenti tagħhom taċ-ċarġers tal-EV u l-mutur tat-trazzjoni elettrika abbord tagħhom*** jenħtieġ li japplikaw għal vetturi tal-kategorija L (L_3e-L_7e) u vetturi heavy-duty u t-trejlers tagħhom (M_2, M_3, N_2, N_3, O). Sabiex jiġi ffaċilitat it-trattament ta' dawn il-vetturi li ma għadhomx jintużaw, il-manifatturi tagħhom jenħtieġ li jkunu meħtieġa jipprovdu informazzjoni dwar it-tneħħija u s-sostituzzjoni ta' partijiet, komponenti u materjali minn tali vetturi. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet li jirregolaw ir-responsabbiltà estiża tal-produttur jenħtieġ li japplikaw għal dawn il-kategoriji ta' vetturi, li jkopru l-kostijiet tal-ġbir u tat-tindif mit-tniġġis tagħhom fi tmiem il-ħajja tagħhom.

Or. en

Emenda 231
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Id-Direttivi 2000/53/KE u 2005/64/KE japplikaw biss għall-vetturi tal-passiġġieri (M_1) u għall-vetturi kummerċjali ħfief (N_1), li jikkostitwixxu madwar 85 % tal-vetturi kollha rreġistrati fl-Unjoni. Il-bqija tal-vetturi, jiġifieri vetturi b'żewġ roti u bi tliet roti, trakkijiet, karozzi tal-linja u trejlers, ma huma soġġetti għall-ebda leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-ekodisinn u l-ġestjoni tagħhom fl-istadji ta' tmiem il-ħajja tagħhom. Għalhekk, sabiex jiġi żgurat qafas ċirkolari għall-vetturi kollha rreġistrati fl-Unjoni, inkluż it-trattament tagħhom li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent, kif ukoll biex tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq uniku, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mhux biss għall-vetturi tal-kategoriji M_1 u N_1, iżda, parzjalment, anki għal ***ċerti*** vetturi tal-kategorija L ***(L_3e-L_7e)***, vetturi heavy-duty u t-trejlers tagħhom (M_2, M_3, N_2, N_3, O). Hemm nuqqas ta' informazzjoni komprensiva dwar it-trattament ta' tali vetturi fi tmiem il-ħajja tagħhom fl-Unjoni, li jipprevjeni li għalihom jiġi applikat l-istess reġim bħal dak li japplika għall-vetturi M_1 u N_1 mad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Madankollu, ir-rekwiżiti rigward il-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, it-twassil obbligatorju tagħhom f'faċilitajiet awtorizzati ta' trattament għat-trattament kif ukoll it-tindif mit-tniġġis tagħhom jenħtieġ li japplikaw għal vetturi tal-kategorija L ***(L_3e-L_7e)*** u vetturi heavy-duty u t-trejlers tagħhom (M_2, M_3, N_2, N_3, O). Sabiex jiġi ffaċilitat it-trattament ta' dawn il-vetturi li ma għadhomx jintużaw, il-manifatturi tagħhom jenħtieġ li jkunu meħtieġa jipprovdu informazzjoni dwar it-	(8) Id-Direttivi 2000/53/KE u 2005/64/KE japplikaw biss għall-vetturi tal-passiġġieri (M_1) u għall-vetturi kummerċjali ħfief (N_1), li jikkostitwixxu madwar 85 % tal-vetturi kollha rreġistrati fl-Unjoni. Il-bqija tal-vetturi, jiġifieri vetturi b'żewġ roti u bi tliet roti, trakkijiet, karozzi tal-linja u trejlers, ma huma soġġetti għall-ebda leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-ekodisinn u l-ġestjoni tagħhom fl-istadji ta' tmiem il-ħajja tagħhom. Għalhekk, sabiex jiġi żgurat qafas ċirkolari għall-vetturi kollha rreġistrati fl-Unjoni, inkluż it-trattament tagħhom li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent, kif ukoll biex tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq uniku, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mhux biss għall-vetturi tal-kategoriji M_1 u N_1, iżda, parzjalment, anki għal vetturi tal-kategorija L, vetturi heavy-duty u t-trejlers tagħhom (M_2, M_3, N_2, N_3, O). Hemm nuqqas ta' informazzjoni komprensiva dwar it-trattament ta' tali vetturi fi tmiem il-ħajja tagħhom fl-Unjoni, li jipprevjeni li għalihom jiġi applikat l-istess reġim bħal dak li japplika għall-vetturi M_1 u N_1 mad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Madankollu, ir-rekwiżiti rigward il-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, it-twassil obbligatorju tagħhom f'faċilitajiet awtorizzati ta' trattament għat-trattament kif ukoll it-tindif mit-tniġġis tagħhom jenħtieġ li japplikaw għal vetturi tal-kategorija L u vetturi heavy-duty u t-trejlers tagħhom (M_2, M_3, N_2, N_3, O). Sabiex jiġi ffaċilitat it-trattament ta' dawn il-vetturi li ma għadhomx jintużaw, il-manifatturi tagħhom jenħtieġ li jkunu meħtieġa jipprovdu informazzjoni dwar it-tneħħija u s-sostituzzjoni ta' partijiet,

tneħħija u s-sostituzzjoni ta' partijiet, komponenti u materjali minn tali vetturi. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet li jirregolaw ir-responsabbiltà estiża tal-produttur jenħtieġ li japplikaw għal dawn il-kategoriji ta' vetturi, li jkopru l-kostijiet tal-ġbir u tat-tindif mit-tniġġis tagħhom fi tmiem il-ħajja tagħhom.

komponenti u materjali minn tali vetturi. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet li jirregolaw ir-responsabbiltà estiża tal-produttur jenħtieġ li japplikaw għal dawn il-kategoriji ta' vetturi, li jkopru l-kostijiet tal-ġbir u tat-tindif mit-tniġġis tagħhom fi tmiem il-ħajja tagħhom.

Or. en

Emenda 232
Matthieu Valet, Valérie Deloge, Mathilde Androuët, Marie-Luce Brasier-Clain, Anne-Sophie Frigout

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Id-Direttivi 2000/53/KE u 2005/64/KE japplikaw biss għall-vetturi tal-passiġġieri (M_1) u għall-vetturi kummerċjali ħfief (N_1), li jikkostitwixxu madwar 85 % tal-vetturi kollha rreġistrati fl-Unjoni. Il-bqija tal-vetturi, jiġifieri vetturi b'żewġ roti u bi tliet roti, trakkijiet, karozzi tal-linja u trejlers, ma huma soġġetti għall-ebda leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-ekodisinn u l-ġestjoni tagħhom fl-istadji ta' tmiem il-ħajja tagħhom. Għalhekk, sabiex jiġi żgurat qafas ċirkolari għall-vetturi kollha rreġistrati fl-Unjoni, inkluż it-trattament tagħhom li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent, kif ukoll biex tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq uniku, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mhux biss għall-vetturi tal-kategoriji M_1 u N_1, iżda, parzjalment, ***anki*** għal ċerti vetturi tal-kategorija L (L_3e-L_7e), vetturi heavy-duty u t-trejlers tagħhom (M_2, M_3, N_2, N_3, O). Hemm nuqqas ta' informazzjoni komprensiva dwar it-trattament ta' tali vetturi fi tmiem il-ħajja tagħhom fl-Unjoni, li jipprevjeni li għalihom jiġi applikat l-istess reġim bħal dak li japplika għall-vetturi M_1 u N_1 mad-	(8) Id-Direttivi 2000/53/KE u 2005/64/KE japplikaw biss għall-vetturi tal-passiġġieri (M_1) u għall-vetturi kummerċjali ħfief (N1), li jikkostitwixxu madwar 85 % tal-vetturi kollha rreġistrati fl-Unjoni. Il-bqija tal-vetturi, jiġifieri vetturi b'żewġ roti u bi tliet roti, trakkijiet, karozzi tal-linja u trejlers, ma huma soġġetti għall-ebda leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-ekodisinn u l-ġestjoni tagħhom fl-istadji ta' tmiem il-ħajja tagħhom. Għalhekk, sabiex jiġi żgurat qafas ċirkolari għall-vetturi kollha rreġistrati fl-Unjoni, inkluż it-trattament tagħhom li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent, kif ukoll biex tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq uniku, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mhux biss għall-vetturi tal-kategoriji M_1 u N_1, iżda, parzjalment, ***anki*** għal ċerti vetturi tal-kategorija L (L_3e-L_7e), vetturi heavy-duty u t-trejlers tagħhom (M_2, M_3, N_2, N_3, O). Hemm nuqqas ta' informazzjoni komprensiva dwar it-trattament ta' tali vetturi fi tmiem il-ħajja tagħhom fl-Unjoni, li jipprevjeni li għalihom jiġi applikat l-istess reġim bħal dak li japplika għall-vetturi M_1 u N_1 mad-

dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Madankollu, ir-rekwiżiti rigward il-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, it-twassil obbligatorju tagħhom f'faċilitajiet awtorizzati ta' trattament għat-trattament kif ukoll it-tindif mit-tniġġis tagħhom jenħtieġ li japplikaw għal vetturi tal-kategorija L (L_3e-L_7e) u vetturi heavy-duty u t-trejlers tagħhom (M_2, M_3, N_2, N_3, O). Sabiex jiġi ffaċilitat it-trattament ta' dawn il-vetturi li ma għadhomx jintużaw, il-manifatturi tagħhom jenħtieġ li jkunu meħtieġa jipprovdu informazzjoni dwar it-tneħħija ***u s-sostituzzjoni*** ta' partijiet, komponenti u materjali minn tali vetturi. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet li jirregolaw ir-responsabbiltà estiża tal-produttur jenħtieġ li japplikaw għal dawn il-kategoriji ta' vetturi, li jkopru l-kostijiet tal-ġbir u tat-tindif mit-tniġġis tagħhom fi tmiem il-ħajja tagħhom.

dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Madankollu, ir-rekwiżiti rigward il-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, it-twassil obbligatorju tagħhom f'faċilitajiet awtorizzati ta' trattament għat-trattament kif ukoll it-tindif mit-tniġġis tagħhom jenħtieġ li japplikaw għal vetturi tal-kategorija L (L_3e-L_7e) u vetturi heavy-duty u t-trejlers tagħhom (M_2, M_3, N_2, N_3, O). Sabiex jiġi ffaċilitat it-trattament ta' dawn il-vetturi li ma għadhomx jintużaw, il-manifatturi tagħhom jenħtieġ li jkunu meħtieġa jipprovdu informazzjoni dwar it-tneħħija***, is-sostituzzjoni u l-kodiċi numeriku*** ta' partijiet, komponenti u materjali minn tali vetturi. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet li jirregolaw ir-responsabbiltà estiża tal-produttur jenħtieġ li japplikaw għal dawn il-kategoriji ta' vetturi, li jkopru l-kostijiet tal-ġbir u tat-tindif mit-tniġġis tagħhom fi tmiem il-ħajja tagħhom.

Or. fr

Emenda 233
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Premessa 8 a (new)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) Sabiex tiġi żgurata l-koerenza regolatorja u tiġi evitata l-frammentazzjoni fis-Suq Uniku, huwa meħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jiġi estiż għal vetturi li jaqgħu taħt il-kategoriji L1 u L2 kif definiti fir-Regolament (UE) Nru 168/2013. Meta tali kategoriji ta' vetturi ma jkunux soġġetti għal reġistrazzjoni amministrattiva skont id-Direttiva 1999/37/KE fi Stat Membru individwali u sabiex tiġi garantita l-konformità ma' dan ir-Regolament, ir-reġistrazzjoni jenħtieġ li

tinvolvi r-reġistrazzjoni ta' vetturi f'sistema ekwivalenti li tippermetti l-identifikazzjoni tagħhom, inkluż fil-punt tal-introduzzjoni fis-suq, waqt l-użu u fi tmiem il-ħajja.

Or. en

Emenda 234
Beatrice Timgren

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Il-problemi bl-esportazzjoni ta' vetturi użati jikkonċernaw mhux biss il-vetturi tal-passiġġieri (***M_1***) u l-vetturi kummerċjali ħfief (***N_1***), iżda wkoll, kif juru l-istudji[45], vetturi akbar. Għalhekk, dawn id-dispożizzjonijiet jenħtieġ li japplikaw ukoll għal vetturi heavy-duty u t-trejlers tagħhom ***(M_2, M_3, N_2, N_3, O)***.	(9) Il-problemi bl-esportazzjoni ta' vetturi użati jikkonċernaw mhux biss il-vetturi tal-passiġġieri (***M1***) u l-vetturi kummerċjali ħfief (***N1***), iżda wkoll, kif juru l-istudji, vetturi akbar. Għalhekk, dawn id-dispożizzjonijiet jenħtieġ li japplikaw ukoll għal vetturi heavy-duty u t-trejlers tagħhom. ***Madankollu, ir-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjonijiet tal-vetturi jenħtieġ li ma jfixklux il-kummerċ leġittimu ġewwa u barra l-UE. Il-vetturi użati għandhom rwol importanti fis-swieq globali, u limitazzjonijiet arbitrarji fuq it-trasferiment tagħhom jistgħu joħolqu distorsjonijiet tas-suq, jagħmlu ħsara lill-operaturi ekonomiċi u jnaqqsu l-affordabbiltà tal-vetturi użati fl-UE u barra minnha. L-iżgurar ta' regoli ta' esportazzjoni ċari, ġusti u proporzjonati se jappoġġa l-attività ekonomika filwaqt li jinżammu standards ambjentali u ta' sikurezza.***
45 https://www.unep.org/resources/report/global-trade-used-vehicles-report	45 https://www.unep.org/resources/report/global-trade-used-vehicles-report

Or. en

Emenda 235
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Vetturi bi skop speċjali huma ddisinjati sabiex iwettqu funzjoni speċifika u jeħtieġu arranġamenti speċjali ta' karrozzerija li ma humiex kompletament taħt il-kontroll tal-manifattur. Għalhekk, ir-rati tal-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid, ta' riċiklaġġ u ta' rkupru ma jistgħux jiġu kkalkolati kif suppost. Għal dawk il-vetturi jenħtieġ li japplikaw biss id-dispożizzjonijiet dwar il-ġbir, it-tindif mit-tniġġis u t-tneħħija obbligatorja għall-partijiet u l-komponenti. Il-kostijiet tat-twettiq ta' dawn l-attivitajiet jenħtieġ li jkunu koperti mill-produtturi fi ħdan l-iskema ta' responsabbiltà estiża tal-produttur. Id-dispożizzjonijiet dwar is-sustanzi fil-vetturi jenħtieġ li japplikaw ukoll għal vetturi bi skop speċjali, kif inhu skont id-Direttiva 2000/53/KE. Il-manifattur tat-tieni stadju ta' vetturi li jkunu ngħataw approvazzjoni tat-tip f'approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji ma huwiex f'pożizzjoni li jikkalkula r-rati tal-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid, ta' riċiklaġġ u ta' rkupru għall-vetturi kompluti. Huwa għalhekk xieraq li l-obbligu ta' konformità ma' din id-Direttiva jiġi stabbilit biss fir-rigward tal-vettura bażi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 236
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Vetturi bi skop speċjali huma ddisinjati sabiex iwettqu funzjoni speċifika u jeħtieġu arranġamenti speċjali ta' karrozzerija li ma humiex kompletament taħt il-kontroll tal-manifattur. Għalhekk, ir-rati tal-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid, ta' riċiklaġġ u ta' rkupru ma jistgħux jiġu kkalkolati kif suppost. Għal dawk il-vetturi jenħtieġ li japplikaw biss id-dispożizzjonijiet dwar il-ġbir, it-tindif mit-tniġġis u t-tneħħija obbligatorja għall-partijiet u l-komponenti. Il-kostijiet tat-twettiq ta' dawn l-attivitajiet jenħtieġ li jkunu koperti mill-produtturi fi ħdan l-iskema ta' responsabbiltà estiża tal-produttur. Id-dispożizzjonijiet dwar is-sustanzi fil-vetturi jenħtieġ li japplikaw ukoll għal vetturi bi skop speċjali, kif inhu skont id-Direttiva 2000/53/KE. Il-manifattur tat-tieni stadju ta' vetturi li jkunu ngħataw approvazzjoni tat-tip f'approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji ma huwiex f'pożizzjoni li jikkalkula r-rati tal-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid, ta' riċiklaġġ u ta' rkupru għall-vetturi kompluti. Huwa għalhekk xieraq li l-obbligu ta' konformità ma' din id-Direttiva jiġi stabbilit biss fir-rigward tal-vettura bażi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 237
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Vetturi bi skop speċjali huma ddisinjati sabiex iwettqu ***funzjoni speċifika*** u jeħtieġu arranġamenti ***speċjali*** ta'	(10) Vetturi bi skop speċjali***, inklużi ambulanzi, trakkijiet tat-tifi tan-nar, vetturi militari u unitajiet speċjalizzati***

karrozzerija ***li ma humiex kompletament taħt il-kontroll*** tal-manifattur. ***Għalhekk, ir-rati tal-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid, ta' riċiklaġġ u ta' rkupru ma jistgħux jiġu kkalkolati kif suppost. Għal dawk il-vetturi jenħtieġ li japplikaw biss id-dispożizzjonijiet dwar il-ġbir, it-tindif mit-tniġġis u t-tneħħija obbligatorja għall-partijiet u l-komponenti. Il-kostijiet tat-twettiq ta'*** dawn ***l-attivitajiet jenħtieġ li jkunu koperti mill-produtturi fi ħdan l-iskema ta' responsabbiltà estiża tal-produttur. Id-dispożizzjonijiet dwar is-sustanzi fil-vetturi jenħtieġ li japplikaw ukoll għal vetturi bi skop speċjali, kif inhu skont id-Direttiva 2000/53/KE. Il-manifattur tat-tieni stadju ta'*** vetturi ***li jkunu ngħataw approvazzjoni tat-tip f'approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji ma huwiex f'pożizzjoni li jikkalkula r-rati tal-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid, ta' riċiklaġġ u ta' rkupru għall-vetturi kompluti. Huwa għalhekk xieraq li l-obbligu ta' konformità ma' din id-Direttiva jiġi stabbilit biss fir-rigward tal-vettura bażi.***

oħra, huma ddisinjati sabiex iwettqu ***funzjonijiet speċifiċi*** u jeħtieġu arranġamenti ***speċjalizzati*** ta' karrozzerija***, ħafna drabi lil hinn mill-kontroll*** tal-manifattur. Dawn ***il-vetturi, li jirrappreżentaw frazzjoni minima tal-flotta ġenerali tal-vetturi, huma soġġetti għal disinn uniku u rekwiżiti operazzjonali li jillimitaw l-applikabbiltà tal-kriterji standard taċ-ċirkolarità. Minħabba l-funzjonijiet speċjalizzati tagħhom u l-volumi ta' produzzjoni baxxi, inklużi*** vetturi ***bi skop speċjali skont ir-Regolament dwar il-Vetturi li Ma Għadhomx Jintużaw, jagħtu benefiċċji ambjentali negliġibbli filwaqt li jimponu sfidi ta' konformità sproporzjonati. Biex jiġi indirizzat dan it-tħassib, huwa rakkomandat li jiġu eskluži b'mod espliċitu vetturi bi skop speċjali mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament.***

Or. en

Emenda 238
Matteo Ricci, Pierfrancesco Maran, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Vetturi bi skop speċjali huma ddisinjati sabiex iwettqu funzjoni speċifika u jeħtieġu arranġamenti speċjali ta' karrozzerija li ma humiex kompletament taħt il-kontroll tal-manifattur. Għalhekk, ir-rati tal-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid, ta' riċiklaġġ u ta' rkupru ma jistgħux jiġu kkalkolati kif suppost. Għal dawk il-vetturi jenħtieġ li japplikaw biss id-	(10) Vetturi bi skop speċjali huma ddisinjati sabiex iwettqu funzjoni speċifika u jeħtieġu arranġamenti speċjali ta' karrozzerija li ma humiex kompletament taħt il-kontroll tal-manifattur. Għalhekk, ir-rati tal-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid, ta' riċiklaġġ u ta' rkupru ma jistgħux jiġu kkalkolati kif suppost. Għal dawk il-vetturi jenħtieġ li japplikaw biss id-

dispożizzjonijiet dwar il-ġbir, it-tindif mit-tniġġis u t-tneħħija obbligatorja għall-partijiet u l-komponenti. Il-kostijiet tat-twettiq ta' dawn l-attivitajiet jenħtieġ li jkunu koperti mill-produtturi fi ħdan l-iskema ta' responsabbiltà estiża tal-produttur. Id-dispożizzjonijiet dwar is-sustanzi fil-vetturi jenħtieġ li japplikaw ukoll għal vetturi bi skop speċjali, kif inhu skont id-Direttiva 2000/53/KE. Il-manifattur tat-tieni stadju ta' vetturi li jkunu ngħataw approvazzjoni tat-tip f'approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji ***ma huwiex f'pożizzjoni li jikkalkula r-rati tal-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid, ta' riċiklaġġ u ta' rkupru għall-vetturi kompluti. Huwa*** għalhekk ***xieraq li l-obbligu ta' konformità ma' din id-Direttiva jiġi stabbilit biss fir-rigward tal-vettura bażi***.	dispożizzjonijiet dwar il-ġbir, it-tindif mit-tniġġis u t-tneħħija obbligatorja għall-partijiet u l-komponenti. Il-kostijiet tat-twettiq ta' dawn l-attivitajiet jenħtieġ li jkunu koperti mill-produtturi fi ħdan l-iskema ta' responsabbiltà estiża tal-produttur. Id-dispożizzjonijiet dwar is-sustanzi fil-vetturi jenħtieġ li japplikaw ukoll għal vetturi bi skop speċjali, kif inhu skont id-Direttiva 2000/53/KE. Il-manifattur tat-tieni stadju ta' vetturi li jkunu ngħataw approvazzjoni tat-tip f'approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji ***jenħtieġ li jkun responsabbli wkoll għall-vetturi li jintroduċi fis-suq u*** għalhekk ***jenħtieġ li jkun kopert mir-rekwiżiti ta' responsabbiltà estiża tal-produttur***. ***Madankollu, vetturi bi skop speċjali, inklużi dawk li għandhom l-approvazzjoni tat-tip fi proċessi ta' approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji, jenħtieġ li jkomplu jkunu eżentati kif indikat f'dan ir-Regolament.***
	Or. en

Emenda 239
Massimiliano Salini, Flavio Tosi, Letizia Moratti, Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Vetturi bi skop speċjali huma ddisinjati sabiex iwettqu funzjoni speċifika u jeħtieġu arranġamenti speċjali ta' karrozzerija li ma humiex kompletament taħt il-kontroll tal-manifattur. Għalhekk, ir-rati tal-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid, ta' riċiklaġġ u ta' rkupru ma jistgħux jiġu kkalkolati kif suppost. Għal dawk il-vetturi jenħtieġ li japplikaw biss id-dispożizzjonijiet dwar il-ġbir, it-tindif mit-tniġġis u t-tneħħija obbligatorja għall-partijiet u l-komponenti. Il-kostijiet tat-twettiq ta' dawn l-attivitajiet jenħtieġ li jkunu koperti mill-produtturi fi ħdan l-	(10) Vetturi bi skop speċjali huma ddisinjati sabiex iwettqu funzjoni speċifika u jeħtieġu arranġamenti speċjali ta' karrozzerija li ma humiex kompletament taħt il-kontroll tal-manifattur. Għalhekk, ir-rati tal-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid, ta' riċiklaġġ u ta' rkupru ma jistgħux jiġu kkalkolati kif suppost. Għal dawk il-vetturi jenħtieġ li japplikaw biss id-dispożizzjonijiet dwar il-ġbir, it-tindif mit-tniġġis u t-tneħħija obbligatorja għall-partijiet u l-komponenti. Il-kostijiet tat-twettiq ta' dawn l-attivitajiet jenħtieġ li jkunu koperti mill-produtturi fi ħdan l-

iskema ta’ responsabbiltà estiża tal-produttur. Id-dispożizzjonijiet dwar is-sustanzi fil-vetturi jenħtieġ li japplikaw ukoll għal vetturi bi skop speċjali, kif inhu skont id-Direttiva 2000/53/KE. ***Il-manifattur*** tat-tieni stadju ***ta’ vetturi li jkunu ngħataw approvazzjoni tat-tip f’approvazzjoni tat-tip f’diversi stadji ma huwiex f’pożizzjoni li jikkalkula r-rati tal-possibbiltajiet ta’ użu mill-ġdid, ta’ riċiklaġġ u ta’ rkupru għall-vetturi kompluti. Huwa għalhekk xieraq li l-obbligu ta’ konformità ma’ din id-Direttiva jiġi stabbilit biss fir-rigward tal-vettura*** bażi.	iskema ta’ responsabbiltà estiża tal-produttur. Id-dispożizzjonijiet dwar is-sustanzi fil-vetturi jenħtieġ li japplikaw ukoll għal vetturi bi skop speċjali, kif inhu skont id-Direttiva 2000/53/KE. ***Għal vetturi approvati f’approvazzjoni f’diversi stadji, il-parts miżjuda minn manifattur*** tat-tieni stadju***, bħall-karrozzerija, se jinġabru u jiġu trattati flimkien mal-vettura*** bażi***. Bħala konsegwenza, il-karrozzerija ta’ vetturi b’diversi stadji għandha tkun fil-kamp ta’ applikazzjoni tar-responsabbiltà estiża tal-produttur***.
	Or. en

Emenda 240
Zala Tomašič, Milan Zver

Proposta għal regolament
Premessa 10 a (new)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Il-karavans bil-mutur u l-karavans li jinġibdu, kif definiti fl-Anness I, il-Parti A 5.1, tar-Regolament (UE) 2018/858, huma distinti minn vetturi jew trejlers konvenzjonali, peress li l-funzjoni primarja tagħhom hija l-akkomodazzjoni aktar milli t-trasport. Ħafna karavans li jinġibdu huma fissi b’mod permanenti fil-post bħala akkomodazzjoni għall-vaganzi, użati għall-akkomodazzjoni staġjonali u jibqgħu funzjonali għal għexieren ta’ snin. Dawn l-unitajiet jenħtieġ li ma jiġux ikklassifikati bħala vetturi li ma għadhomx jintużaw (ELVs) peress li jkomplu jservu bħala akkomodazzjoni, ħafna drabi mhux irreġistrati, li jwasslu għal klassifikazzjoni ħażina ta’ “vetturi mitlufa.” Dawn il-karavans huma mibnija b’komponenti mhux awtomobilistiċi bħal injam, għamara, sistemi tal-ilma u sistemi elettriċi tal-unità domestika, li huma

barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-faċilitajiet tar-riċiklaġġ tal-vetturi. Minħabba n-natura tal-iskop speċjali tagħhom, il-kompożizzjoni tal-materjal distinta u l-użu kontinwu, il-karavans bil-mutur u l-karavans li jingibdu jenħtieġ li jiġu esklużi mir-regolamenti dwar l-ELV.

Or. en

Emenda 241
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann

Proposta għal regolament
Premessa 10b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10b) Ir-rekwiżiti taċ-ċirkolarità għat-tajers jenħtieġ li jiġu introdotti bħala grupp prijoritarju ta' prodotti mir-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli (ESPR, Ecodesign for Sustainable Products Regulation), kif indikat fl-Artikolu 18(5)(e) tiegħu. B'riżultat ta' dan, jenħtieġ li ma jitqisux koperti skont il-Kapitolu II ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 242
Beatrice Timgren

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Waħda mill-akbar sfidi prattiċi relatati mal-applikazzjoni tad-Direttiva 2000/53/KE tikkonċerna d-determinazzjoni ta' jekk vettura tkunx saret vettura li ma għadhiex tintuża, b'mod partikolari f'każijiet ta' vjeġġi transfruntieri ta'	(11) Waħda mill-akbar sfidi prattiċi relatati mal-applikazzjoni tad-Direttiva 2000/53/KE tikkonċerna d-determinazzjoni ta' jekk vettura tkunx saret vettura li ma għadhiex tintuża, b'mod partikolari f'każijiet ta' vjeġġi transfruntieri ta'

vetturi. Minkejja l-ħruġ ta' gwida***46*** dwar din il-kwistjoni, tali valutazzjoni tibqa' problematika. ***Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu pprovduti kriterji preċiżi legalment vinkolanti li jippermettu li tiġi ddeterminata*** vettura li ma għadhiex tintuża***. Dawk il-kriterji*** jenħtieġ li ***jintużaw mill-operaturi ekonomiċi kollha u mis-sidien tal-vetturi li jittrattaw vetturi li ma għadhomx jintużaw***.

vetturi. Minkejja l-ħruġ ta' gwida dwar din il-kwistjoni, tali valutazzjoni tibqa' problematika. ***Biex jiġi żgurat li s-sidien tal-vetturi jżommu d-drittijiet fundamentali tal-proprjetà tagħhom, vettura jenħtieġ li tiġi kklassifikata biss bħala*** vettura li ma għadhiex tintuża ***jekk tiġi abbandunata, tkun bi ħsara irreparabbli jew tippreżenta riskju ċar u dimostrabbli għas-sikurezza pubblika jew għall-ambjent. Dan ir-Regolament*** jenħtieġ li ***jiżgura li d-deċiżjonijiet dwar il-klassifikazzjoni tal-ELV isegwu proċess trasparenti, li jipprevjeni determinazzjonijiet amministrattivi arbitrarji jew awtomatizzati li jistgħu jċaħħdu b'mod inġust lis-sidien mill-proprjetà tagħhom***.

---

[46] Linji Gwida tal-Korrispondenti Nru 9 dwar il-vjeġġi ta' vetturi tal-iskart, https://ec.europa.eu/environment/pdf/waste/shipments/correspondents_guidelines9_en.pdf

[46] Linji Gwida tal-Korrispondenti Nru 9 dwar il-vjeġġi ta' vetturi tal-iskart, https://ec.europa.eu/environment/pdf/waste/shipments/correspondents_guidelines9_en.pdf

Or. en

Emenda 243
Christine Singer

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Waħda mill-akbar sfidi prattiċi relatati mal-applikazzjoni tad-Direttiva 2000/53/KE tikkonċerna d-determinazzjoni ta' jekk vettura tkunx saret vettura li ma għadhiex tintuża, b'mod partikolari f'każijiet ta' vjeġġi transfruntieri ta' vetturi. Minkejja l-ħruġ ta' gwida[46] dwar din il-kwistjoni, tali valutazzjoni tibqa' problematika. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu pprovduti kriterji preċiżi legalment vinkolanti li jippermettu li tiġi	(11) Waħda mill-akbar sfidi prattiċi relatati mal-applikazzjoni tad-Direttiva 2000/53/KE tikkonċerna d-determinazzjoni ta' jekk vettura tkunx saret vettura li ma għadhiex tintuża, b'mod partikolari f'każijiet ta' vjeġġi transfruntieri ta' vetturi. Minkejja l-ħruġ ta' gwida[46] dwar din il-kwistjoni, tali valutazzjoni tibqa' problematika. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu pprovduti kriterji preċiżi legalment vinkolanti li jippermettu li tiġi

ddeterminata vettura li ma għadhiex tintuża. Dawk il-kriterji jenħtieġ li jintużaw mill-operaturi ekonomiċi kollha u mis-sidien tal-vetturi li jittrattaw vetturi li ma għadhomx jintużaw.

ddeterminata vettura li ma għadhiex tintuża. Dawk il-kriterji jenħtieġ li jintużaw mill-operaturi ekonomiċi kollha u mis-sidien tal-vetturi li jittrattaw vetturi li ma għadhomx jintużaw. ***Dawk il-kriterji jenħtieġ li ma jiġux stabbiliti mill-Kummissjoni iżda minn grupp ta' esperti indipendenti.***

---

[46] Linji Gwida tal-Korrispondenti Nru 9 dwar il-vjeġġi ta' vetturi tal-iskart, https://ec.europa.eu/environment/pdf/waste/shipments/correspondents_guidelines9_en.pdf

[46] Linji Gwida tal-Korrispondenti Nru 9 dwar il-vjeġġi ta' vetturi tal-iskart, https://ec.europa.eu/environment/pdf/waste/shipments/correspondents_guidelines9_en.pdf

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-istabbiliment ta' kriterji preċiżi ma jistax isir mill-Kummissjoni Ewropea. Irid isir minn esperti indipendenti li għandhom l-għarfien tekniku u l-kompetenza meħtieġa.

Emenda 244
Matteo Ricci, Pierfrancesco Maran, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Waħda mill-akbar sfidi prattiċi relatati mal-applikazzjoni tad-Direttiva 2000/53/KE tikkonċerna d-determinazzjoni ta' jekk vettura tkunx saret vettura li ma għadhiex tintuża, b'mod partikolari f'każijiet ta' vjeġġi transfruntieri ta' vetturi. Minkejja l-ħruġ ta' gwida[46] dwar din il-kwistjoni, tali valutazzjoni tibqa' problematika. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu pprovduti kriterji preċiżi legalment vinkolanti li jippermettu li tiġi ddeterminata vettura li ma għadhiex tintuża. Dawk il-kriterji jenħtieġ li jintużaw mill-operaturi ekonomiċi kollha u mis-sidien tal-vetturi li jittrattaw vetturi li ma	(11) Waħda mill-akbar sfidi prattiċi relatati mal-applikazzjoni tad-Direttiva 2000/53/KE tikkonċerna d-determinazzjoni ta' jekk vettura tkunx saret vettura li ma għadhiex tintuża, b'mod partikolari f'każijiet ta' vjeġġi transfruntieri ***u esportazzjoni*** ta' vetturi. Minkejja l-ħruġ ta' gwida[46] dwar din il-kwistjoni, tali valutazzjoni tibqa' problematika. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu pprovduti kriterji preċiżi legalment vinkolanti ***bbażati fuq ġustifikazzjonijiet teknoloġiċi u tekniċi,*** li jippermettu li tiġi ddeterminata vettura li ma għadhiex tintuża. Dawk il-kriterji jenħtieġ li jintużaw ***mill-awtoritajiet***

għadhomx jintużaw.

kompetenti, mill-operaturi ekonomiċi kollha u mis-sidien tal-vetturi li jittrattaw vetturi li ma għadhomx jintużaw.

---

[46] Linji Gwida tal-Korrispondenti Nru 9 dwar il-vjeġġi ta' vetturi tal-iskart, https://ec.europa.eu/environment/pdf/waste/shipments/correspondents_guidelines9_en.pdf

[46] Linji Gwida tal-Korrispondenti Nru 9 dwar il-vjeġġi ta' vetturi tal-iskart, https://ec.europa.eu/environment/pdf/waste/shipments/correspondents_guidelines9_en.pdf

Or. en

Emenda 245
Zala Tomašič, Milan Zver

Proposta għal regolament
Premessa 12 a (new)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Vetturi li ma Għadhomx Jintużaw (ELVs) mhumiex biss skart iżda riżorsi ta' valur b'potenzjal ekonomiku. L-użu mill-ġdid tagħhom meta jagħmel sens jallinja mal-interessi ekonomiċi tal-kumpaniji. Barra minn hekk, l-esportazzjonijiet illegali joħolqu mhux biss riskji ambjentali iżda wkoll telf ekonomiku għall-UE.

Or. en

Emenda 246
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) L-indirizzar tad-disinn tal-vetturi kollha mqiegħda fis-suq tal-Unjoni kif ukoll ***l-istadju*** ta' tmiem il-ħajja tagħhom jeħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti ta'	(13) L-indirizzar tad-disinn tal-vetturi kollha mqiegħda fis-suq tal-Unjoni kif ukoll ***l-istadji tal-użu u*** ta' tmiem il-ħajja tagħhom jeħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti

ċirkolarità armonizzati vverifikati fl-istadju tal-approvazzjoni tat-tip. Id-disinn u l-manifattura tal-vetturi biex jiġi żgurat li l-partijiet u l-komponenti tagħhom ikunu jistgħu jerġgħu jintużaw, u l-materjali li jkun fihom ikunu riċiklabbli, huma essenzjali biex jiġi evitat li dawn il-partijiet, il-komponenti u l-materjali ma jkunux jistgħu jiġu vvalorizzati kif xieraq meta vettura tilħaq tmiem il-ħajja tagħha. Għalhekk, il-manifatturi tal-vetturi u l-forniturі tagħhom jenħtieġ li jintegraw strateġiji ta' disinn li jtejbu l-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid u ta' riċiklaġġ fi stadju bikri fl-iżvilupp ta' vetturi ġodda. Għaldaqstant, jenħtieġ li jkomplu jinbnew tipi ġodda ta' vetturi sabiex ikunu jistgħu jerġgħu jintużaw jew jiġu riċiklati għal mill-inqas 85 % skont il-massa u jkunu jistgħu jerġgħu jintużaw jew jiġu rkuprati għal mill-inqas 95 % skont il-massa, kif diġà huwa previst fid-Direttiva 2005/64/KE. Sabiex jiġi żgurat li l-kalkolu tar-rati tal-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid, ta' riċiklaġġ u ta' rkupru jsir b'mod uniformi u jkun jista' jiġi ***mmonitorjat***, jenħtieġ li tiġi stabbilita metodoloġija ġdida għall-kalkolu u għall-verifika tar-rati tal-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid, ta' riċiklaġġ u ta' rkupru ta' vettura. Din il-metodoloġija jenħtieġ li tirrifletti aħjar il-potenzjal kurrenti ta' vettura ġdida biex tiġi riċiklata, użata mill-ġdid u rkuprata fi tmiem il-ħajja, filwaqt li jitqies il-progress teknoloġiku li jkun għaddej. Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi tali metodoloġija. Sakemm tiġi stabbilita tali metodoloġija, ir-rati tal-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid, ta' riċiklaġġ u ta' rkupru jenħtieġ li jkomplu jiġu kkalkolati f'konformità mal-istandard ISO 22628:2002, bħal fid-Direttiva 2005/64/KE.

ta' ċirkolarità armonizzati vverifikati fl-istadju tal-approvazzjoni tat-tip. Id-disinn u l-manifattura tal-vetturi biex jiġi żgurat li l-partijiet u l-komponenti tagħhom ikunu jistgħu jerġgħu jintużaw, u l-materjali li jkun fihom ikunu riċiklabbli, huma essenzjali biex jiġi evitat li dawn il-partijiet, il-komponenti u l-materjali ma jkunux jistgħu jiġu vvalorizzati kif xieraq meta vettura tilħaq tmiem il-ħajja tagħha. Għalhekk, il-manifatturi tal-vetturi u l-forniturі tagħhom jenħtieġ li jintegraw strateġiji ta' disinn li jtejbu l-possibbiltajiet ta' ***modularità, ta' riparabbiltà, ta'*** użu mill-ġdid u ta' riċiklaġġ fi stadju bikri fl-iżvilupp ta' vetturi ġodda. Għaldaqstant, jenħtieġ li jkomplu jinbnew tipi ġodda ta' vetturi sabiex ikunu jistgħu jerġgħu jintużaw jew jiġu riċiklati għal mill-inqas 85 % skont il-massa u jkunu jistgħu jerġgħu jintużaw jew jiġu rkuprati għal mill-inqas 95 % skont il-massa, kif diġà huwa previst fid-Direttiva 2005/64/KE. ***Sabiex jiġi garantit l-allinjament mal-ġerarkija tal-iskart, fil-futur il-mira tal-użu mill-ġdid jenħtieġ li tinqasam mill-miri tar-riċiklabbiltà u tal-possibbilta ta' rkupru. Barra minn hekk, biex jitnaqqsu aktar l-impatti ambjentali tal-vetturi, jenħtieġ li tiġi stabbilita mira ġdida ta' durabbiltà, li tiżgura li l-manifatturi jiddisinjaw il-vetturi tagħhom għal ħajja itwal.*** Sabiex ***jiġu stabbiliti l-miri tal-użu mill-ġdid u tad-durabbiltà u*** jiġi żgurat li l-kalkolu tar-rati tal-possibbiltajiet ta' ***durabbiltà, ta'*** użu mill-ġdid, ta' riċiklaġġ u ta' rkupru jsir b'mod uniformi u jkun jista' jiġi ***vverifikat***, jenħtieġ li tiġi stabbilita metodoloġija ġdida għall-kalkolu u għall-verifika tar-rati tal-possibbiltajiet ***ta' durabbiltà,*** ta' użu mill-ġdid, ta' riċiklaġġ u ta' rkupru ta' vettura. Din il-metodoloġija jenħtieġ li tirrifletti aħjar il-potenzjal kurrenti ta' vettura ġdida biex ***tgħix aktar, u*** tiġi riċiklata, użata mill-ġdid u rkuprata fi tmiem il-ħajja, filwaqt li jitqies il-progress teknoloġiku li jkun għaddej. ***Din il-metodoloġija jenħtieġ li tirriżulta f'verifika xierqa tal-konformità***

minn vetturi mmanifatturati kemm ġewwa kif ukoll barra mill-Unjoni. Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi tali metodoloġija. Sakemm tiġi stabbilita tali metodoloġija, ir-rati tal-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid, ta' riċiklaġġ u ta' rkupru jenħtieġ li jkomplu jiġu kkalkolati f'konformità mal-istandard ISO 22628:2002, bħal fid-Direttiva 2005/64/KE.

Or. en

Emenda 247
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) L-indirizzar tad-disinn tal-vetturi kollha mqiegħda fis-suq tal-Unjoni kif ukoll l-istadju ta' tmiem il-ħajja tagħhom jeħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti ta' ċirkolarità armonizzati vverifikati fl-istadju tal-approvazzjoni tat-tip. Id-disinn u l-manifattura tal-vetturi biex jiġi żgurat li l-partijiet u l-komponenti tagħhom ikunu jistgħu jerġgħu jintużaw, u l-materjali li jkun fihom ikunu riċiklabbli, huma essenzjali biex jiġi evitat li dawn il-partijiet, il-komponenti u l-materjali ma jkunux jistgħu jiġu vvalorizzati kif xieraq meta vettura tilħaq tmiem il-ħajja tagħha. Għalhekk, il-manifatturi tal-vetturi u l-fornituri tagħhom jenħtieġ li jintegraw strateġiji ta' disinn li jtejbu l-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid u ta' riċiklaġġ fi stadju bikri fl-iżvilupp ta' vetturi ġodda. Għaldaqstant, jenħtieġ li jkomplu jinbnew tipi ġodda ta' vetturi sabiex ikunu jistgħu jerġgħu jintużaw jew jiġu riċiklati għal	(13) L-indirizzar tad-disinn tal-vetturi kollha mqiegħda fis-suq tal-Unjoni kif ukoll l-istadju ta' tmiem il-ħajja tagħhom jeħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti ta' ċirkolarità armonizzati vverifikati fl-istadju tal-approvazzjoni tat-tip. Id-disinn u l-manifattura tal-vetturi biex jiġi żgurat li l-partijiet u l-komponenti tagħhom ikunu jistgħu jerġgħu jintużaw, u l-materjali li jkun fihom ikunu riċiklabbli, huma essenzjali biex jiġi evitat li dawn il-partijiet, il-komponenti u l-materjali ma jkunux jistgħu jiġu vvalorizzati kif xieraq meta vettura tilħaq tmiem il-ħajja tagħha. Għalhekk, il-manifatturi tal-vetturi u l-fornituri tagħhom jenħtieġ li jintegraw strateġiji ta' disinn li jtejbu l-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid u ta' riċiklaġġ fi stadju bikri fl-iżvilupp ta' vetturi ġodda. Għaldaqstant, jenħtieġ li jkomplu jinbnew tipi ġodda ta' vetturi sabiex ikunu jistgħu jerġgħu jintużaw jew jiġu riċiklati għal

mill-inqas 85 % skont il-massa u jkunu jistgħu jerġgħu jintużaw jew jiġu rkuprati għal mill-inqas 95 % skont il-massa, kif diġà huwa previst fid-Direttiva 2005/64/KE. Sabiex jiġi żgurat li l-kalkolu tar-rati tal-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid, ta' riċiklaġġ u ta' rkupru jsir b'mod uniformi u jkun jista' jiġi mmonitorjat, jenħtieġ li tiġi stabbilita metodoloġija ġdida għall-kalkolu u għall-verifika tar-rati tal-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid, tar' riċiklaġġ u ta' rkupru ta' vettura. Din il-metodoloġija jenħtieġ li tirrifletti aħjar il-potenzjal kurrenti ta' vettura ġdida biex tiġi riċiklata, użata mill-ġdid u rkuprata fi tmiem il-ħajja, filwaqt li jitqies il-progress teknoloġiku li jkun għaddej. Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi tali metodoloġija. Sakemm tiġi stabbilita tali metodoloġija, ir-rati tal-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid, ta' riċiklaġġ u ta' rkupru jenħtieġ li jkomplu jiġu kkalkolati f'konformità mal-istandard ISO 22628:2002, bħal fid-Direttiva 2005/64/KE.	mill-inqas 85 % skont il-massa u jkunu jistgħu jerġgħu jintużaw jew jiġu rkuprati għal mill-inqas 95 % skont il-massa, kif diġà huwa previst fid-Direttiva 2005/64/KE. Sabiex jiġi żgurat li l-kalkolu tar-rati tal-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid, ta' riċiklaġġ u ta' rkupru jsir b'mod uniformi u jkun jista' jiġi mmonitorjat, jenħtieġ li tiġi stabbilita metodoloġija ġdida għall-kalkolu u għall-verifika tar-rati tal-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid, tar' riċiklaġġ u ta' rkupru ta' vettura. Din il-metodoloġija jenħtieġ li tirrifletti aħjar il-potenzjal kurrenti ta' vettura ġdida biex tiġi riċiklata, użata mill-ġdid u rkuprata fi tmiem il-ħajja, filwaqt li jitqies il-progress teknoloġiku li jkun għaddej. Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi tali metodoloġija. Sakemm tiġi stabbilita tali metodoloġija, ir-rati tal-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid, ta' riċiklaġġ u ta' rkupru jenħtieġ li jkomplu jiġu kkalkolati f'konformità mal-istandard ISO 22628:2002, bħal fid-Direttiva 2005/64/KE. ***Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq ukoll valutazzjoni dwar il-ħtieġa li tiġi inkluża mira separata dwar is-sehem minimu tal-possibbiltà ta' użu mill-ġdid.***
	Or. en

Emenda 248
Christine Singer

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) L-indirizzar tad-disinn tal-vetturi kollha mqiegħda fis-suq tal-Unjoni kif ukoll l-istadju ta' tmiem il-ħajja tagħhom jeħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti ta'	(13) L-indirizzar tad-disinn tal-vetturi kollha mqiegħda fis-suq tal-Unjoni kif ukoll l-istadju ta' tmiem il-ħajja tagħhom jeħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti ta'

ċirkolarità armonizzati vverifikati fl-istadju tal-approvazzjoni tat-tip. Id-disinn u l-manifattura tal-vetturi biex jiġi żgurat li l-partijiet u l-komponenti tagħhom ikunu jistgħu jerġgħu jintużaw, u l-materjali li jkun fihom ikunu riċiklabbli, huma essenzjali biex jiġi evitat li dawn il-partijiet, il-komponenti u l-materjali ma jkunux jistgħu jiġu vvalorizzati kif xieraq meta vettura tilħaq tmiem il-ħajja tagħha. Għalhekk, il-manifatturi tal-vetturi u l-forniturі tagħhom jenħtieġ li jintegraw strateġiji ta' disinn li jtejbu l-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid u ta' riċiklaġġ fi stadju bikri fl-iżvilupp ta' vetturi ġodda. Għaldaqstant, jenħtieġ li jkomplu jinbnew tipi ġodda ta' vetturi sabiex ikunu jistgħu jerġgħu jintużaw jew jiġu riċiklati għal mill-inqas 85 % skont il-massa u jkunu jistgħu jerġgħu jintużaw jew jiġu rkuprati għal mill-inqas 95 % skont il-massa, kif diġà huwa previst fid-Direttiva 2005/64/KE. Sabiex jiġi żgurat li l-kalkolu tar-rati tal-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid, ta' riċiklaġġ u ta' rkupru jsir b'mod uniformi u jkun jista' jiġi mmonitorjat, jenħtieġ li tiġi stabbilita metodoloġija ġdida għall-kalkolu u għall-verifika tar-rati tal-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid, tar' riċiklaġġ u ta' rkupru ta' vettura. Din il-metodoloġija jenħtieġ li tirrifletti aħjar il-potenzjal kurrenti ta' vettura ġdida biex tiġi riċiklata, użata mill-ġdid u rkuprata fi tmiem il-ħajja, filwaqt li jitqies il-progress teknoloġiku li jkun għaddej. ***Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi tali metodoloġija.*** Sakemm tiġi stabbilita tali metodoloġija, ir-rati tal-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid, ta' riċiklaġġ u ta' rkupru jenħtieġ li jkomplu jiġu kkalkolati f'konformità mal-istandard ISO 22628:2002, bħal fid-Direttiva 2005/64/KE.

ċirkolarità armonizzati vverifikati fl-istadju tal-approvazzjoni tat-tip. Id-disinn u l-manifattura tal-vetturi biex jiġi żgurat li l-partijiet u l-komponenti tagħhom ikunu jistgħu jerġgħu jintużaw, u l-materjali li jkun fihom ikunu riċiklabbli, huma essenzjali biex jiġi evitat li dawn il-partijiet, il-komponenti u l-materjali ma jkunux jistgħu jiġu vvalorizzati kif xieraq meta vettura tilħaq tmiem il-ħajja tagħha. Għalhekk, il-manifatturi tal-vetturi u l-forniturі tagħhom jenħtieġ li jintegraw strateġiji ta' disinn li jtejbu l-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid u ta' riċiklaġġ fi stadju bikri fl-iżvilupp ta' vetturi ġodda. Għaldaqstant, jenħtieġ li jkomplu jinbnew tipi ġodda ta' vetturi sabiex ikunu jistgħu jerġgħu jintużaw jew jiġu riċiklati għal mill-inqas 85 % skont il-massa u jkunu jistgħu jerġgħu jintużaw jew jiġu rkuprati għal mill-inqas 95 % skont il-massa, kif diġà huwa previst fid-Direttiva 2005/64/KE. Sabiex jiġi żgurat li l-kalkolu tar-rati tal-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid, ta' riċiklaġġ u ta' rkupru jsir b'mod uniformi u jkun jista' jiġi mmonitorjat, jenħtieġ li tiġi stabbilita metodoloġija ġdida għall-kalkolu u għall-verifika tar-rati tal-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid, tar' riċiklaġġ u ta' rkupru ta' vettura. Din il-metodoloġija jenħtieġ li tirrifletti aħjar il-potenzjal kurrenti ta' vettura ġdida biex tiġi riċiklata, użata mill-ġdid u rkuprata fi tmiem il-ħajja, filwaqt li jitqies il-progress teknoloġiku li jkun għaddej. Sakemm tiġi stabbilita tali metodoloġija, ir-rati tal-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid, ta' riċiklaġġ u ta' rkupru jenħtieġ li jkomplu jiġu kkalkolati f'konformità mal-istandard ISO 22628:2002, bħal fid-Direttiva 2005/64/KE.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Kummissjoni Ewropea ma għandhiex tkun dik inkarigata li tipprovdi l-metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tar-rati tal-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid, ta' riċiklaġġ u ta' rkupru ta' vettura. Minflok, għandhom jivvalutawha grupp ta' esperti indipendenti bl-għarfien u l-kompetenza meħtieġa.

Emenda 249
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) L-indirizzar tad-disinn tal-vetturi kollha mqiegħda fis-suq tal-Unjoni kif ukoll l-istadju ta' tmiem il-ħajja tagħhom jeħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti ta' ċirkolarità armonizzati vverifikati fl-istadju tal-approvazzjoni tat-tip. Id-disinn u l-manifattura tal-vetturi biex jiġi żgurat li l-partijiet u l-komponenti tagħhom ikunu jistgħu jerġgħu jintużaw, u l-materjali li jkun fihom ikunu riċiklabbli, huma essenzjali biex jiġi evitat li dawn il-partijiet, il-komponenti u l-materjali ma jkunux jistgħu jiġu vvalorizzati kif xieraq meta vettura tilħaq tmiem il-ħajja tagħha. Għalhekk, il-manifatturi tal-vetturi u l-fornituri tagħhom jenħtieġ li jintegraw strateġiji ta' disinn li jtejbu l-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid u ta' riċiklaġġ fi stadju bikri fl-iżvilupp ta' vetturi ġodda. Għaldaqstant, jenħtieġ li jkomplu jinbnew tipi ġodda ta' vetturi sabiex ikunu jistgħu jerġgħu jintużaw jew jiġu riċiklati għal mill-inqas 85 % skont il-massa u jkunu jistgħu jerġgħu jintużaw jew jiġu rkuprati għal mill-inqas 95 % skont il-massa, kif diġà huwa previst fid-Direttiva 2005/64/KE. Sabiex jiġi żgurat li l-kalkolu tar-rati tal-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid, ta' riċiklaġġ u ta' rkupru jsir b'mod uniformi u jkun jista' jiġi mmonitorjat, jenħtieġ li tiġi stabbilita metodoloġija ġdida għall-kalkolu u għall-verifika tar-rati	(13) L-indirizzar tad-disinn tal-vetturi kollha mqiegħda fis-suq tal-Unjoni kif ukoll l-istadju ta' tmiem il-ħajja tagħhom jeħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti ta' ċirkolarità armonizzati vverifikati fl-istadju tal-approvazzjoni tat-tip. Id-disinn u l-manifattura tal-vetturi ***billi jiġi implimentat il-prinċipju li jelimina l-iskart,*** biex jiġi żgurat li l-partijiet u l-komponenti tagħhom ikunu jistgħu jerġgħu jintużaw, u l-materjali li jkun fihom ikunu riċiklabbli, huma essenzjali biex jiġi evitat li dawn il-partijiet, il-komponenti u l-materjali ma jkunux jistgħu jiġu vvalorizzati kif xieraq meta vettura tilħaq tmiem il-ħajja tagħha. Għalhekk, il-manifatturi tal-vetturi u l-fornituri tagħhom jenħtieġ li jintegraw strateġiji ta' disinn li jtejbu l-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid u ta' riċiklaġġ fi stadju bikri fl-iżvilupp ta' vetturi ġodda. Għaldaqstant, jenħtieġ li jkomplu jinbnew tipi ġodda ta' vetturi sabiex ikunu jistgħu jerġgħu jintużaw jew jiġu riċiklati għal mill-inqas 85 % skont il-massa u jkunu jistgħu jerġgħu jintużaw jew jiġu rkuprati għal mill-inqas 95 % skont il-massa, kif diġà huwa previst fid-Direttiva 2005/64/KE. Sabiex jiġi żgurat li l-kalkolu tar-rati tal-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid, ta' riċiklaġġ u ta' rkupru jsir b'mod uniformi u jkun jista' jiġi mmonitorjat, jenħtieġ li tiġi stabbilita metodoloġija

tal-possibbiltajiet ta’ użu mill-ġdid, tar’ riċiklaġġ u ta’ rkupru ta’ vettura. Din il-metodoloġija jenħtieġ li tirrifletti aħjar il-potenzjal kurrenti ta’ vettura ġdida biex tiġi riċiklata, użata mill-ġdid u rkuprata fi tmiem il-ħajja, filwaqt li jitqies il-progress teknoloġiku li jkun għaddej. Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta’ dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta’ implimentazzjoni biex tistabbilixxi tali metodoloġija. Sakemm tiġi stabbilita tali metodoloġija, ir-rati tal-possibbiltajiet ta’ użu mill-ġdid, ta’ riċiklaġġ u ta’ rkupru jenħtieġ li jkomplu jiġu kkalkolati f’konformità mal-istandard ISO 22628:2002, bħal fid-Direttiva 2005/64/KE.	ġdida għall-kalkolu u għall-verifika tar-rati tal-possibbiltajiet ta’ użu mill-ġdid, tar’ riċiklaġġ u ta’ rkupru ta’ vettura. Din il-metodoloġija jenħtieġ li tirrifletti aħjar il-potenzjal kurrenti ta’ vettura ġdida biex tiġi riċiklata, użata mill-ġdid u rkuprata fi tmiem il-ħajja, filwaqt li jitqies il-progress teknoloġiku li jkun għaddej. Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta’ dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta’ implimentazzjoni biex tistabbilixxi tali metodoloġija. Sakemm tiġi stabbilita tali metodoloġija, ir-rati tal-possibbiltajiet ta’ użu mill-ġdid, ta’ riċiklaġġ u ta’ rkupru jenħtieġ li jkomplu jiġu kkalkolati f’konformità mal-istandard ISO 22628:2002, bħal fid-Direttiva 2005/64/KE.
	Or. en

Emenda 250
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Premessa 13 a (new)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) L-iżgurar tar-riparabbiltà tal-vetturi tul il-ħajja tagħhom huwa pilastru fundamentali ta’ ekonomija awtomobilistika tassew sostenibbli u ċirkolari. Jenħtieġ li l-vetturi ma jiġux ikklassifikati qabel iż-żmien bħala li ma għadhomx jintużaw meta jkunu riparabbli, peress li dan iwassal għal skart bla bżonn, ineffiċjenzi ekonomiċi u piż żejjed fuq is-sidien tal-vetturi. Jenħtieġ li vettura titqies bħala vettura li ma għadhiex tintuża biss meta ma tistax tiġi restawrata b’mod raġonevoli biex tissodisfa r-rekwiżiti tat-test tal-affidabilità stradali u għalhekk tippreżenta riskju għas-sikurezza għall-utenti tat-triq. Il-longevità tal-vetturi

tiddependi mhux biss mid-disinn inizjali tagħhom iżda wkoll mid-disponibbiltà ta' servizzi ta' tiswija u manutenzjoni affordabbli u kompetittivi. Is-sewwejja indipendenti jeħtiġilhom ikunu jistgħu joperaw taħt kundizzjonijiet ġusti u trasparenti biex jiżguraw li l-konsumaturi ma jkunux dipendenti biss minn networks tat-tiswija kkontrollati mill-manifattur, li inkella jistgħu jillimitaw il-kompetizzjoni, iżidu l-kostijiet u jnaqqsu d-disponibbiltà tas-servizz. L-ostakli għat-tiswija, inklużi r-restrizzjonijiet fuq l-aċċess għall-ispare parts, l-għodod dijanjostiċi, ir-rabta mhux ġustifikata ta' partijiet ma' vettura speċifika u informazzjoni teknika, iridu jiġu evitati biex tiġi salvagwardjata l-għażla tal-konsumatur u jiġi żgurat l-użu effiċjenti fir-riżorsi. Il-kapaċità tat-tiswija u tal-manutenzjoni tal-vetturi hija ta' importanza soċjali u ekonomika partikolari, speċjalment għal individwi u familji b'introjtu baxx li jiddependu minn vetturi użati affordabbli bħala l-mezz ewlieni tat-trasport tagħhom. Ir-restrizzjoni tal-għażliet ta' tiswija taffettwa b'mod sproporzjonat lil dawk f'reġjuni rurali jew ekonomikament żvantaġġati, fejn l-infrastruttura tat-trasport pubbliku mhijiex biżżejjed, u b'hekk tillimita l-indipendenza, il-mobbiltà u l-aċċess tagħhom għall-impjiegi, l-edukazzjoni u s-servizzi essenzjali. Is-salvagwardja tar-riparabbiltà għalhekk mhijiex biss essenzjali għall-ambjent u għall-ekonomija iżda wkoll kwistjoni ta' aċċess ugwali għall-opportunitajiet. Barra minn hekk, ċerti kategoriji ta' vetturi jirrikjedu kunsiderazzjoni speċjali biex jiżguraw l-użu u l-preservazzjoni kontinwi tagħhom. Dawn jinkludu vetturi off-road, vetturi tad-divertiment u vetturi storiċi jew klassiċi, li ħafna drabi jinżammu lil hinn miċ-ċiklu tal-ħajja kummerċjali standard u jeħtieġu tiswijiet kontinwi, ħafna drabi kbar biex jippreservaw il-funzjoni maħsuba, il-valur kulturali u l-użu tagħhom. Dawn il-vetturi spiss jiġu

restawrati u miżmuma fuq perjodi estiżi minn dilettanti u negozji żgħar, li jikkontribwixxu għall-attività ekonomika u l-impjiegi fis-setturi speċjalizzati tar-restawr u t-tiswija. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jiżgura li vetturi bħal dawn ma jiġux ikklassifikati bla bżonn bħala li ma għadhomx jintużaw, u b'hekk jippreservaw l-użu u r-restawr kontinwu tagħhom.

Or. en

Emenda 251
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Il-vetturi jenħtieġ li jitfasslu u jiġu manifatturati b'tali mod li tiġi limitata l-preżenza ta' sustanzi ta' tħassib. Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-14 ta' Ottubru 2020 dwar "Strateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà – Lejn Ambjent Ħieles mit-Tossiċità" (l-"Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà")[47], il-Kummissjoni ddikjarat li s-sustanzi ta' tħassib għandhom jiġu mminimizzati u ssostitwiti kemm jista' jkun, u b'mod gradwali jitneħħew dawk l-aktar dannużi għall-użu mhux essenzjali mis-soċjetà, b'mod partikolari fil-prodotti għall-konsumatur. Għaldaqstant, is-sustanzi ta' tħassib bħala kostitwenti tal-materjali li jintużaw fil-vetturi jew ta' kwalunkwe waħda mill-partijiet jew wieħed mill-komponenti tal-vetturi jenħtieġ li jiġu mminimizzati ***kemm jista' jkun***, ***bl-objettiv li jiġi żgurat li l-vetturi, kif ukoll il-materjali riċiklati mill-vetturi, ma jkollhomx*** effett negattiv fuq is-saħħa tal-bniedem jew fuq l-ambjent, matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom***.***	(14) Il-vetturi jenħtieġ li jitfasslu u jiġu manifatturati b'tali mod li tiġi limitata l-preżenza ta' sustanzi ta' tħassib. Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-14 ta' Ottubru 2020 dwar "Strateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà – Lejn Ambjent Ħieles mit-Tossiċità" (l-"Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà"), il-Kummissjoni ddikjarat li s-sustanzi ta' tħassib għandhom jiġu mminimizzati u ssostitwiti kemm jista' jkun, u b'mod gradwali jitneħħew dawk l-aktar dannużi għall-użu mhux essenzjali mis-soċjetà, b'mod partikolari fil-prodotti għall-konsumatur. Għaldaqstant, is-sustanzi ta' tħassib bħala kostitwenti tal-materjali li jintużaw fil-vetturi jew ta' kwalunkwe waħda mill-partijiet jew wieħed mill-komponenti tal-vetturi jenħtieġ li jiġu mminimizzati ***sa fejn ikun possibbli***, ***fejn meħtieġ, biex jiġi pprevenut*** effett negattiv fuq is-saħħa tal-bniedem jew fuq l-ambjent, matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom

[47] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-14 ta' Novembru 2020, Strateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà – Lejn Ambjent Ħieles mit-Tossiċità, (COM/2020/667 final).

[47] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-14 ta' Novembru 2020, Strateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà – Lejn Ambjent Ħieles mit-Tossiċità, (COM/2020/667 final).

Or. en

Emenda 252
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Il-vetturi jenħtieġ li jitfasslu u jiġu manifatturati b'tali mod li tiġi limitata l-preżenza ta' sustanzi ta' tħassib. Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-14 ta' Ottubru 2020 dwar "Strateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà – Lejn Ambjent Ħieles mit-Tossiċità" (l-"Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà")[47], il-Kummissjoni ddikjarat li s-sustanzi ta' tħassib għandhom jiġu mminimizzati u ssostitwiti kemm jista' jkun, u b'mod gradwali jitneħħew dawk l-aktar dannużi għall-użu mhux essenzjali mis-soċjetà, b'mod partikolari fil-prodotti għall-konsumatur. Għaldaqstant, is-sustanzi ta' tħassib bħala kostitwenti tal-materjali li jintużaw fil-vetturi jew ta' kwalunkwe waħda mill-partijiet jew wieħed mill-komponenti tal-vetturi jenħtieġ li jiġu mminimizzati kemm jista' jkun, bl-objettiv li jiġi żgurat li l-vetturi, kif ukoll il-materjali riċiklati mill-vetturi, ma jkollhomx effett negattiv fuq is-saħħa ***tal-bniedem*** jew fuq l-ambjent, matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom.	(14) Il-vetturi jenħtieġ li jitfasslu u jiġu manifatturati b'tali mod li tiġi limitata l-preżenza ta' sustanzi ta' tħassib. Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-14 ta' Ottubru 2020 dwar "Strateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà – Lejn Ambjent Ħieles mit-Tossiċità" (l-"Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà")[47], il-Kummissjoni ddikjarat li s-sustanzi ta' tħassib***, f'konformità mal-approċċ "Saħħa Waħda",*** għandhom jiġu mminimizzati u ssostitwiti kemm jista' jkun, u b'mod gradwali jitneħħew dawk l-aktar dannużi għall-użu mhux essenzjali mis-soċjetà, b'mod partikolari fil-prodotti għall-konsumatur. Għaldaqstant, is-sustanzi ta' tħassib bħala kostitwenti tal-materjali li jintużaw fil-vetturi jew ta' kwalunkwe waħda mill-partijiet jew wieħed mill-komponenti tal-vetturi jenħtieġ li jiġu mminimizzati kemm jista' jkun, bl-objettiv li jiġi żgurat li l-vetturi, kif ukoll il-materjali riċiklati mill-vetturi, ma jkollhomx effett negattiv fuq is-saħħa jew fuq l-ambjent, matul iċ-ċiklu tal-ħajja

tagħhom.

[47] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-14 ta' Novembru 2020, Strateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà – Lejn Ambjent Ħieles mit-Tossiċità**,** (COM/2020/667 ***final***).

[47] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-14 ta' Novembru 2020, Strateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà – Lejn Ambjent Ħieles mit-Tossiċità (COM/2020/667).

Or. en

Emenda 253
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Id-Direttiva 2000/53/KE diġà tirrestrinġi l-użu taċ-ċomb, tal-merkurju, tal-kadmju u tal-kromu eżavalenti fil-vetturi u tipprovdi eżenzjonijiet, fejn tali sustanzi jistgħu jintużaw f'ċerti applikazzjonijiet. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jinkludi dawn ir-regoli eżistenti. Madankollu, sabiex tiġi żgurata l-koerenza tal-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi, ir-restrizzjonijiet rigward it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' sustanzi oħra fil-vetturi jenħtieġ li jiġu indirizzati skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[48]. Bl-istess mod, jenħtieġ li jiġu introdotti restrizzjonijiet fuq l-użu ta' sustanzi rregolati fir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[49] abbażi tad-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament. ***Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jipprovdix il-possibbiltà li tiġi ristretta kwalunkwe sustanza oħra għajr iċ-ċomb, il-merkurju, il-kadmju u l-kromu eżavalenti fil-vetturi.***	(15) Id-Direttiva 2000/53/KE diġà tirrestrinġi l-użu taċ-ċomb, tal-merkurju, tal-kadmju u tal-kromu eżavalenti fil-vetturi u tipprovdi eżenzjonijiet, fejn tali sustanzi jistgħu jintużaw f'ċerti applikazzjonijiet. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jinkludi dawn ir-regoli eżistenti. Madankollu, sabiex tiġi żgurata l-koerenza tal-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi, ir-restrizzjonijiet rigward it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' sustanzi oħra fil-vetturi jenħtieġ li jiġu indirizzati skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[48]. Bl-istess mod, jenħtieġ li jiġu introdotti restrizzjonijiet fuq l-użu ta' sustanzi rregolati fir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[49] abbażi tad-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament.

[48] Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

[49] Ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-pollutanti organiċi persistenti (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 45).

[48] Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

[49] Ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-pollutanti organiċi persistenti (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 45).

Or. en

Emenda 254
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Premessa 15 a (new)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15a) Sabiex ikun hemm aktar restrizzjonijiet fuq sustanzi preżenti fil-vetturi jew użati fil-manifattura tagħhom, huwa xieraq li jitwettaq immappjar tas-sustanzi ta' tħassib, definiti fl-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà bħala sustanzi li għandhom effett kroniku fuq is-saħħa jew fuq l-ambjent, bħal sustanzi fil-lista ta' kandidati għall-inklużjoni eventwali fl-Anness XIV għar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 u fl-Anness VI għar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, iżda wkoll dawk li jfixklu r-riċiklaġġ għal

materja prima sekondarja sikura u ta' kwalità għolja, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tas-sustanzi ppjanata fil-Pjan ta' Azzjoni Konġunt tal-Evalwazzjoni tar-REACH ippubblikat fuq is-sit web tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi stabbilita skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 ("l-Aġenzija").

Or. en

Emenda 255
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Id-Direttiva 2000/53/KE tipprovdi eżenzjonijiet għar-restrizzjonijiet fuq l-użu taċ-ċomb u l-kadmju fil-batteriji użati fil-vetturi, li ġew inklużi f'dan ir-Regolament. Madankollu, l-użu ta' sustanzi fil-batteriji huwa regolat b'mod komprensiv fir-Regolament (UE) ***Nru 2023/[Batteriji]*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[50]. Għalhekk, jenħtieġ li tali sustanzi jiġu indirizzati u eventwalment ir-restrizzjonijiet tagħhom u l-eżenzjonijiet relatati ttrasferiti, kif xieraq, għal dak ir-Regolament u jenħtieġ li ma jiġux regolati f'dan ir-Regolament. Qabel ma jiġu introdotti tali restrizzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 2023/[Batteriji], jenħtieġ li titwettaq valutazzjoni komprensiva skont dak ir-Regolament biex jiġi evalwat, jekk eżenzjoni tkunx għadha meħtieġa u f'liema ambitu.	(16) Id-Direttiva 2000/53/KE tipprovdi eżenzjonijiet għar-restrizzjonijiet fuq l-użu taċ-ċomb u l-kadmju fil-batteriji użati fil-vetturi, li ġew inklużi f'dan ir-Regolament. Madankollu, l-użu ta' sustanzi fil-batteriji huwa regolat b'mod komprensiv fir-Regolament (UE) ***Nru 2023/1542*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[50]. Għalhekk, jenħtieġ li tali sustanzi jiġu indirizzati u eventwalment ir-restrizzjonijiet tagħhom u l-eżenzjonijiet relatati ttrasferiti, kif xieraq, għal dak ir-Regolament u jenħtieġ li ma jiġux regolati f'dan ir-Regolament. Qabel ma jiġu introdotti tali restrizzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 2023/[Batteriji], jenħtieġ li titwettaq valutazzjoni komprensiva skont dak ir-Regolament biex jiġi evalwat, jekk eżenzjoni tkunx għadha meħtieġa u f'liema ambitu.
[50] Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' [data] 2023 dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji, li jemenda d-Direttiva 2008/98/KE u r-Regolament (UE) 2019/1020 u li jħassar id-Direttiva	[50] Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' [data] 2023 dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji, li jemenda d-Direttiva 2008/98/KE u r-Regolament (UE) 2019/1020 u li jħassar id-Direttiva

2006/66/KE (ĠU L […]).	2006/66/KE (ĠU L […]).

Or. en

Emenda 256
Christine Singer

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Sabiex jitqies il-progress xjentifiku u tekniku, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tkompli tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar ta' eżenzjonijiet minn restrizzjonijiet fuq l-użu taċ-ċomb, il-merkurju, il-kadmju u l-kromu eżavalenti fil-vetturi skont dan ir-Regolament. Il-modifika jew it-tħassir ta' tali eżenzjonijiet jenħtieġ li jkunu ppreċeduti minn valutazzjoni tal-impatti soċjoekonomiċi ta' tali bidla, li hija nieqsa fid-Direttiva 2000/53/KE, inkluża l-kunsiderazzjoni tad-disponibbiltà ta' sustanzi alternattivi u l-impatti fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-vetturi. Sabiex jiġu żgurati t-teħid ta' deċiżjonijiet, il-koordinazzjoni u l-ġestjoni effettivi tal-aspetti tekniċi, xjentifiċi u amministrattivi tal-emendar ta' dan ir-Regolament fir-rigward tar-restrizzjonijiet fuq l-użu ta' sustanzi fil-vetturi, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi jenħtieġ li tassisti lill-Kummissjoni f'tali valutazzjoni.	(17) Sabiex jitqies il-progress xjentifiku u tekniku, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tkompli tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar ta' eżenzjonijiet minn restrizzjonijiet fuq l-użu taċ-ċomb, il-merkurju, il-kadmju u l-kromu eżavalenti fil-vetturi skont dan ir-Regolament. Il-modifika jew it-tħassir ta' tali eżenzjonijiet jenħtieġ li jkunu ppreċeduti minn valutazzjoni tal-impatti soċjoekonomiċi ta' tali bidla, li hija nieqsa fid-Direttiva 2000/53/KE, inkluża l-kunsiderazzjoni tad-disponibbiltà ta' sustanzi alternattivi u l-impatti fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-vetturi. ***Qabel l-adozzjoni ta' att delegat bħal dan, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkonsulta lill-esperti u lill-partijiet ikkonċernati rilevanti biex tiżgura li, minbarra l-impatti fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent, jitqiesu wkoll l-impatti soċjoekonomiċi usa'.*** Sabiex jiġu żgurati t-teħid ta' deċiżjonijiet, il-koordinazzjoni u l-ġestjoni effettivi tal-aspetti tekniċi, xjentifiċi u amministrattivi tal-emendar ta' dan ir-Regolament fir-rigward tar-restrizzjonijiet fuq l-użu ta' sustanzi fil-vetturi, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi jenħtieġ li tassisti lill-Kummissjoni f'tali valutazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

The Commission does not always have the required expertise, especially when it comes to technical details and application in practice.

Emenda 257
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Premessa 17 a (new)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) Sabiex jiġi żgurat li s-sustanzi li jippreżentaw riskju inaċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent meta jintużaw fil-vetturi jew ikunu preżenti fi tmiem il-ħajja tal-vetturi, ikunu jistgħu jiġu indirizzati kif xieraq, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tar-restrizzjonijiet fuq sustanzi fil-vetturi.

Or. en

Emenda 258
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Sabiex tiżdied iċ-ċirkolarità fis-settur awtomobilistiku, il-vetturi jenħtieġ li jiġu ddisinjati u mmanifatturati progressivament b'tali mod li jinkorporaw il-materja prima riċiklati minflok il-materja prima primarja. L-użu ta' materjali riċiklati jippermetti użu aktar effiċjenti fir-riżorsi tal-materjali, jiddekarbonizza l-produzzjoni	(18) Sabiex tiżdied iċ-ċirkolarità fis-settur awtomobilistiku, il-vetturi jenħtieġ li jiġu ddisinjati u mmanifatturati progressivament b'tali mod li jinkorporaw il-materja prima riċiklati minflok il-materja prima primarja. L-użu ta' materjali riċiklati jippermetti użu aktar effiċjenti fir-riżorsi tal-materjali, jiddekarbonizza l-produzzjoni

u jnaqqas l-impatti ambjentali negattivi relatati mal-użu ta' materja prima primarja. Iż-żieda fiċ-ċirkolarità għall-vetturi manifatturati f'pajjiżi terzi li jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni se tikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis globali tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fuq livell globali, inkluża l-Unjoni. Dan ***inaqqas*** ukoll id-dipendenzi milll-materja prima u l-enerġija marbuta mal-provvista tal-materja prima primarja u fl-istess ħin isaħħaħ is-suq għall-materja prima sekondarja. Għalkemm ma hemm l-ebda rekwiżit dwar l-użu ta' kontenut riċiklat fuq livell globali, ħafna manifatturi diġà inkorporaw materjali riċiklati fil-vetturi tagħhom. L-istabbiliment ta' miri u dispożizzjonijiet uniformi dwar kif għandu jiġi kkalkolat il-kontenut riċiklat se jipprovdi ċertezza legali u jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' kompetizzjoni ġusta bejn il-manifatturi. Ir-rekwiżiti se japplikaw għall-manifatturi kollha li beħsiebhom iqiegħdu vetturi fis-suq tal-Unjoni, irrispettivament minn fejn ikunu bbażati. Filwaqt li jirrikonoxxi l-importanza tal-ktajjen tal-valur globali fis-settur awtomobilistiku, ir-Regolament jenħtieġ li jippermetti l-akkwist tal-materja prima sekondarja minn barra l-Unjoni.

u jnaqqas l-impatti ambjentali negattivi relatati mal-użu ta' materja prima primarja. Iż-żieda fiċ-ċirkolarità għall-vetturi manifatturati f'pajjiżi terzi li jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni se tikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis globali tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fuq livell globali, inkluża l-Unjoni. Dan ***isaħħaħ*** ukoll ***l-awtonomija strateġika u l-kompetittività tal-Unjoni billi jnaqqas*** id-dipendenzi milll-materja prima u l-enerġija marbuta mal-provvista tal-materja prima primarja***, b'mod partikolari billi jikkontribwixxi għaż-żamma ta' materja prima kritika ta' valur fl-Unjoni,*** u fl-istess ħin isaħħaħ is-suq għall-materja prima sekondarja. Għalkemm ma hemm l-ebda rekwiżit dwar l-użu ta' kontenut riċiklat fuq livell globali, ħafna manifatturi diġà inkorporaw materjali riċiklati fil-vetturi tagħhom. L-istabbiliment ta' miri u dispożizzjonijiet uniformi dwar kif għandu jiġi kkalkolat il-kontenut riċiklat se jipprovdi ċertezza legali u jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' kompetizzjoni ġusta bejn il-manifatturi. Ir-rekwiżiti se japplikaw għall-manifatturi kollha li beħsiebhom iqiegħdu vetturi fis-suq tal-Unjoni, irrispettivament minn fejn ikunu bbażati. Filwaqt li jirrikonoxxi l-importanza tal-ktajjen tal-valur globali fis-settur awtomobilistiku, ir-Regolament jenħtieġ li jippermetti l-akkwist tal-materja prima sekondarja minn barra l-Unjoni.

Or. en

Emenda 259
Filip Turek, Elisabeth Dieringer, Jorge Buxadé Villalba, Jorge Martín Frías, Klara Dostalova, Ondřej Knotek, Jaroslava Pokorná Jermanová, Jana Nagyová, Jaroslav Bžoch, Ondřej Kovařík, Virginie Joron, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Sabiex tiżdied iċ-ċirkolarità fis-	(18) Sabiex tiżdied iċ-ċirkolarità fis-

settur awtomobilistiku, il-vetturi jenħtieġ li jiġu ddisinjati u mmanifatturati progressivament b'tali mod li jinkorporaw il-materja prima riċiklati minflok il-materja prima primarja. L-użu ta' materjali riċiklati jippermetti użu aktar effiċjenti fir-riżorsi tal-materjali, jiddekarbonizza l-produzzjoni u jnaqqas l-impatti ambjentali negattivi relatati mal-użu ta' materja prima primarja. Iż-żieda fiċ-ċirkolarità għall-vetturi manifatturati f'pajjiżi terzi li jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni se tikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis globali tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fuq livell globali, inkluża l-Unjoni. Dan inaqqas ukoll id-dipendenzi milll-materja prima u l-enerġija marbuta mal-provvista tal-materja prima primarja u fl-istess ħin isaħħaħ is-suq għall-materja prima sekondarja. Għalkemm ma hemm l-ebda rekwiżit dwar l-użu ta' kontenut riċiklat fuq livell globali, ħafna manifatturi diġà inkorporaw materjali riċiklati fil-vetturi tagħhom. L-istabbiliment ta' miri u dispożizzjonijiet uniformi dwar kif għandu jiġi kkalkolat il-kontenut riċiklat se jipprovdi ċertezza legali u jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' kompetizzjoni ġusta bejn il-manifatturi. Ir-rekwiżiti se japplikaw għall-manifatturi kollha li beħsiebhom iqiegħdu vetturi fis-suq tal-Unjoni, irrispettivament minn fejn ikunu bbażati. Filwaqt li jirrikonoxxi l-importanza tal-ktajjen tal-valur globali fis-settur awtomobilistiku, ir-Regolament jenħtieġ li jippermetti l-akkwist tal-materja prima sekondarja minn barra l-Unjoni.	settur awtomobilistiku, il-vetturi jenħtieġ li jiġu ddisinjati u mmanifatturati progressivament b'tali mod li jinkorporaw il-materja prima riċiklati minflok il-materja prima primarja***, dment li l-kontenut riċiklat ma jbiddilx il-prestazzjoni tas-sikurezza tal-vetturi***. L-użu ta' materjali riċiklati jippermetti użu aktar effiċjenti fir-riżorsi tal-materjali, jiddekarbonizza l-produzzjoni u jnaqqas l-impatti ambjentali negattivi relatati mal-użu ta' materja prima primarja. Iż-żieda fiċ-ċirkolarità għall-vetturi manifatturati f'pajjiżi terzi li jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni se tikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis globali tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fuq livell globali, inkluża l-Unjoni. Dan inaqqas ukoll id-dipendenzi milll-materja prima u l-enerġija marbuta mal-provvista tal-materja prima primarja u fl-istess ħin isaħħaħ is-suq għall-materja prima sekondarja. Għalkemm ma hemm l-ebda rekwiżit dwar l-użu ta' kontenut riċiklat fuq livell globali, ħafna manifatturi diġà inkorporaw materjali riċiklati fil-vetturi tagħhom. L-istabbiliment ta' miri u dispożizzjonijiet uniformi dwar kif għandu jiġi kkalkolat il-kontenut riċiklat se jipprovdi ċertezza legali u jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' kompetizzjoni ġusta bejn il-manifatturi. Ir-rekwiżiti se japplikaw għall-manifatturi kollha li beħsiebhom iqiegħdu vetturi fis-suq tal-Unjoni, irrispettivament minn fejn ikunu bbażati. Filwaqt li jirrikonoxxi l-importanza tal-ktajjen tal-valur globali fis-settur awtomobilistiku, ir-Regolament jenħtieġ li jippermetti l-akkwist tal-materja prima sekondarja minn barra l-Unjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-vetturi jgħaddu minn valutazzjonijiet stretti tas-sikurezza u tal-prestazzjoni biex jiżguraw li għandhom approvazzjoni tat-tip għall-passiġġieri. L-użu ta' kontenut riċiklat estensiv jeħtieġ valutazzjoni minn qabel tal-impatt tiegħu fuq is-sikurezza ġenerali u l-kwalità tal-vettura.

Emenda 260
Silvia Sardone, Valérie Deloge, Aldo Patriciello, Filip Turek, Marie-Luce Brasier-Clain, Roberto Vannacci, Matthieu Valet, Anne-Sophie Frigout, Mathilde Androuët, Ondřej Knotek, Susanna Ceccardi, Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Sabiex tiżdied iċ-ċirkolarità fis-settur awtomobilistiku, il-vetturi jenħtieġ li jiġu ddisinjati u mmanifatturati progressivament b'tali mod li jinkorporaw il-materja prima riċiklati minflok il-materja prima primarja. L-użu ta' materjali riċiklati jippermetti użu aktar effiċjenti fir-riżorsi tal-materjali, jiddekarbonizza l-produzzjoni u jnaqqas l-impatti ambjentali negattivi relatati mal-użu ta' materja prima primarja. Iż-żieda fiċ-ċirkolarità għall-vetturi manifatturati f'pajjiżi terzi li jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni se tikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis globali tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fuq livell globali, inkluża l-Unjoni. Dan inaqqas ukoll id-dipendenzi milll-materja prima u l-enerġija marbuta mal-provvista tal-materja prima primarja u fl-istess ħin isaħħaħ is-suq għall-materja prima sekondarja. Għalkemm ma hemm l-ebda rekwiżit dwar l-użu ta' kontenut riċiklat fuq livell globali, ħafna manifatturi diġà inkorporaw materjali riċiklati fil-vetturi tagħhom. L-istabbiliment ta' miri u dispożizzjonijiet uniformi dwar kif għandu jiġi kkalkolat il-kontenut riċiklat se jipprovdi ċertezza legali u jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' kompetizzjoni ġusta bejn il-manifatturi. Ir-rekwiżiti se japplikaw għall-manifatturi kollha li beħsiebhom iqiegħdu vetturi fis-suq tal-Unjoni, irrispettivament minn fejn ikunu bbażati. Filwaqt li jirrikonoxxi l-importanza tal-ktajjen tal-valur globali fis-settur awtomobilistiku, ir-Regolament jenħtieġ li jippermetti l-akkwist tal-materja prima sekondarja minn barra l-Unjoni.	(18) Sabiex tiżdied iċ-ċirkolarità fis-settur awtomobilistiku, il-vetturi jenħtieġ li jiġu ddisinjati u mmanifatturati progressivament b'tali mod li jinkorporaw il-materja prima riċiklati minflok il-materja prima primarja***, dment li l-kontenut riċiklat ma jbiddilx il-prestazzjoni tas-sikurezza tal-vetturi***. L-użu ta' materjali riċiklati jippermetti użu aktar effiċjenti fir-riżorsi tal-materjali, jiddekarbonizza l-produzzjoni u jnaqqas l-impatti ambjentali negattivi relatati mal-użu ta' materja prima primarja. Iż-żieda fiċ-ċirkolarità għall-vetturi manifatturati f'pajjiżi terzi li jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni se tikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis globali tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fuq livell globali, inkluża l-Unjoni. Dan inaqqas ukoll id-dipendenzi milll-materja prima u l-enerġija marbuta mal-provvista tal-materja prima primarja u fl-istess ħin isaħħaħ is-suq għall-materja prima sekondarja. Għalkemm ma hemm l-ebda rekwiżit dwar l-użu ta' kontenut riċiklat fuq livell globali, ħafna manifatturi diġà inkorporaw materjali riċiklati fil-vetturi tagħhom. L-istabbiliment ta' miri u dispożizzjonijiet uniformi dwar kif għandu jiġi kkalkolat il-kontenut riċiklat se jipprovdi ċertezza legali u jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' kompetizzjoni ġusta bejn il-manifatturi. Ir-rekwiżiti se japplikaw għall-manifatturi kollha li beħsiebhom iqiegħdu vetturi fis-suq tal-Unjoni, irrispettivament minn fejn ikunu bbażati. Filwaqt li jirrikonoxxi l-importanza tal-ktajjen tal-valur globali fis-settur awtomobilistiku, ir-Regolament jenħtieġ li jippermetti l-akkwist tal-materja

prima sekondarja minn barra l-Unjoni.

Or. en

Emenda 261
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Sabiex tiżdied iċ-ċirkolarità fis-settur awtomobilistiku, il-vetturi jenħtieġ li jiġu ddisinjati u mmanifatturati progressivament b'tali mod li jinkorporaw il-materja prima riċiklati minflok il-materja prima primarja. L-użu ta' materjali riċiklati jippermetti użu aktar effiċjenti fir-riżorsi tal-materjali, jiddekarbonizza l-produzzjoni u jnaqqas l-impatti ambjentali negattivi relatati mal-użu ta' materja prima primarja. Iż-żieda fiċ-ċirkolarità għall-vetturi manifatturati f'pajjiżi terzi li jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni se tikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis globali tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fuq livell globali, inkluża l-Unjoni. Dan inaqqas ukoll id-dipendenzi milll-materja prima u l-enerġija marbuta mal-provvista tal-materja prima primarja u fl-istess ħin isaħħaħ is-suq għall-materja prima sekondarja. Għalkemm ma hemm l-ebda rekwiżit dwar l-użu ta' kontenut riċiklat fuq livell globali, ħafna manifatturi diġà inkorporaw materjali riċiklati fil-vetturi tagħhom. L-istabbiliment ta' miri u dispożizzjonijiet uniformi dwar kif għandu jiġi kkalkolat il-kontenut riċiklat se jipprovdi ċertezza legali u jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' kompetizzjoni ġusta bejn il-manifatturi. Ir-rekwiżiti se japplikaw għall-manifatturi kollha li beħsiebhom iqiegħdu vetturi fis-suq tal-Unjoni, irrispettivament minn fejn ikunu bbażati. Filwaqt li jirrikonoxxi l-importanza tal-ktajjen tal-valur globali fis-settur awtomobilistiku, ir-Regolament jenħtieġ li	(18) Sabiex tiżdied iċ-ċirkolarità fis-settur awtomobilistiku, il-vetturi jenħtieġ li jiġu ddisinjati u mmanifatturati progressivament b'tali mod li jinkorporaw il-materja prima riċiklati minflok il-materja prima primarja. L-użu ta' materjali riċiklati jippermetti użu aktar effiċjenti fir-riżorsi tal-materjali, jiddekarbonizza l-produzzjoni u jnaqqas l-impatti ambjentali negattivi relatati mal-użu ta' materja prima primarja. Iż-żieda fiċ-ċirkolarità għall-vetturi manifatturati f'pajjiżi terzi li jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni se tikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis globali tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fuq livell globali, inkluża l-Unjoni. Dan inaqqas ukoll id-dipendenzi milll-materja prima u l-enerġija marbuta mal-provvista tal-materja prima primarja u fl-istess ħin isaħħaħ is-suq għall-materja prima sekondarja. Għalkemm ma hemm l-ebda rekwiżit dwar l-użu ta' kontenut riċiklat fuq livell globali, ħafna manifatturi diġà inkorporaw materjali riċiklati fil-vetturi tagħhom. L-istabbiliment ta' miri u dispożizzjonijiet uniformi dwar kif għandu jiġi kkalkolat il-kontenut riċiklat se jipprovdi ċertezza legali u jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' kompetizzjoni ġusta bejn il-manifatturi. Ir-rekwiżiti se japplikaw għall-manifatturi kollha li beħsiebhom iqiegħdu vetturi fis-suq tal-Unjoni, irrispettivament minn fejn ikunu bbażati***, inkluż meta jitqiegħdu fis-suq permezz ta' swieq online***. Filwaqt li jirrikonoxxi l-importanza tal-ktajjen tal-valur globali fis-

jippermetti l-akkwist tal-materja prima sekondarja minn barra l-Unjoni.	settur awtomobilistiku, ir-Regolament jenħtieġ li jippermetti l-akkwist tal-materja prima sekondarja minn barra l-Unjoni.

Or. en

Emenda 262
Matteo Ricci, Pierfrancesco Maran, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Premessa 18 a (new)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18a) It-tranżizzjoni lejn l-ekonomija ċirkolari fis-settur awtomobilistiku jenħtieġ li tkun akkumpanjata minn miżuri li jissalvagwardjaw is-sigurtà tal-impjiegi u joħolqu opportunitajiet ġodda ta' impjieg. Jenħtieġ li dan ir-Regolament ikun jista' jappoġġa lill-ħaddiema permezz ta' tranżizzjoni ġusta, billi jintegra aspetti ta' sostenibbiltà soċjali, ekonomiċi u ambjentali.

Or. en

Emenda 263
Filip Turek, Elisabeth Dieringer, Jorge Buxadé Villalba, Jorge Martín Frías, Klara Dostalova, Ondřej Knotek, Jaroslava Pokorná Jermanová, Jana Nagyová, Jaroslav Bžoch, Ondřej Kovařík, Virginie Joron, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Fid-dawl tar-rata baxxa ta' riċiklaġġ għall-plastik, speċjalment minn vetturi li ma għadhomx jintużaw, u l-impatti negattivi ġenerali ta' forom oħra ta' trattament tal-iskart tal-plastik, huwa xieraq li jiżdied l-użu ta' plastik riċiklat fil-vetturi. Għal dan il-għan, jenħtieġ li	***imħassar***

tiġi inkluża mira obbligatorja għall-plastik riċiklat mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur f'vetturi ġodda. Għaldaqstant, kull tip ta' vettura jenħtieġ li jkun fiha ħamsa u għoxrin fil-mija ta' plastik riċiklat mill-iskart tal-plastik ta' wara l-użu mill-konsumatur. Ħamsa u għoxrin fil-mija ta' din il-mira ta' kontenut riċiklat għall-plastik jenħtieġ li tinkiseb billi l-plastik riċiklat jiġi inkluż minn vetturi li ma għadhomx jintużaw fit-tip ta' vettura kkonċernat. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan l-obbligu, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tas-sehem tal-plastik irkuprat mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur, u minn vetturi li ma għadhomx jintużaw rispettivament, preżenti u inkorporati fit-tip ta' vettura.

Or. en

Emenda 264
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Fid-dawl tar-rata baxxa ta' riċiklaġġ għall-plastik, speċjalment minn vetturi li ma għadhomx jintużaw, u l-impatti negattivi ġenerali ta' forom oħra ta' trattament tal-iskart tal-plastik, huwa xieraq li jiżdied l-użu ta' plastik riċiklat fil-vetturi. Għal dan il-għan, jenħtieġ li ***tiġi inkluża mira obbligatorja għall-plastik*** riċiklat mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur ***f'vetturi ġodda***. Għaldaqstant, kull tip ta' vettura jenħtieġ li jkun fiha ***ħamsa u*** għoxrin fil-mija ta' plastik riċiklat mill-iskart tal-plastik ta' wara l-użu mill-konsumatur. Ħamsa u għoxrin fil-mija ta'	(19) Fid-dawl tar-rata baxxa ta' riċiklaġġ għall-plastik, speċjalment minn vetturi li ma għadhomx jintużaw, u l-impatti negattivi ġenerali ta' forom oħra ta' trattament tal-iskart tal-plastik, huwa xieraq li jiżdied l-użu ta' plastik riċiklat fil-vetturi. Għal dan il-għan, jenħtieġ li ***jiġu stabbiliti miri obbligatorji li jirrikjedu l-inklużjoni f'vetturi ġodda ta' ammonti minimi ta' plastik*** riċiklat mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur. Għaldaqstant, kull tip ta' vettura ***approvat minn 48 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*** jenħtieġ li jkun fih għoxrin fil-

din il-mira ta' kontenut riċiklat għall-plastik jenħtieġ li tinkiseb billi l-plastik riċiklat jiġi inkluż minn vetturi li ma għadhomx jintużaw fit-tip ta' vettura kkonċernat. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan l-obbligu, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tas-sehem tal-plastik irkuprat mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur, u minn vetturi li ma għadhomx jintużaw rispettivament, preżenti u inkorporati fit-tip ta' vettura.

mija ta' plastik riċiklat mill-iskart tal-plastik ta' wara l-użu mill-konsumatur. ***Minn 72 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-mira jenħtieġ li tkun ta' tletin fil-mija u*** ħamsa u għoxrin fil-mija ta' din il-mira ta' kontenut riċiklat għall-plastik jenħtieġ li tinkiseb billi l-plastik riċiklat jiġi inkluż minn vetturi li ma għadhomx jintużaw fit-tip ta' vettura kkonċernat. ***Dan l-approċċ f'żewġ stadji se jipprovdi perkors lejn l-industrija, jiggarantixxi titjib gradwali u jiftaħ l-investimenti.*** Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan l-obbligu, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tas-sehem tal-plastik irkuprat mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur, u minn vetturi li ma għadhomx jintużaw rispettivament, preżenti u inkorporati fit-tip ta' vettura. ***Il-metodoloġija ta' verifika jenħtieġ li tiggarantixxi kundizzjonijiet ekwivalenti ta' mmaniġġar u riċiklaġġ tal-iskart fl-Unjoni u barra mill-Unjoni u tista' tirrikjedi dimostrazzjoni ta' konformità permezz ta' ċertifikazzjoni minn parti terza indipendenti u akkreditata bi kwalifiki xierqa.***

Or. en

Emenda 265
Pascal Canfin, Yvan Verougstraete, Sandro Gozi, Gerben-Jan Gerbrandy

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Fid-dawl tar-rata baxxa ta' riċiklaġġ għall-plastik, speċjalment minn vetturi li ma għadhomx jintużaw, u l-impatti negattivi ġenerali ta' forom oħra ta' trattament tal-iskart tal-plastik, huwa xieraq li jiżdied l-użu ta' plastik riċiklat fil-	(19) Fid-dawl tar-rata baxxa ta' riċiklaġġ għall-plastik, speċjalment minn vetturi li ma għadhomx jintużaw, u l-impatti negattivi ġenerali ta' forom oħra ta' trattament tal-iskart tal-plastik, huwa xieraq li jiżdied l-użu ta' plastik riċiklat fil-

vetturi. Għal dan il-għan, jenħtieġ li tiġi inkluża mira obbligatorja għall-plastik riċiklat mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur f'vetturi ġodda. Għaldaqstant, kull tip ta' vettura jenħtieġ li jkun fiha ħamsa u għoxrin fil-mija ta' plastik riċiklat mill-iskart tal-plastik ta' wara l-użu mill-konsumatur. Ħamsa u għoxrin fil-mija ta' din il-mira ta' kontenut riċiklat għall-plastik jenħtieġ li tinkiseb billi l-plastik riċiklat jiġi inkluż minn vetturi li ma għadhomx jintużaw fit-tip ta' vettura kkonċernat. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan l-obbligu, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tas-sehem tal-plastik irkuprat mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur, u minn vetturi li ma għadhomx jintużaw rispettivament, preżenti u inkorporati fit-tip ta' vettura.

vetturi. Għal dan il-għan, jenħtieġ li tiġi inkluża mira obbligatorja għall-plastik riċiklat mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur f'vetturi ġodda. Għaldaqstant, kull tip ta' vettura jenħtieġ li jkun fiha ħamsa u għoxrin fil-mija ta' plastik riċiklat mill-iskart tal-plastik ta' wara l-użu mill-konsumatur. Ħamsa u għoxrin fil-mija ta' din il-mira ta' kontenut riċiklat għall-plastik jenħtieġ li tinkiseb billi l-plastik riċiklat jiġi inkluż minn vetturi li ma għadhomx jintużaw fit-tip ta' vettura kkonċernat. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan l-obbligu, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tas-sehem tal-plastik irkuprat mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur, u minn vetturi li ma għadhomx jintużaw rispettivament, preżenti u inkorporati fit-tip ta' vettura. ***Biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi, huwa meħtieġ li jiġi indirizzat it-tħassib ambjentali relatat b'mod nondiskriminatorju fir-rigward tal-plastik riċiklat prodott domestikament u importat. Għal dak il-għan, il-plastik riċiklat integrat f'vetturi importati fl-Unjoni jenħtieġ li jkun soġġett għal kundizzjonijiet ekwivalenti fir-rigward tal-emissjonijiet u l-ġbir separat u l-kriterji ta' sostenibbiltà għat-teknoloġiji tar-riċiklaġġ.***

Or. en

Emenda 266
Christine Singer

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Fid-dawl tar-rata baxxa ta' riċiklaġġ għall-plastik, ***speċjalment*** minn	(19) Fid-dawl tar-rata baxxa ta' riċiklaġġ għall-plastik, ***b'mod partikolari***

vetturi li ma għadhomx jintużaw, u l-impatti negattivi ġenerali ta' forom oħra ta' trattament tal-iskart tal-plastik, huwa xieraq li jiżdied l-użu ta' plastik riċiklat fil-vetturi. Għal dan il-għan, jenħtieġ li tiġi inkluża mira ***obbligatorja*** għall-plastik riċiklat ***mill-iskart*** ta' wara l-użu mill-konsumatur f'vetturi ġodda. Għaldaqstant, kull tip ta' vettura jenħtieġ li jkun fiha ħamsa u għoxrin fil-mija ***ta'*** plastik riċiklat ***mill-iskart*** tal-plastik ta' wara l-użu mill-konsumatur. Ħamsa u għoxrin fil-mija ta' ***din il-mira ta' kontenut riċiklat*** għall-plastik jenħtieġ li ***tinkiseb*** billi ***l-plastik riċiklat jiġi inkluż*** minn vetturi li ma għadhomx jintużaw fit-tip ta' vettura ***kkonċernat***. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan l-obbligu, jenħtieġ li ***l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi*** metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika ***tas-sehem*** tal-plastik irkuprat mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur***, u*** minn vetturi li ma għadhomx jintużaw ***rispettivament***, ***preżenti*** u inkorporati fit-tip ta' vettura.	minn vetturi li ma għadhomx jintużaw, u l-impatti negattivi ġenerali ta' forom oħra ta' trattament tal-iskart tal-plastik, huwa xieraq li jiżdied l-użu ta' plastik riċiklat fil-vetturi. Għal dan il-għan, jenħtieġ li tiġi inkluża mira ***vinkolanti*** għall-plastik riċiklat ***minn flussi ta' skart*** ta' ***qabel u ta'*** wara l-użu mill-konsumatur f'vetturi ġodda. Għaldaqstant, kull tip ta' vettura jenħtieġ li jkun fiha ħamsa u għoxrin fil-mija plastik ***li ġie*** riċiklat ***kemm minn flussi ta' skart*** tal-plastik ta' ***qabel kif ukoll ta'*** wara l-użu mill-konsumatur***, inkluż plastik b'bażi bijoloġika***. Ħamsa u għoxrin fil-mija ta' ***dan is-sehem ta' riċiklaġġ*** għall-plastik jenħtieġ li ***jinkiseb*** billi ***jiġi riċiklat il-plastik minn flussi ta' skart li joriġinaw*** minn vetturi li ma għadhomx jintużaw***, inkorporati*** fit-tip ta' vettura ***rispettiv***. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan l-obbligu, jenħtieġ li ***grupp indipendenti ta' esperti jistabbilixxi*** metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika ***tal-proporzjon*** tal-plastik irkuprat mill-iskart ta' ***qabel u ta'*** wara l-użu mill-konsumatur ***kif ukoll*** minn vetturi li ma għadhomx jintużaw, u inkorporati fit-tip ta' vettura ***rispettiv, filwaqt li titqies l-aħjar teknoloġija ta' riċiklaġġ disponibbli, inkluż ir-riċiklaġġ kimiku***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Kummissjoni ma għandhiex tkun dik inkarigata li tiżviluppa metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tal-proporzjon tal-plastik irkuprat mill-iskart ta' qabel u ta' wara l-użu mill-konsumatur kif ukoll minn vetturi li ma għadhomx jintużaw. Grupp indipendenti ta' esperti bl-aħjar għarfien ikun aktar indikat għal dan.

Emenda 267
Laurent Castillo

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Fid-dawl tar-rata baxxa ta' riċiklaġġ għall-plastik, speċjalment minn vetturi li ma għadhomx jintużaw, u l-impatti negattivi ġenerali ta' forom oħra ta' trattament tal-iskart tal-plastik, huwa xieraq li jiżdied l-użu ta' plastik riċiklat fil-vetturi. Għal dan il-għan, jenħtieġ li tiġi inkluża mira obbligatorja għall-plastik riċiklat mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur f'vetturi ġodda. Għaldaqstant, kull tip ta' vettura jenħtieġ li jkun fiha ħamsa u għoxrin fil-mija ta' plastik riċiklat mill-iskart tal-plastik ta' wara l-użu mill-konsumatur. Ħamsa u għoxrin fil-mija ta' din il-mira ta' kontenut riċiklat għall-plastik jenħtieġ li tinkiseb billi l-plastik riċiklat jiġi inkluż minn vetturi li ma għadhomx jintużaw fit-tip ta' vettura kkonċernat. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan l-obbligu, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tas-sehem tal-plastik irkuprat mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur, u minn vetturi li ma għadhomx jintużaw rispettivament, preżenti u inkorporati fit-tip ta' vettura.	(19) Fid-dawl tar-rata baxxa ta' riċiklaġġ għall-plastik, speċjalment minn vetturi li ma għadhomx jintużaw, u l-impatti negattivi ġenerali ta' forom oħra ta' trattament tal-iskart tal-plastik, huwa xieraq li jiżdied l-użu ta' plastik riċiklat fil-vetturi. Għal dan il-għan, jenħtieġ li tiġi inkluża mira obbligatorja għall-plastik riċiklat mill-iskart ***ta' qabel u*** ta' wara l-użu mill-konsumatur f'vetturi ġodda. Għaldaqstant, kull tip ta' vettura jenħtieġ li jkun fiha ħamsa u għoxrin fil-mija ta' plastik riċiklat ***kemm*** mill-iskart tal-plastik ta' ***qabel kif ukoll ta'*** wara l-użu mill-konsumatur. Ħamsa u għoxrin fil-mija ta' din il-mira ta' kontenut riċiklat għall-plastik jenħtieġ li tinkiseb billi l-plastik riċiklat jiġi inkluż minn vetturi li ma għadhomx jintużaw fit-tip ta' vettura kkonċernat. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan l-obbligu, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tas-sehem tal-plastik irkuprat mill-iskart ta' ***qabel u ta'*** wara l-użu mill-konsumatur, u minn vetturi li ma għadhomx jintużaw rispettivament, preżenti u inkorporati fit-tip ta' vettura ***u li tqis l-aħjar teknoloġija ta' riċiklaġġ disponibbli, bi prijorità mekkanika***.

Or. en

Emenda 268
Filip Turek, Elisabeth Dieringer, Jorge Buxadé Villalba, Jorge Martín Frías, Klara Dostalova, Ondřej Knotek, Jaroslava Pokorná Jermanová, Jana Nagyová, Jaroslav Bžoch, Ondřej Kovařík, Virginie Joron, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Fid-dawl tar-rata baxxa ta' riċiklaġġ għall-plastik, speċjalment minn vetturi li ma għadhomx jintużaw, u l-impatti negattivi ġenerali ta' forom oħra ta' trattament tal-iskart tal-plastik, huwa xieraq li jiżdied l-użu ta' plastik riċiklat fil-vetturi. Għal dan il-għan, jenħtieġ li tiġi inkluża mira obbligatorja għall-plastik riċiklat mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur f'vetturi ġodda. Għaldaqstant, kull tip ta' vettura jenħtieġ li jkun fiha ***ħamsa u għoxrin*** fil-mija ta' plastik riċiklat mill-iskart tal-plastik ta' wara l-użu mill-konsumatur. ***Ħamsa u għoxrin fil-mija ta' din il-mira ta' kontenut riċiklat għall-plastik jenħtieġ li tinkiseb billi l-plastik riċiklat jiġi inkluż minn vetturi li ma għadhomx jintużaw fit-tip ta' vettura kkonċernat.*** Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan l-obbligu, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tas-sehem tal-plastik irkuprat mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur, u minn vetturi li ma għadhomx jintużaw rispettivament, preżenti u inkorporati fit-tip ta' vettura.	(19) Fid-dawl tar-rata baxxa ta' riċiklaġġ għall-plastik, speċjalment minn vetturi li ma għadhomx jintużaw, u l-impatti negattivi ġenerali ta' forom oħra ta' trattament tal-iskart tal-plastik, huwa xieraq li jiżdied l-użu ta' plastik riċiklat fil-vetturi. Għal dan il-għan, jenħtieġ li tiġi inkluża mira obbligatorja għall-plastik riċiklat mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur f'vetturi ġodda***, 72 xahar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament***. Għaldaqstant, kull tip ta' vettura ***ġdida*** jenħtieġ li jkun fiha ***għaxra*** fil-mija ta' plastik riċiklat mill-iskart tal-plastik ta' ***qabel u ta'*** wara l-użu mill-konsumatur. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan l-obbligu, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tas-sehem tal-plastik irkuprat mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur, u minn vetturi li ma għadhomx jintużaw rispettivament, preżenti u inkorporati fit-tip ta' vettura.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Based on the currently available recycling technologies, the proposal of a 25% recycled plastic target is not technically achievable for car manufacturers, and would result in disproportionate costs for producers and consequently prohibitive costs for consumers. Additionally, in order to reduce reliance on primary raw materials, a broader range of sustainable materials should be considered. This includes pre-consumer recyclates, materials deriving from chemical recycling and bio-based materials. All relevant waste streams, such as waste generated from vehicle production and workshop waste, should be factored into the target. Furthermore, the current availability of closed loop secondary raw materials that comply with safety and quality standards required for vehicles is extremely low. This challenge is largely due to the current state of recycling technologies, the long lifespan of vehicles and the presence of legacy substances that are no longer permitted nor desired in new vehicle types. Given these constraints, the establishment of any closed-loop targets must first rely on a comprehensive evaluation process with active participation of industry

stakeholders.

Emenda 269
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Fid-dawl tar-rata baxxa ta' riċiklaġġ għall-plastik, speċjalment minn vetturi li ma għadhomx jintużaw, u l-impatti negattivi ġenerali ta' forom oħra ta' trattament tal-iskart tal-plastik, huwa xieraq li jiżdied l-użu ta' plastik riċiklat fil-vetturi. Għal dan il-għan, jenħtieġ li tiġi inkluża mira obbligatorja għall-plastik riċiklat mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur f'vetturi ġodda. Għaldaqstant, kull tip ta' vettura jenħtieġ li jkun fiha ***ħamsa u għoxrin*** fil-mija ta' plastik riċiklat mill-iskart tal-plastik ta' wara l-użu mill-konsumatur. ***Ħamsa u għoxrin*** fil-mija ta' din il-mira ta' kontenut riċiklat għall-plastik jenħtieġ li tinkiseb billi l-plastik riċiklat jiġi inkluż minn vetturi li ma għadhomx jintużaw fit-tip ta' vettura kkonċernat. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan l-obbligu, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tas-sehem tal-plastik irkuprat mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur, u minn vetturi li ma għadhomx jintużaw rispettivament, preżenti u inkorporati fit-tip ta' vettura.	(19) Fid-dawl tar-rata baxxa ta' riċiklaġġ għall-plastik, speċjalment minn vetturi li ma għadhomx jintużaw, u l-impatti negattivi ġenerali ta' forom oħra ta' trattament tal-iskart tal-plastik, huwa xieraq li jiżdied l-użu ta' plastik riċiklat fil-vetturi. Għal dan il-għan, jenħtieġ li tiġi inkluża mira obbligatorja għall-plastik riċiklat mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur f'vetturi ġodda. Għaldaqstant, kull tip ta' vettura jenħtieġ li jkun fiha ***erbgħin*** fil-mija ta' plastik riċiklat mill-iskart tal-plastik ta' wara l-użu mill-konsumatur. ***Erbgħin*** fil-mija ta' din il-mira ta' kontenut riċiklat għall-plastik jenħtieġ li tinkiseb billi l-plastik riċiklat jiġi inkluż minn vetturi li ma għadhomx jintużaw fit-tip ta' vettura kkonċernat. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan l-obbligu, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tas-sehem tal-plastik irkuprat mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur, u minn vetturi li ma għadhomx jintużaw rispettivament, preżenti u inkorporati fit-tip ta' vettura.

Or. en

Emenda 270
Silvia Sardone, Valérie Deloge, Aldo Patriciello, Filip Turek, Marie-Luce Brasier-Clain, Roberto Vannacci, Matthieu Valet, Anne-Sophie Frigout, Mathilde Androuët, Ondřej Knotek, Susanna Ceccardi, Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Fid-dawl tar-rata baxxa ta' riċiklaġġ għall-plastik, speċjalment minn vetturi li ma għadhomx jintużaw, u l-impatti negattivi ġenerali ta' forom oħra ta' trattament tal-iskart tal-plastik, huwa xieraq li jiżdied l-użu ta' plastik riċiklat fil-vetturi. Għal dan il-għan, jenħtieġ li tiġi inkluża mira obbligatorja għall-plastik riċiklat mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur f'vetturi ġodda. Għaldaqstant, kull tip ta' vettura jenħtieġ li jkun fiha ***ħamsa u għoxrin*** fil-mija ta' plastik riċiklat mill-iskart tal-plastik ta' wara l-użu mill-konsumatur. ***Ħamsa u għoxrin fil-mija ta' din il-mira ta' kontenut riċiklat għall-plastik jenħtieġ li tinkiseb billi l-plastik riċiklat jiġi inkluż minn vetturi li ma għadhomx jintużaw fit-tip ta' vettura kkonċernat.*** Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan l-obbligu, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tas-sehem tal-plastik irkuprat ***mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur, u minn vetturi li ma għadhomx jintużaw rispettivament, preżenti u inkorporati fit-tip ta' vettura***.	(19) Fid-dawl tar-rata baxxa ta' riċiklaġġ għall-plastik, speċjalment minn vetturi li ma għadhomx jintużaw, u l-impatti negattivi ġenerali ta' forom oħra ta' trattament tal-iskart tal-plastik, huwa xieraq li jiżdied l-użu ta' plastik riċiklat fil-vetturi. Għal dan il-għan, jenħtieġ li tiġi inkluża mira obbligatorja għall-plastik riċiklat mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur f'vetturi ġodda ***72 xahar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament jew 48 xahar wara d-dħul fis-seħħ tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 6(2), skont liema jiġi l-aktar tard***. Għaldaqstant, kull tip ta' vettura ***ġdida*** jenħtieġ li jkun fiha ***għaxra*** fil-mija ta' plastik riċiklat mill-iskart tal-plastik ta' wara l-użu mill-konsumatur ***u mill-iskart tal-plastik ta' qabel l-użu mill-konsumatur***. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan l-obbligu, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tas-sehem tal-plastik irkuprat***, skont l-approċċ teknoloġikament newtrali***.

Or. en

Emenda 271
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Fid-dawl tar-rata baxxa ta' riċiklaġġ għall-plastik, speċjalment minn vetturi li ma għadhomx jintużaw, u l-impatti negattivi ġenerali ta' forom oħra ta' trattament tal-iskart tal-plastik, huwa xieraq li jiżdied l-użu ta' plastik riċiklat fil-vetturi. Għal dan il-għan, jenħtieġ li tiġi inkluża mira obbligatorja għall-plastik riċiklat mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur f'vetturi ġodda. Għaldaqstant, kull tip ta' vettura jenħtieġ li jkun fiha ħamsa u għoxrin fil-mija ta' plastik riċiklat mill-iskart tal-plastik ta' wara l-użu mill-konsumatur. Ħamsa u għoxrin fil-mija ta' din il-mira ta' kontenut riċiklat għall-plastik jenħtieġ li tinkiseb billi l-plastik riċiklat jiġi inkluż minn vetturi li ma għadhomx jintużaw fit-tip ta' vettura kkonċernat. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan l-obbligu, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' ***implimentazzjoni*** biex tistabbilixxi metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tas-sehem tal-plastik irkuprat mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur, u minn vetturi li ma għadhomx jintużaw rispettivament, preżenti u inkorporati fit-tip ta' vettura.	(19) Fid-dawl tar-rata baxxa ta' riċiklaġġ għall-plastik, speċjalment minn vetturi li ma għadhomx jintużaw, u l-impatti negattivi ġenerali ta' forom oħra ta' trattament tal-iskart tal-plastik, huwa xieraq li jiżdied l-użu ta' plastik riċiklat fil-vetturi. Għal dan il-għan, jenħtieġ li tiġi inkluża mira obbligatorja għall-plastik riċiklat mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur f'vetturi ġodda. Għaldaqstant, kull tip ta' vettura jenħtieġ li jkun fiha ħamsa u għoxrin fil-mija ta' plastik riċiklat mill-iskart tal-plastik ta' wara l-użu mill-konsumatur. Ħamsa u għoxrin fil-mija ta' din il-mira ta' kontenut riċiklat għall-plastik jenħtieġ li tinkiseb billi l-plastik riċiklat jiġi inkluż minn vetturi li ma għadhomx jintużaw fit-tip ta' vettura kkonċernat. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan l-obbligu, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' ***delega*** biex tistabbilixxi metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tas-sehem tal-plastik irkuprat mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur, u minn vetturi li ma għadhomx jintużaw rispettivament, preżenti u inkorporati fit-tip ta' vettura.

Or. en

Emenda 272
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Fid-dawl tar-rata baxxa ta' riċiklaġġ għall-plastik, speċjalment minn vetturi li ma għadhomx jintużaw, u l-impatti negattivi ġenerali ta' forom oħra ta' trattament tal-iskart tal-plastik, huwa	(19) Fid-dawl tar-rata baxxa ta' riċiklaġġ għall-plastik, speċjalment minn vetturi li ma għadhomx jintużaw, u l-impatti negattivi ġenerali ta' forom oħra ta' trattament tal-iskart tal-plastik, huwa

xieraq li jiżdied l-użu ta’ plastik riċiklat fil-vetturi. Għal dan il-għan, jenħtieġ li tiġi inkluża mira obbligatorja għall-plastik riċiklat mill-iskart ta’ wara l-użu mill-konsumatur f’vetturi ġodda. Għaldaqstant, kull tip ta’ vettura jenħtieġ li jkun fiha ***ħamsa u għoxrin*** fil-mija ta’ plastik riċiklat mill-iskart tal-plastik ta’ wara l-użu mill-konsumatur. Ħamsa u għoxrin fil-mija ta’ din il-mira ta’ kontenut riċiklat għall-plastik jenħtieġ li tinkiseb billi l-plastik riċiklat jiġi inkluż minn vetturi li ma għadhomx jintużaw fit-tip ta’ vettura kkonċernat. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta’ dan l-obbligu, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta’ implimentazzjoni biex tistabbilixxi metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tas-sehem tal-plastik irkuprat mill-iskart ta’ wara l-użu mill-konsumatur, u minn vetturi li ma għadhomx jintużaw rispettivament, preżenti u inkorporati fit-tip ta’ vettura.

xieraq li jiżdied l-użu ta’ plastik riċiklat fil-vetturi. Għal dan il-għan, jenħtieġ li tiġi inkluża mira obbligatorja għall-plastik riċiklat mill-iskart ta’ wara l-użu mill-konsumatur f’vetturi ġodda. Għaldaqstant, kull tip ta’ vettura jenħtieġ li jkun fiha ***tletin*** fil-mija ta’ plastik riċiklat mill-iskart tal-plastik ta’ wara l-użu mill-konsumatur. Ħamsa u għoxrin fil-mija ta’ din il-mira ta’ kontenut riċiklat għall-plastik jenħtieġ li tinkiseb billi l-plastik riċiklat jiġi inkluż minn vetturi li ma għadhomx jintużaw fit-tip ta’ vettura kkonċernat. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta’ dan l-obbligu, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta’ implimentazzjoni biex tistabbilixxi metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tas-sehem tal-plastik irkuprat mill-iskart ta’ wara l-użu mill-konsumatur, u minn vetturi li ma għadhomx jintużaw rispettivament, preżenti u inkorporati fit-tip ta’ vettura.

Or. en

Emenda 273
Matthieu Valet, Valérie Deloge, Mathilde Androuët, Marie-Luce Brasier-Clain, Anne-Sophie Frigout

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Fid-dawl tar-rata baxxa ta’ riċiklaġġ għall-plastik, speċjalment minn vetturi li ma għadhomx jintużaw, u l-impatti negattivi ġenerali ta’ forom oħra ta’ trattament tal-iskart tal-plastik, huwa xieraq li jiżdied l-użu ta’ plastik riċiklat fil-vetturi. Għal dan il-għan, jenħtieġ li tiġi inkluża mira obbligatorja għall-plastik riċiklat mill-iskart ta’ wara l-użu mill-konsumatur f’vetturi ġodda. Għaldaqstant, kull tip ta’ vettura jenħtieġ li jkun fiha ***ħamsa u għoxrin*** fil-mija ta’ plastik	(19) Fid-dawl tar-rata baxxa ta’ riċiklaġġ għall-plastik, speċjalment minn vetturi li ma għadhomx jintużaw, u l-impatti negattivi ġenerali ta’ forom oħra ta’ trattament tal-iskart tal-plastik, huwa xieraq li jiżdied l-użu ta’ plastik riċiklat fil-vetturi. Għal dan il-għan, jenħtieġ li tiġi inkluża mira obbligatorja għall-plastik riċiklat mill-iskart ta’ wara l-użu mill-konsumatur f’vetturi ġodda. Għaldaqstant, kull tip ta’ vettura jenħtieġ li jkun fiha ***ħmistax*** fil-mija ta’ plastik riċiklat mill-

riċiklat mill-iskart tal-plastik ta' wara l-użu mill-konsumatur. ***Ħamsa u għoxrin*** fil-mija ta' din il-mira ta' kontenut riċiklat għall-plastik jenħtieġ li tinkiseb billi l-plastik riċiklat jiġi inkluż minn vetturi li ma għadhomx jintużaw fit-tip ta' vettura kkonċernat. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan l-obbligu, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tas-sehem tal-plastik irkuprat mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur, u minn vetturi li ma għadhomx jintużaw rispettivament, preżenti u inkorporati fit-tip ta' vettura.

iskart tal-plastik ta' wara l-użu mill-konsumatur. ***Ħmistax*** fil-mija ta' din il-mira ta' kontenut riċiklat għall-plastik jenħtieġ li tinkiseb billi l-plastik riċiklat jiġi inkluż minn vetturi li ma għadhomx jintużaw fit-tip ta' vettura kkonċernat. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan l-obbligu, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tas-sehem tal-plastik irkuprat mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur, u minn vetturi li ma għadhomx jintużaw rispettivament, preżenti u inkorporati fit-tip ta' vettura.

Or. fr

Emenda 274
Pascal Canfin, Yvan Verougstraete, Sandro Gozi, Gerben-Jan Gerbrandy

Proposta għal regolament
Premessa 19 a (new)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(19a) Sabiex tingħata spinta lill-innovazzjoni u tmexxi suq għal soluzzjonijiet b'bażi bijoloġika, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippubblika, sa 96 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, rieżami tal-istat tal-iżvilupp teknoloġiku u l-prestazzjoni ambjentali tal-plastik b'bażi bijoloġika fil-vetturi, u fejn xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva biex tintroduċi rekwiżiti ta' sostenibbiltà u miri dedikati.

Or. en

Emenda 275
Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann

Proposta għal regolament
Premessa 19b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(19b) Il-miri minimi ta' kontenut riċiklat għall-plastik stabbiliti f'dan ir-Regolament għandhom ikunu komposti minn skart tal-plastik riċiklat fl-UE jew skart tal-plastik li ġej minn pajjiż terz li japplika prattiki ta' mmaniġġar tal-iskart u riċiklaġġ f'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE. Il-konformità għandha tiġi vverifikata u dokumentata minn parti terza akkreditata.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-iffissar ta' miri ta' kontenut riċiklat ma jkollu l-ebda effett pożittiv fuq l-ambjent u lanqas fuq il-kompetittività u l-awtonomija strateġika tal-UE jekk il-kontenut riċiklat ma joriġinax mill-UE jew minn pajjiż terz li jipproduċi kontenut riċiklat bi standards soċjali, ambjentali u ta' sikurezza verifikati tal-UE. L-importazzjoni ta' kontenut verġni, greenwashed jew riċiklat ta' kwalità baxxa ta' pajjiżi terzi hija kontroproduttiva għall-għanijiet u l-miri tal-UE.

Emenda 276
Filip Turek, Elisabeth Dieringer, Jorge Buxadé Villalba, Jorge Martín Frías, Klara Dostalova, Ondřej Knotek, Jaroslava Pokorná Jermanová, Jana Nagyová, Jaroslav Bžoch, Ondřej Kovařík, Virginie Joron, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Is-settur awtomobilistiku huwa wieħed mill-akbar utenti tal-azzar u l-użu kurrenti tal-azzar riċiklat f'vetturi ġodda għadu baxx. Sabiex tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-impronta tal-karbonju marbuta mal-produzzjoni ta' vetturi ġodda u tappoġġa l-bidla tal-industrija tal-karozzi lejn in-newtralità klimatika, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea	***imħassar***

jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-istabbiliment ta' sehem minimu ta' azzar riċiklat minn skart tal-azzar ta' wara l-użu mill-konsumatur li għandu jkun preżenti u inkorporat fit-tipi ta' vetturi. L-istabbiliment ta' mira futura jenħtieġ li jkun preċedut minn studju ddedikat mill-Kummissjoni li jkopri l-fatturi tekniċi, ambjentali u ekonomiċi rilevanti kollha marbuta mal-fattibbiltà ta' tali mira. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan l-obbligu, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tas-sehem tal-azzar irkuprat mill-iskart tal-azzar ta' wara l-użu mill-konsumatur preżenti fit-tip ta' vettura u inkorporat fih.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kwalunkwe proposta biex tiġi inkluża mira tal-azzar riċiklat ikollha impatt sproporzjonat fuq l-affordabbiltà tal-vetturi.

Emenda 277
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Is-settur awtomobilistiku huwa wieħed mill-akbar utenti tal-azzar u l-użu kurrenti tal-azzar riċiklat f'vetturi ġodda għadu baxx. Sabiex tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-impronta tal-karbonju marbuta mal-produzzjoni ta' vetturi ġodda u tappoġġa l-bidla tal-industrija tal-karozzi lejn in-newtralità klimatika, ***is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea*** jenħtieġ li ***tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-istabbiliment***	(20) Is-settur awtomobilistiku huwa wieħed mill-akbar utenti tal-azzar u l-użu kurrenti tal-azzar riċiklat f'vetturi ġodda għadu baxx. Sabiex tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-impronta tal-karbonju marbuta mal-produzzjoni ta' vetturi ġodda u tappoġġa l-bidla tal-industrija tal-karozzi lejn in-newtralità klimatika, ***tnaqqas il-konsum tal-enerġija u l-kostijiet, u ssaħħaħ ir-reżiljenza billi tnaqqas id-dipendenzi mill-provvisti tal-materja prima primarja, huwa xieraq li jiżdied l-***

ta' sehem minimu ta' azzar riċiklat minn skart ***tal-azzar*** ta' wara l-użu mill-konsumatur ***li għandu jkun preżenti u inkorporat fit-tipi ta' vetturi. L-istabbiliment ta' mira futura*** jenħtieġ li ***jkun preċedut minn studju ddedikat mill-Kummissjoni li jkopri l-fatturi tekniċi, ambjentali u ekonomiċi rilevanti kollha marbuta mal-fattibbiltà ta' tali mira***. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan l-obbligu, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tas-sehem tal-azzar irkuprat mill-iskart ***tal-azzar*** ta' wara l-użu mill-konsumatur preżenti fit-tip ta' vettura u inkorporat fih.

użu tal-azzar riċiklat fil-vetturi. Għal dan il-għan, jenħtieġ li ***jiġu stabbiliti miri għall-inklużjoni ta' ammonti minimi*** ta' azzar riċiklat minn skart ta' wara l-użu mill-konsumatur ***f'vetturi ġodda. Għaldaqstant, kull tip ta' vettura approvat minn 48 xahar u 108 xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun fih tletin u erbgħin fil-mija ta' azzar riċiklat minn azzar riċiklat ta' wara l-użu mill-konsumatur rispettivament. Ħamsa u sebgħin fil-mija ta' dawn il-miri ta' kontenut riċiklat għall-azzar*** jenħtieġ li ***jinkisbu billi l-azzar riċiklat jiġi inkluż minn vetturi li ma għadhomx jintużaw fit-tip ta' vettura kkonċernat***. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan l-obbligu, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tas-sehem tal-azzar irkuprat mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur***, u minn vetturi li ma għadhomx jintużaw rispettivament,*** preżenti u inkorporati fit-tip ta' vettura. ***Il-metodoloġija ta' verifika jenħtieġ li tiggarantixxi kundizzjonijiet ekwivalenti ta' mmaniġġar u riċiklaġġ tal-iskart fl-Unjoni u barra mill-Unjoni u tista' tirrikjedi dimostrazzjoni ta' konformità permezz ta' ċertifikazzjoni minn parti terza indipendenti u akkreditata bi kwalifiki xierqa.***

Or. en

Emenda 278
Pascal Canfin, Yvan Verougstraete, Sandro Gozi

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Is-settur awtomobilistiku huwa wieħed mill-akbar utenti tal-azzar u l-użu kurrenti tal-azzar riċiklat f'vetturi ġodda	(20) Is-settur awtomobilistiku huwa wieħed mill-akbar utenti tal-azzar u l-użu kurrenti tal-azzar riċiklat f'vetturi ġodda

għadu baxx. Sabiex tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-impronta tal-karbonju marbuta mal-produzzjoni ta' vetturi ġodda u tappoġġa l-bidla tal-industrija tal-karozzi lejn in-newtralità klimatika, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-istabbiliment ta' sehem minimu ta' azzar ***riċiklat minn skart tal-azzar ta' wara l-użu mill-konsumatur*** li għandu jkun preżenti u inkorporat fit-tipi ta' vetturi. L-istabbiliment ta' mira futura jenħtieġ li jkun preċedut minn studju ddedikat mill-Kummissjoni li jkopri l-fatturi tekniċi, ambjentali u ekonomiċi rilevanti kollha marbuta mal-fattibbiltà ta' tali mira. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan l-obbligu, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' ***implimentazzjoni*** biex tistabbilixxi metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tas-sehem tal-azzar irkuprat mill-iskart tal-azzar ta' wara l-użu mill-konsumatur preżenti fit-tip ta' vettura u inkorporat fih.

għadu baxx. Sabiex tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-impronta tal-karbonju marbuta mal-produzzjoni ta' vetturi ġodda u tappoġġa l-bidla tal-industrija tal-karozzi lejn in-newtralità klimatika, ***jenħtieġ li tiġi stabbilita mira għall-integrazzjoni tal-azzar riċiklat mill-iskart ta' wara l-użu mill-konsumatur f'vetturi ġodda. Barra minn hekk,*** is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-istabbiliment ta' sehem minimu ta' azzar ***b'livell baxx ta' karbonju*** li għandu jkun preżenti u inkorporat fit-tipi ta' vetturi. L-istabbiliment ta' mira futura jenħtieġ li jkun preċedut minn studju ddedikat mill-Kummissjoni li jkopri l-fatturi tekniċi, ambjentali u ekonomiċi rilevanti kollha marbuta mal-fattibbiltà ta' tali mira. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan l-obbligu, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' ***delega*** biex tistabbilixxi metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tas-sehem tal-azzar irkuprat mill-iskart tal-azzar ta' wara l-użu mill-konsumatur ***u azzar b'livell baxx ta' karbonju*** preżenti fit-tip ta' vettura u inkorporat fih.

Or. en

Emenda 279
Dennis Radtke

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Is-settur awtomobilistiku huwa wieħed mill-akbar utenti tal-azzar u l-użu kurrenti tal-azzar riċiklat f'vetturi ġodda għadu baxx. Sabiex tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-impronta tal-karbonju marbuta mal-produzzjoni ta' vetturi ġodda u	(20) Is-settur awtomobilistiku huwa wieħed mill-akbar utenti tal-azzar u l-użu kurrenti tal-azzar riċiklat f'vetturi ġodda għadu baxx. Sabiex tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-impronta tal-karbonju marbuta mal-produzzjoni ta' vetturi ġodda u

tappoġġa l-bidla tal-industrija tal-karozzi lejn in-newtralità klimatika, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-istabbiliment ta' sehem minimu ta' azzar riċiklat minn skart tal-azzar ta' wara l-użu mill-konsumatur li għandu jkun preżenti u inkorporat fit-tipi ta' vetturi. L-istabbiliment ta' mira futura jenħtieġ li jkun preċedut minn studju ddedikat mill-Kummissjoni li jkopri l-fatturi tekniċi, ambjentali u ekonomiċi rilevanti kollha marbuta mal-fattibbiltà ta' tali mira. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan l-obbligu, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tas-sehem tal-azzar irkuprat mill-iskart tal-azzar ta' wara l-użu mill-konsumatur preżenti fit-tip ta' vettura u inkorporat fih.	tappoġġa l-bidla tal-industrija tal-karozzi lejn in-newtralità klimatika, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-istabbiliment ta' sehem minimu ta' ***azzar b'livell baxx ta' CO2 u*** azzar riċiklat minn skart tal-azzar ta' wara l-użu mill-konsumatur li għandu jkun preżenti u inkorporat fit-tipi ta' vetturi. L-istabbiliment ta' mira futura jenħtieġ li jkun preċedut minn studju ddedikat mill-Kummissjoni li jkopri l-fatturi tekniċi, ambjentali u ekonomiċi rilevanti kollha marbuta mal-fattibbiltà ta' tali mira***, inkluży wkoll l-impatti fuq setturi oħra li jużaw l-azzar u l-emissjonijiet globali tal-gassijiet serra***. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan l-obbligu, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tas-sehem tal-azzar irkuprat mill-iskart tal-azzar ta' wara l-użu mill-konsumatur preżenti fit-tip ta' vettura u inkorporat fih.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iż-żieda fil-kontenut ta' azzar riċiklat fis-settur awtomobilistiku fin-nuqqas ta' żieda ġenerali fid-disponibbiltà ta' ruttam ikollha impatt negattiv fuq setturi oħra li jużaw l-azzar fejn ir-ruttam ma jkunx aktar disponibbli, kemm f'termini ta' kontenut riċiklat kif ukoll ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra (effett ta' sostituzzjoni).

Emenda 280
Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Is-settur awtomobilistiku huwa wieħed mill-akbar utenti tal-azzar u l-użu kurrenti tal-azzar riċiklat f'vetturi ġodda	(20) Is-settur awtomobilistiku huwa wieħed mill-akbar utenti tal-azzar u l-użu kurrenti tal-azzar riċiklat f'vetturi ġodda

għadu baxx. Sabiex tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-impronta tal-karbonju marbuta mal-produzzjoni ta' vetturi ġodda u tappoġġa l-bidla tal-industrija tal-karozzi lejn in-newtralità klimatika, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-istabbiliment ta' sehem minimu ta' azzar riċiklat minn skart tal-azzar ta' wara l-użu mill-konsumatur li għandu jkun preżenti u inkorporat fit-tipi ta' vetturi. L-istabbiliment ta' mira futura jenħtieġ li jkun preċedut minn studju ddedikat mill-Kummissjoni li jkopri l-fatturi tekniċi, ambjentali u ekonomiċi rilevanti kollha marbuta mal-fattibbiltà ta' tali mira. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan l-obbligu, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tas-sehem tal-azzar irkuprat mill-iskart tal-azzar ta' wara l-użu mill-konsumatur preżenti fit-tip ta' vettura u inkorporat fih.

għadu baxx. Sabiex tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-impronta tal-karbonju marbuta mal-produzzjoni ta' vetturi ġodda u tappoġġa l-bidla tal-industrija tal-karozzi lejn in-newtralità klimatika, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-istabbiliment ta' sehem minimu ta' azzar riċiklat minn skart tal-azzar ta' wara l-użu mill-konsumatur li għandu jkun preżenti u inkorporat fit-tipi ta' vetturi. L-istabbiliment ta' mira futura jenħtieġ li jkun preċedut minn studju ddedikat mill-Kummissjoni li jkopri l-fatturi tekniċi, ambjentali u ekonomiċi rilevanti kollha marbuta mal-fattibbiltà ta' tali mira***, inkluži wkoll l-impatti fuq setturi oħra li jużaw l-azzar u l-emissjonijiet globali tal-gassijiet serra***. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan l-obbligu, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tas-sehem tal-azzar irkuprat mill-iskart tal-azzar ta' wara l-użu mill-konsumatur preżenti fit-tip ta' vettura u inkorporat fih.

Or. en

Emenda 281
Laurent Castillo

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Is-settur awtomobilistiku huwa wieħed mill-akbar utenti tal-azzar u l-użu kurrenti tal-azzar riċiklat f'vetturi ġodda għadu baxx. Sabiex tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-impronta tal-karbonju marbuta mal-produzzjoni ta' vetturi ġodda u tappoġġa l-bidla tal-industrija tal-karozzi	(20) Is-settur awtomobilistiku huwa wieħed mill-akbar utenti tal-azzar u l-użu kurrenti tal-azzar riċiklat f'vetturi ġodda għadu baxx. Sabiex tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-impronta tal-karbonju marbuta mal-produzzjoni ta' vetturi ġodda u tappoġġa l-bidla tal-industrija tal-karozzi

lejn in-newtralità klimatika, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-istabbiliment ta' sehem minimu ta' azzar riċiklat minn skart tal-azzar ta' wara l-użu mill-konsumatur li għandu jkun preżenti u inkorporat fit-tipi ta' vetturi. L-istabbiliment ta' mira futura jenħtieġ li jkun preċedut minn studju ddedikat mill-Kummissjoni li jkopri l-fatturi tekniċi, ambjentali u ekonomiċi rilevanti kollha marbuta mal-fattibbiltà ta' tali mira. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan l-obbligu, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tas-sehem tal-azzar irkuprat mill-iskart tal-azzar ta' wara l-użu mill-konsumatur preżenti fit-tip ta' vettura u inkorporat fih.

lejn in-newtralità klimatika, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-istabbiliment ta' sehem minimu ta' azzar riċiklat minn skart tal-azzar ta' wara l-użu mill-konsumatur li għandu jkun preżenti u inkorporat fit-tipi ta' vetturi. L-istabbiliment ta' mira futura jenħtieġ li jkun preċedut minn studju ddedikat mill-Kummissjoni li jkopri l-fatturi tekniċi, ambjentali u ekonomiċi rilevanti kollha marbuta mal-fattibbiltà ta' tali mira***, inklużi wkoll l-impatti fuq setturi oħra li jużaw l-azzar u l-emissjonijiet globali tal-gassijiet serra***. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan l-obbligu, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tas-sehem tal-azzar irkuprat mill-iskart tal-azzar ta' wara l-użu mill-konsumatur preżenti fit-tip ta' vettura u inkorporat fih.

Or. en

Emenda 282
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Is-settur awtomobilistiku huwa wieħed mill-akbar utenti tal-azzar u l-użu kurrenti tal-azzar riċiklat f'vetturi ġodda għadu baxx. Sabiex tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-impronta tal-karbonju marbuta mal-produzzjoni ta' vetturi ġodda u tappoġġa l-bidla tal-industrija tal-karozzi lejn in-newtralità klimatika, ***is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni***	(20) Is-settur awtomobilistiku huwa wieħed mill-akbar utenti tal-azzar u l-użu kurrenti tal-azzar riċiklat f'vetturi ġodda għadu baxx. Sabiex tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-impronta tal-karbonju marbuta mal-produzzjoni ta' vetturi ġodda u tappoġġa l-bidla tal-industrija tal-karozzi lejn in-newtralità klimatika, jenħtieġ li ***tiġi stabbilita mira obbligatorja għall-azzar riċiklat minn skart ta' wara l-użu mill-***

Ewropea jenħtieġ li ***tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-istabbiliment ta' sehem minimu*** ta' azzar riċiklat minn skart tal-azzar ta' wara l-użu mill-konsumatur ***li għandu jkun preżenti u inkorporat fit-tipi ta' vetturi. L-istabbiliment ta' mira futura jenħtieġ li jkun preċedut minn studju ddedikat mill-Kummissjoni li jkopri l-fatturi tekniċi, ambjentali u ekonomiċi rilevanti kollha marbuta mal-fattibbiltà ta' tali mira***. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan l-obbligu, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' ***implimentazzjoni*** biex tistabbilixxi metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tas-sehem tal-azzar irkuprat mill-iskart tal-azzar ta' wara l-użu mill-konsumatur preżenti fit-tip ta' vettura u inkorporat fih.

konsumatur inkluż f'vetturi ġodda. Għaldaqstant, kull tip ta' vettura jenħtieġ li jkun fih tletin fil-mija ta' azzar riċiklat minn skart tal-azzar ta' wara l-użu mill-konsumatur. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan l-obbligu, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' ***delega*** biex tistabbilixxi metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tas-sehem tal-azzar irkuprat mill-iskart tal-azzar ta' wara l-użu mill-konsumatur preżenti fit-tip ta' vettura u inkorporat fih. ***Sabiex jitqies ir-riskju ta' provvista qasira ta' azzar u tiġi vvalutata d-disponibbiltà ta' dik il-materja prima, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tal-mira għas-sehem minimu ta' azzar riċiklat preżenti fil-vettura.***

Or. en

Emenda 283
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[55] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-

approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, fir-rigward tal-emissjonijiet u d-durabbiltà tal-batteriji tagħhom (Euro 7) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 u r-Regolament (KE) Nru 595/2009.

Or. en

Emenda 321
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) Sabiex ***jiġi ffaċilitat it-trattament*** fi tmiem il-ħajja tal-vetturi, il-manifatturi tal-vetturi jenħtieġ li jipprovdu, permezz ta' għodod diġitali, informazzjoni akkurata, kompluta u aġġornata dwar ***it-tneħħija u s-sostituzzjoni sikuri tal-partijiet*** u l-komponenti tal-vetturi. Għalhekk jenħtieġ li jiġi żviluppat u jsir disponibbli Passaport taċ-Ċirkolarità tal-Vetturi bħala trasportatur tad-data għal tali informazzjoni, b'mod li jkun konsistenti ma' għodod u pjattaformi ta' informazzjoni diġitali oħra li diġà jeżistu jew li qed jiġu żviluppati ulterjorment fis-settur awtomobilistiku dwar il-prestazzjoni ambjentali tal-vetturi u allinjati mad-dispożizzjonijiet korrispondenti fir-Regolament (UE) 2023 [Batteriji], ir-Regolament [ESPR] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[54] u r-Regolament [Euro 7] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[55]. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi tad-disinn u tal-operat għall-passaport u r-regoli dwar il-post tat-	(31) Sabiex ***jiġu ffaċilitati t-tiswija, ir-rinnovazzjoni, ir-rimanifattura, il-modifika retroattiva, is-sostituzzjoni u t-trattament*** fi tmiem il-ħajja tal-vetturi ***u l-parts, il-komponenti u l-materjali tagħhom***, il-manifatturi tal-vetturi jenħtieġ li jipprovdu, permezz ta' għodod diġitali, informazzjoni akkurata, kompluta u aġġornata dwar ***il-parts,*** u l-komponenti ***u l-materjali*** tal-vetturi. Għalhekk jenħtieġ li jiġi żviluppat u jsir disponibbli Passaport taċ-Ċirkolarità tal-Vetturi bħala trasportatur tad-data għal tali informazzjoni, b'mod li jkun konsistenti***, kumplimentari u integrat*** ma' għodod u pjattaformi ta' informazzjoni diġitali oħra li diġà jeżistu jew li qed jiġu żviluppati ulterjorment fis-settur awtomobilistiku dwar il-prestazzjoni ambjentali tal-vetturi u allinjati mad-dispożizzjonijiet korrispondenti fir-Regolament (UE) 2023 [Batteriji], ir-Regolament [ESPR] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament [Euro 7] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat

trasportatur tad-data jew identifikatur ieħor li jippermettu l-aċċess għall-passaport fuq il-vettura.	ta’ implimentazzjoni biex tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi tad-disinn u tal-operat għall-passaport u r-regoli dwar il-post tat-trasportatur tad-data jew identifikatur ieħor li jippermettu l-aċċess għall-passaport fuq il-vettura.
[54] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għall-iffissar ta’ rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti sostenibbli u li jħassar id-Direttiva 2009/125/KE.	[54] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għall-iffissar ta’ rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti sostenibbli u li jħassar id-Direttiva 2009/125/KE.
[55] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta’ vetturi bil-mutur u magni u ta’ sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, fir-rigward tal-emissjonijiet u d-durabbiltà tal-batteriji tagħhom (Euro 7) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 u r-Regolament (KE) Nru 595/2009.	55 Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta’ vetturi bil-mutur u magni u ta’ sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, fir-rigward tal-emissjonijiet u d-durabbiltà tal-batteriji tagħhom (Euro 7) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 u r-Regolament (KE) Nru 595/2009.
	Or. en

Emenda 322
Christine Singer, Andreas Glück

Proposta għal regolament
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) Sabiex jiġi ffaċilitat it-trattament fi tmiem il-ħajja tal-vetturi, il-manifatturi tal-vetturi jenħtieġ li jipprovdu, permezz ta’ għodod diġitali, informazzjoni akkurata, kompluta u aġġornata dwar it-tneħħija u s-sostituzzjoni sikuri tal-partijiet u l-komponenti tal-vetturi. Għalhekk jenħtieġ li jiġi żviluppat u jsir disponibbli Passaport taċ-Ċirkolarità tal-Vetturi bħala trasportatur tad-data għal tali informazzjoni, b’mod li jkun konsistenti ma’ għodod u pjattaformi ta’ informazzjoni diġitali oħra li diġà jeżistu jew li qed jiġu	(31) Sabiex jiġi ffaċilitat it-trattament fi tmiem il-ħajja tal-vetturi, il-manifatturi tal-vetturi jenħtieġ li jipprovdu, permezz ta’ għodod diġitali, informazzjoni akkurata, kompluta u aġġornata dwar it-tneħħija u s-sostituzzjoni sikuri tal-partijiet u l-komponenti tal-vetturi. Għalhekk jenħtieġ li jiġi żviluppat u jsir disponibbli Passaport taċ-Ċirkolarità tal-Vetturi bħala trasportatur tad-data għal tali informazzjoni, b’mod li jkun konsistenti ma’ għodod u pjattaformi ta’ informazzjoni diġitali oħra li diġà jeżistu jew li qed jiġu

żviluppati ulterjorment fis-settur awtomobilistiku dwar il-prestazzjoni ambjentali tal-vetturi u allinjati mad-dispożizzjonijiet korrispondenti fir-Regolament (UE) 2023 [Batteriji], ir-Regolament [ESPR] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[54] u r-Regolament [Euro 7] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[55]. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi tad-disinn u tal-operat għall-passaport u r-regoli dwar il-post tat-trasportatur tad-data jew identifikatur ieħor li jippermettu l-aċċess għall-passaport fuq il-vettura.	żviluppati ulterjorment fis-settur awtomobilistiku dwar il-prestazzjoni ambjentali tal-vetturi u allinjati mad-dispożizzjonijiet korrispondenti fir-Regolament (UE) 2023 [Batteriji], ir-Regolament [ESPR] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[54] u r-Regolament [Euro 7] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[55]. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi tad-disinn u tal-operat għall-passaport u r-regoli dwar il-post tat-trasportatur tad-data jew identifikatur ieħor li jippermettu l-aċċess għall-passaport fuq il-vettura. ***Madankollu, jeħtieġ li l-Kummissjoni timminimizza kemm jista' jkun il-piż amministrattiv.***
[54] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti sostenibbli u li jħassar id-Direttiva 2009/125/KE.	[54] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti sostenibbli u li jħassar id-Direttiva 2009/125/KE.
[55] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, fir-rigward tal-emissjonijiet u d-durabbiltà tal-batteriji tagħhom (Euro 7) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 u r-Regolament (KE) Nru 595/2009.	[55] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, fir-rigward tal-emissjonijiet u d-durabbiltà tal-batteriji tagħhom (Euro 7) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 u r-Regolament (KE) Nru 595/2009.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-piż amministrattiv għandu jinżamm baxx kemm jista' jkun.

Emenda 323
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) Sabiex jiġi ffaċilitat it-trattament fi tmiem il-ħajja tal-vetturi, il-manifatturi tal-vetturi jenħtieġ li jipprovdu, permezz ta' għodod diġitali, informazzjoni akkurata, kompluta u aġġornata dwar it-tneħħija u s-sostituzzjoni sikuri tal-partijiet u l-komponenti tal-vetturi. Għalhekk jenħtieġ li jiġi żviluppat u jsir disponibbli Passaport taċ-Ċirkolarità tal-Vetturi bħala trasportatur tad-data għal tali informazzjoni, b'mod li jkun konsistenti ma' għodod u pjattaformi ta' informazzjoni diġitali oħra li diġà jeżistu jew li qed jiġu żviluppati ulterjorment fis-settur awtomobilistiku dwar il-prestazzjoni ambjentali tal-vetturi u allinjati mad-dispożizzjonijiet korrispondenti fir-Regolament (UE) ***2023 [Batteriji], ir-Regolament [ESPR]*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[54] u r-Regolament [Euro 7] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[55]. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi tad-disinn u tal-operat għall-passaport u r-regoli dwar il-post tat-trasportatur tad-data jew identifikatur ieħor li jippermettu l-aċċess għall-passaport fuq il-vettura.	(31) Sabiex jiġi ffaċilitat it-trattament fi tmiem il-ħajja tal-vetturi, il-manifatturi tal-vetturi jenħtieġ li jipprovdu, permezz ta' għodod diġitali, informazzjoni akkurata, kompluta u aġġornata dwar it-tneħħija u s-sostituzzjoni sikuri tal-partijiet u l-komponenti tal-vetturi. Għalhekk jenħtieġ li jiġi żviluppat u jsir disponibbli Passaport ***Diġitali*** taċ-Ċirkolarità tal-Vetturi bħala trasportatur tad-data għal tali informazzjoni, b'mod li jkun konsistenti ma' għodod u pjattaformi ta' informazzjoni diġitali oħra li diġà jeżistu jew li qed jiġu żviluppati ulterjorment fis-settur awtomobilistiku dwar il-prestazzjoni ambjentali tal-vetturi u allinjati mad-dispożizzjonijiet korrispondenti fir-Regolament (UE) ***2023/1542, ir-Regolament 2014/1781*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[54] u r-Regolament [Euro 7] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[55]. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi tad-disinn u tal-operat għall-passaport u r-regoli dwar il-post tat-trasportatur tad-data jew identifikatur ieħor li jippermettu l-aċċess għall-passaport fuq il-vettura.
[54] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti sostenibbli u li jħassar id-Direttiva 2009/125/KE.	[54] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti sostenibbli u li jħassar id-Direttiva 2009/125/KE.
[55] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, fir-rigward tal-emissjonijiet u d-durabbiltà	[55] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, fir-rigward tal-emissjonijiet u d-durabbiltà

tal-batteriji tagħhom (Euro 7) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 u r-Regolament (KE) Nru 595/2009.	tal-batteriji tagħhom (Euro 7) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 u r-Regolament (KE) Nru 595/2009.

Or. en

Emenda 324
Pascal Canfin, Yvan Verougstraete, Sandro Gozi, Gerben-Jan Gerbrandy

Proposta għal regolament
Premessa 31 a (new)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(31a) Fl-istabbiliment tad-disinn u r-rekwiżit għall-passaport, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li s-sorsi ta' informazzjoni jkunu bbażati fuq il-pjattaformi eżistenti fis-settur awtomobilistiku, inklużi, iżda mhux limitati għal, IDIS għaż-żarmar, IMDS għal dikjarazzjonijiet materjali jew gruppi individwali ta' pjattaformi ta' manifatturi għat-traċċar tad-disponibbiltà tal-ispare parts.

Or. en

Emenda 325
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) Sabiex jiġi garantit it-trattament sikur u li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, kwalunkwe stabbiliment jew impriża li jkollha l-ħsieb li twettaq operazzjonijiet ta' trattament tal-iskart għal dawn il-vetturi jenħtieġ li tikseb awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti. L-awtorizzazzjoni	(33) ***Dan ir-Regolament jibni fuq ir-regoli tal-immaniġġar tal-iskart u l-prinċipji ġenerali stabbiliti fid-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jenħtieġ li jiġu adattati biex jirriflettu n-natura speċifika tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw.*** Sabiex jiġi garantit it-trattament sikur u li ma jagħmilx

jenħtieġ li tingħata biss jekk l-istabbiliment jew l-impriża jkollha l-kapaċità teknika, finanzjarja u organizzazzjonali meħtieġa biex twettaq l-operazzjonijiet ta' trattament fi tmiem il-ħajja għall-vetturi b'mod li jikkonforma mal-liġi applikabbli tal-UE u dik nazzjonali, inklużi r-rekwiżiti speċifiċi ta' trattament stabbiliti f'dan ir-Regolament. Barra minn hekk, il-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati jenħtieġ li jkollhom il-kompetenza li joħorġu ċertifikati ta' qerda f'konformità ma' dan ir-Regolament.	ħsara lill-ambjent ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, kwalunkwe stabbiliment jew impriża li jkollha l-ħsieb li twettaq operazzjonijiet ta' trattament tal-iskart***, inkluż il-ġbir,*** għal dawn il-vetturi jenħtieġ li tikseb awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti. L-awtorizzazzjoni jenħtieġ li tingħata biss jekk l-istabbiliment jew l-impriża jkollha l-kapaċità teknika, finanzjarja u organizzazzjonali meħtieġa biex twettaq l-operazzjonijiet ta' trattament fi tmiem il-ħajja għall-vetturi b'mod li jikkonforma mal-liġi applikabbli tal-UE u dik nazzjonali, inklużi r-rekwiżiti speċifiċi ta' trattament stabbiliti f'dan ir-Regolament. Barra minn hekk, il-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati jenħtieġ li jkollhom il-kompetenza li joħorġu ċertifikati ta' qerda f'konformità ma' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 326
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Premessa 33 a (new)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(33a) Jenħtieġ li l-Istati Membri jithallew jadottaw miżuri skont il-liġijiet nazzjonali tagħhom biex jirrikjedu li l-produtturi jew l-organizzazzjonijiet ta' responsabbiltà tal-produtturi jikkonkludu kuntratti ma' faċilitajiet ta' trattament awtorizzati għall-finijiet li jissodisfaw l-obbligi tagħhom ta' responsabbiltà tal-produttur. Sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament, inkluża l-promozzjoni ta' ekonomija ċirkolari, jenħtieġ li jiġu konferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi regoli dettaljati biex tiżgura li tali kuntratti jkunu jistgħu joperaw b'termini ġusti,

trasparenti u nondiskriminatorji fir-rigward ta' kategoriji differenti ta' produtturi u organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi.

Or. en

Emenda 327
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Id-Direttiva 2000/53/KE tistabbilixxi obbligu bażiku għall-produtturi tal-vetturi biex ikopru parti mill-kostijiet tal-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw. Filwaqt li jibnu fuq dan l-obbligu, f'konformità mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas u konsistenti mar-rekwiżiti minimi ġenerali għal skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi stabbiliti fid-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[56]***, huwa xieraq li jiġu stabbiliti rekwiżiti fil-livell tal-Unjoni dwar ir-responsabbiltajiet tal-manifatturi tal-vetturi relatati mal-ġestjoni ***ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw. Jenħtieġ li l-produtturi jkollhom responsabbiltà estiża tal-produttur għall-vetturi li jkunu qiegħdu fis-suq ladarba jilħqu l-istadju ta' tmiem il-ħajja*** tagħhom. Ir-responsabbiltà estiża tal-produttur jenħtieġ li tkopri l-obbligi li jiġi żgurat li l-vetturi li jsiru disponibbli mill-produtturi fis-suq fi Stat Membru jinġabru u jiġu ttrattati f'konformità ma' dan ir-Regolament u li l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart li jittrattaw tali vetturi jissodisfaw il-miri ta' riċiklaġġ stabbiliti b'dan ir-Regolament.	(34) Id-Direttiva 2000/53/KE tistabbilixxi obbligu bażiku għall-produtturi tal-vetturi biex ikopru parti mill-kostijiet tal-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw. Filwaqt li jibnu fuq dan l-obbligu, f'konformità mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas u konsistenti mar-rekwiżiti minimi ġenerali għal skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi stabbiliti fid-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, huwa xieraq li jiġu stabbiliti rekwiżiti fil-livell tal-Unjoni dwar ir-responsabbiltajiet tal-manifatturi tal-vetturi relatati mal-ġestjoni ***tal-vetturi tul il-ħajja kollha*** tagħhom. Ir-responsabbiltà estiża tal-produttur jenħtieġ li tkopri l-obbligi li jiġi żgurat li l-vetturi li jsiru disponibbli mill-produtturi fis-suq fi Stat Membru jinġabru u jiġu ttrattati f'konformità ma' dan ir-Regolament u li l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart li jittrattaw tali vetturi jissodisfaw il-miri ta' riċiklaġġ stabbiliti b'dan ir-Regolament.
[56] Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament	[56] Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament

Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċertu Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċertu Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

Or. en

Emenda 328
Beatrice Timgren

Proposta għal regolament
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) Sabiex jiġi ffaċilitat il-monitoraġġ tal-konformità tal-produtturi mal-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu reġistru ***tal-produtturi***. Ir-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni jenħtieġ li jiġu armonizzati madwar l-Unjoni sabiex tiġi ffaċilitata r-reġistrazzjoni b'mod partikolari meta l-produtturi jagħmlu l-vetturi disponibbli fi Stati Membri differenti. ***Ir-reġistru jenħtieġ li jintuża wkoll għall-finijiet ta' rapportar lill-awtoritajiet kompetenti dwar it-twettiq tal-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur***. ***Il-karatteristiċi u l-aspetti proċedurali marbuta ma' dan ir-reġistru jenħtieġ li jkunu konsistenti wkoll mar-reġistru tal-produtturi stabbilit bir-Regolament (UE) 2023/[Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Batteriji], biex il-produtturi tal-vetturi u l-produtturi tal-batteriji jkunu jistgħu jużaw l-istess reġistru***.	(35) Sabiex jiġi ffaċilitat il-monitoraġġ tal-konformità tal-produtturi mal-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu reġistru tal-produtturi. Ir-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni jenħtieġ li jiġu armonizzati madwar l-Unjoni sabiex tiġi ffaċilitata r-reġistrazzjoni b'mod partikolari meta l-produtturi jagħmlu l-vetturi disponibbli fi Stati Membri differenti. ***L-Istati Membri b'reġistri nazzjonali eżistenti*** tal-produtturi ***li jissodisfaw jew jaqbżu r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jitħallew ikomplu jużawhom minflok joħolqu reġistri żejda ġodda***. ***Dan jiżgura effiċjenza regolatorja u jimminimizza piżijiet amministrattivi bla bżonn fuq in-negozji.***

Or. en

Emenda 329
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) F'każ li l-produttur jagħmel il-vetturi disponibbli fis-suq għall-ewwel darba f'territorju ta' Stat Membru, fejn il-produttur ma jkunx stabbilit, il-produttur jenħtieġ li jinnomina rappreżentant ***maħtur*** għar-responsabbiltà estiża tal-produttur.	(36) F'każ li l-produttur jagħmel il-vetturi disponibbli fis-suq għall-ewwel darba f'territorju ta' Stat Membru, fejn il-produttur ma jkunx stabbilit, il-produttur jenħtieġ li jinnomina rappreżentant ***awtorizzat*** għar-responsabbiltà estiża tal-produttur.

Or. en

Emenda 330
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) Il-produtturi jenħtieġ li jkunu jistgħu jagħżlu jekk humiex se jeżerċitaw l-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produtturi tagħhom individwalment jew kollettivament, permezz ta' organizzazzjonijiet b'responsabbiltà tal-produtturi li jieħdu r-responsabbiltà f'isimhom. L-organizzazzjonijiet b'responsabbiltà tal-produtturi jenħtieġ li jiżguraw il-kunfidenzjalità tad-data pprovduta lilhom mill-produtturi. Sabiex jiġi żgurat li l-interessi tal-operaturi ekonomiċi kollha jitqiesu kif xieraq u jiġi evitat li l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart jitqiegħdu fi żvantaġġ fid-deċiżjonijiet meħuda fi skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi, jenħtieġ li tiġi żgurata rappreżentanza ġusta tal-produtturi u tal-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart fil-korpi governattivi ta' tali organizzazzjonijiet.	(37) Il-produtturi jenħtieġ li jkunu jistgħu jagħżlu jekk humiex se jeżerċitaw l-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produtturi tagħhom individwalment jew kollettivament, permezz ta' organizzazzjonijiet b'responsabbiltà tal-produtturi li jieħdu r-responsabbiltà f'isimhom. ***L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jadottaw miżuri biex il-ħatra ta' organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi ssir obbligatorja.*** L-organizzazzjonijiet b'responsabbiltà tal-produtturi jenħtieġ li jiżguraw il-kunfidenzjalità tad-data pprovduta lilhom mill-produtturi. Sabiex jiġi żgurat li l-interessi tal-operaturi ekonomiċi kollha jitqiesu kif xieraq u jiġi evitat li l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart jitqiegħdu fi żvantaġġ fid-deċiżjonijiet meħuda fi skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi, jenħtieġ li tiġi żgurata rappreżentanza ġusta tal-produtturi u tal-operaturi tal-

	immaniġġar tal-iskart fil-korpi governattivi ta' tali organizzazzjonijiet. ***L-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart jenħtieġ li jkunu soġġetti għal proċeduri ta' għażla nondiskriminatorji u, għal dan il-għan, l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi jenħtieġ li wkoll jagħmlu disponibbli għall-pubbliku l-informazzjoni relatata mal-proċedura tal-għażla għall-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart.***
	Or. en

Emenda 331
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) ***Il-produtturi jenħtieġ li jkunu jistgħu jagħżlu jekk humiex se jeżerċitaw l-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produtturi tagħhom individwalment jew kollettivament, permezz ta' organizzazzjonijiet b'responsabbiltà tal-produtturi li jieħdu r-responsabbiltà f'isimhom.*** L-organizzazzjonijiet b'responsabbiltà tal-produtturi jenħtieġ li jiżguraw il-kunfidenzjalità tad-data pprovduta lilhom mill-produtturi. Sabiex jiġi żgurat li l-interessi tal-operaturi ekonomiċi kollha jitqiesu kif xieraq u jiġi evitat li l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart jitqiegħdu fi żvantaġġ fid-deċiżjonijiet meħuda fi skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi, jenħtieġ li tiġi żgurata rappreżentanza ġusta tal-produtturi u tal-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart fil-korpi governattivi ta' tali organizzazzjonijiet.	(37) L-organizzazzjonijiet b'responsabbiltà tal-produtturi jenħtieġ li jiżguraw il-kunfidenzjalità tad-data pprovduta lilhom mill-produtturi. Sabiex jiġi żgurat li l-interessi tal-operaturi ekonomiċi kollha jitqiesu kif xieraq u jiġi evitat li l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart jitqiegħdu fi żvantaġġ fid-deċiżjonijiet meħuda fi skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi, jenħtieġ li tiġi żgurata rappreżentanza ġusta tal-produtturi u tal-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart fil-korpi governattivi ta' tali organizzazzjonijiet.
	Or. en

Emenda 332
Beatrice Timgren

Proposta għal regolament
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) Il-produttur jenħtieġ li jkun jistgħu jagħżlu jekk humiex se jeżerċitaw l-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur tagħhom individwalment jew kollettivament, permezz ta' organizzazzjonijiet b'responsabbiltà tal-produttur li jieħdu r-responsabbiltà f'isimhom. L-organizzazzjonijiet b'responsabbiltà tal-produttur jenħtieġ li jiżguraw il-kunfidenzjalità tad-data pprovduta lilhom mill-produtturi. Sabiex ***jiġi żgurat li l-interessi tal-operaturi ekonomiċi kollha jitqiesu kif xieraq u jiġi evitat li l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart jitqiegħdu fi żvantaġġ fid-deċiżjonijiet meħuda fi skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi,*** jenħtieġ li ***tiġi żgurata rappreżentanza ġusta tal-produtturi u tal-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart fil-korpi governattivi ta' tali organizzazzjonijiet***.	(37) Il-produttur jenħtieġ li jkun jistgħu jagħżlu jekk humiex se jeżerċitaw l-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur tagħhom individwalment jew kollettivament, permezz ta' organizzazzjonijiet b'responsabbiltà tal-produttur li jieħdu r-responsabbiltà f'isimhom. L-organizzazzjonijiet b'responsabbiltà tal-produttur jenħtieġ li jiżguraw il-kunfidenzjalità tad-data pprovduta lilhom mill-produtturi. Sabiex ***tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, il-klassifikazzjoni tal-ELV jenħtieġ li ma tkunx iddeterminata minn kriterji soġġettivi jew awtomatizzati iżda minflok jenħtieġ li teħtieġ deċiżjoni trasparenti u legalment vinkolanti bbażata fuq proċess dovut.*** Jenħtieġ li ***l-ebda deċiżjoni amministrattiva awtomatizzata jew klassifikazzjoni ta' preżunzjoni ma tapplika, u s-sidien tal-vetturi jeħtiġilhom ikollhom id-dritt li jikkontestaw il-klassifikazzjonijiet tal-ELV qabel ma jkunu sfurzati jiddisponu mill-vetturi tagħhom***.

Or. en

Emenda 333
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) Il-produttur jenħtieġ li ***jkunu jistgħu jagħżlu jekk humiex se*** jeżerċitaw l-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-	(37) Il-produttur jenħtieġ li jeżerċitaw l-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur tagħhom kollettivament,

produtturi tagħhom ***individwalment jew*** kollettivament, permezz ta' organizzazzjonijiet b'responsabbiltà tal-produtturi li jieħdu r-responsabbiltà f'isimhom. L-organizzazzjonijiet b'responsabbiltà tal-produtturi jenħtieġ li jiżguraw il-kunfidenzjalità tad-data pprovduta lilhom mill-produtturi. Sabiex jiġi żgurat li l-interessi tal-operaturi ekonomiċi kollha jitqiesu kif xieraq u jiġi evitat li l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart jitqiegħdu fi żvantaġġ fid-deċiżjonijiet meħuda fi skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi, jenħtieġ li tiġi żgurata rappreżentanza ***ġusta*** tal-produtturi u tal-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart fil-korpi governattivi ta' tali organizzazzjonijiet.

permezz ta' organizzazzjonijiet b'responsabbiltà tal-produtturi li jieħdu r-responsabbiltà f'isimhom. L-organizzazzjonijiet b'responsabbiltà tal-produtturi jenħtieġ li jiżguraw il-kunfidenzjalità tad-data pprovduta lilhom mill-produtturi. Sabiex jiġi żgurat li l-interessi tal-operaturi ekonomiċi kollha jitqiesu kif xieraq u jiġi evitat li l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart jitqiegħdu fi żvantaġġ fid-deċiżjonijiet meħuda fi skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi, jenħtieġ li tiġi żgurata rappreżentanza ***ta' parità*** tal-produtturi u tal-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart fil-korpi governattivi ta' tali organizzazzjonijiet.

Or. en

Emenda 334
Jorge Martín Frías, Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) Il-produtturi jenħtieġ li jiffinanzjaw parti mill-kostijiet tal-ġbir ***u t-trattament*** ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw meħtieġa biex jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, ***b'mod partikolari l-obbligi mmirati biex jiżguraw kwalità ogħla ta' materja prima sekondarja miksuba mill-vetturi. Jenħtieġ li jiġi ddeterminat il-livell eżatt tal-kostijiet ta' tali operazzjonijiet li jenħtieġ li jkunu koperti mill-produtturi filwaqt li jitqies id-dħul ta' faċilitajiet ta' trattament awtorizzati u ta' operaturi oħra tal-immaniġġar tal-iskart li jinkiseb mill-bejgħ ta' partijiet jew komponenti ta' spare parts użati u ta' materja prima sekondarja rkuprata minn vetturi li ma għadhomx jintużaw. Għal dan il-għan, l-***	(38) ***Permezz ta' responsabbiltà akbar tal-produttur,*** il-produtturi jenħtieġ li jiffinanzjaw parti mill-kostijiet tal-ġbir ***għat-trattament*** ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw meħtieġa biex jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament,

awtoritajiet kompetenti, f'kooperazzjoni mal-produtturi u mal-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart, jenħtieġ li jimmonitorjaw il-kostijiet medji tal-ġbir, l-operazzjonijiet ta' riċiklaġġ u trattament kif ukoll il-livell ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa mill-produtturi sabiex jiġi żgurat li jkun hemm allokazzjoni ġusta tal-kostijiet bejn l-operaturi interessati kollha.

Or. es

Emenda 335
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-produtturi jenħtieġ li jkopru wkoll il-kostijiet tal-kampanji edukattivi mmirati biex iżidu l-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, l-istabbiliment tas-sistema ta' notifika għall-ħruġ u t-trasferiment ta' ċertifikati ta' qerda u l-ġbir u r-rapportar ta' data lill-awtoritajiet kompetenti. Dawn l-azzjonijiet kollha huma indispensabbli biex tiġi żgurata ġestjoni xierqa tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw, b'mod partikolari biex jiġu traċċati l-vetturi li għalihom il-produtturi huma responsabbli f'konformità ma' dan ir-Regolament.	(39) Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-produtturi jenħtieġ li jkopru wkoll il-kostijiet tal-kampanji edukattivi mmirati ***biex inaqqsu l-impatti ambjentali tal-użu tal-vetturi u*** biex iżidu l-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, l-istabbiliment tas-sistema ta' notifika għall-ħruġ u t-trasferiment ta' ċertifikati ta' qerda u l-ġbir u r-rapportar ta' data lill-awtoritajiet kompetenti. Dawn l-azzjonijiet kollha huma indispensabbli ***biex jitnaqqas l-impatt ambjentali tal-użu tal-vetturi u*** biex tiġi żgurata ġestjoni xierqa tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw, b'mod partikolari biex jiġu traċċati l-vetturi li għalihom il-produtturi huma responsabbli f'konformità ma' dan ir-Regolament. ***Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji jenħtieġ li jiġu modulati wkoll b'mod li jinċentiva lill-manifatturi biex jipproduċu aktar vetturi effiċjenti fir-riżorsi u fil-materjali, kif ukoll ċirkolari. Il-piż u d-daqs tal-vetturi jenħtieġ li jintużaw fost kriterji oħra biex jikkumbattu l-piż u d-daqs li qed jiżdiedu tal-mudelli tal-vetturi. Jenħtieġ li l-Istati Membri madankollu jikkunsidraw***

inċentivi addizzjonali biex jindirizzaw din il-kwistjoni, u l-Kummissjoni jenħtieġ li tikkunsidra li tintroduċi limiti massimi għall-impronta tal-karbonju tal-vetturi, f'koerenza mar-rekwiżiti tal-impronta tal-karbonju tal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2024/1252.

Or. en

Emenda 336
Christine Singer

Proposta għal regolament
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) ***Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-produtturi*** jenħtieġ li ***jkopru wkoll*** il-kostijiet tal-kampanji edukattivi mmirati biex iżidu l-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, l-istabbiliment tas-sistema ta' notifika għall-ħruġ u t-trasferiment ta' ċertifikati ta' qerda u l-ġbir u r-rapportar ta' data lill-awtoritajiet kompetenti. Dawn l-azzjonijiet kollha huma indispensabbli biex tiġi żgurata ġestjoni xierqa tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw, b'mod partikolari biex jiġu traċċati l-vetturi li għalihom il-produtturi huma responsabbli f'konformità ma' dan ir-Regolament.	(39) ***Il-produtturi*** jenħtieġ li ***ma jkoprux waħedhom*** il-kostijiet tal-kampanji edukattivi mmirati biex iżidu l-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, l-istabbiliment tas-sistema ta' notifika għall-ħruġ u t-trasferiment ta' ċertifikati ta' qerda u l-ġbir u r-rapportar ta' data lill-awtoritajiet kompetenti. Dawn l-azzjonijiet kollha huma indispensabbli biex tiġi żgurata ġestjoni xierqa tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw, b'mod partikolari biex jiġu traċċati l-vetturi li għalihom il-produtturi huma responsabbli f'konformità ma' dan ir-Regolament. ***Iżda l-produtturi ma jistgħux jimmaniġġawhom waħedhom. Għalhekk, huwa meħtieġ appoġġ sostanzjali minn sorsi oħra.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Li titlob lill-produtturi mhux biss biex ikunu responsabbli mill-parti burokratika kollha, iżda wkoll li jieħdu ħsieb il-kostijiet kollha, mhuwiex realistiku. Il-produtturi jeħtieġ li jiġu appoġġjati f'dan.

Emenda 337
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-produtturi jenħtieġ li jkopru wkoll il-kostijiet tal-kampanji edukattivi mmirati biex ***iżidu*** l-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, l-istabbiliment tas-sistema ta' notifika għall-ħruġ u t-trasferiment ta' ċertifikati ta' qerda u l-ġbir u r-rapportar ta' data lill-awtoritajiet kompetenti. Dawn l-azzjonijiet kollha huma indispensabbli biex tiġi żgurata ġestjoni xierqa tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw, b'mod partikolari biex jiġu traċċati l-vetturi li għalihom il-produtturi huma responsabbli f'konformità ma' dan ir-Regolament.	(39) Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-produtturi jenħtieġ li jkopru wkoll il-kostijiet tal-kampanji edukattivi mmirati biex ***jinfurmaw lill-pubbliku u jżidu*** l-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, l-istabbiliment tas-sistema ta' notifika għall-ħruġ u t-trasferiment ta' ċertifikati ta' qerda u l-ġbir u r-rapportar ta' data lill-awtoritajiet kompetenti. Dawn l-azzjonijiet kollha huma indispensabbli biex tiġi żgurata ġestjoni xierqa tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw, b'mod partikolari biex jiġu traċċati l-vetturi li għalihom il-produtturi huma responsabbli f'konformità ma' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 338
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40) Il-produtturi li jagħżlu li jissodisfaw l-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produtturi tagħhom individwalment jenħtieġ li jipprovdu wkoll garanzija li għandha tintuża biex tkopri l-kostijiet tal-ġestjoni tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw. Tali garanziji jistgħu jintużaw b'mod partikolari f'każijiet fejn il-produtturi kkonċernati jsiru insolventi jew iwaqqfu l-operazzjonijiet tagħhom b'mod permanenti.	***imħassar***

Emenda 339
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(41) F'każ li produttur jeżerċita l-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur tiegħu b'mod kollettiv ma' organizzazzjoni b'responsabbiltà tal-produttur, il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa mill-produttur jenħtieġ li jiġu modulati abbażi ta' kriterji armonizzati. Tali kriterji jenħtieġ li joħolqu inċentivi ekonomiċi għall-manifatturi biex iżidu ċ-ċirkolarità fid-disinn u l-produzzjoni ta' vetturi ġodda, filwaqt li jitqies l-ammont ta' materjali primarji u riċiklati f'vettura, sa liema punt fiha partijiet, komponenti u materjali li huma diffiċli biex jitneħħew, jiġu żmantellati, jintużaw mill-ġdid jew jiġu riċiklati, kif ukoll l-ammont ta' sustanzi perikoluży li jkun fiha. Sabiex tiġi evitata d-distorsjoni tas-suq uniku, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tas-supplimentazzjoni ta' dan ir-Regolament billi jiġu stabbiliti regoli dettaljati dwar kif jenħtieġ li jiġu applikati l-kriterji għall-modulazzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa lill-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produttur.	(41) F'każ li produttur jeżerċita l-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur tiegħu b'mod kollettiv ma' organizzazzjoni b'responsabbiltà tal-produttur, il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa mill-produttur jenħtieġ li jiġu modulati abbażi ta' kriterji armonizzati. Tali kriterji jenħtieġ li joħolqu inċentivi ekonomiċi għall-manifatturi biex iżidu ċ-ċirkolarità fid-disinn u l-produzzjoni ta' vetturi ġodda, filwaqt li jitqies l-ammont ta' materjali primarji u riċiklati f'vettura, sa liema punt fiha partijiet, komponenti u materjali li huma diffiċli biex jitneħħew, jiġu żmantellati, jintużaw mill-ġdid jew jiġu riċiklati, kif ukoll l-ammont ta' sustanzi perikoluży li jkun fiha. ***It-twettiq tal-obbligi tal-ġbir u l-ipproċessar tal-produtturi u l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi ma jridx iwassal għal distorsjonijiet tas-suq komuni. L-arranġamenti u l-ftehimiet magħmula għat-twettiq tal-obbligi għandhom jippermettu attivitajiet kummerċjali. Ir-responsabbiltà tal-produttur fiha nnifisha ma tikkostitwixxix dritt legali ta' sjieda għall-produttur tal-vettura li ma għadhiex tintuża, iżda s-sjieda hija determinata bl-istess mod bħas-sjieda ta' proprjetà mobbli oħra.*** Sabiex tiġi evitata d-distorsjoni tas-suq uniku, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tas-supplimentazzjoni ta' dan ir-Regolament billi jiġu stabbiliti regoli

dettaljati dwar kif jenħtieġ li jiġu applikati l-kriterji għall-modulazzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa lill-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produttur.

Or. en

Emenda 340
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(41) ***F'każ li produttur jeżerċita l-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur tiegħu b'mod kollettiv ma' organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi,*** il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa mill-produttur jenħtieġ li jiġu modulati abbażi ta' kriterji armonizzati. Tali kriterji jenħtieġ li joħolqu inċentivi ekonomiċi għall-manifatturi biex iżidu ċ-ċirkolarità fid-disinn u l-produzzjoni ta' vetturi ġodda, filwaqt li jitqies l-ammont ta' materjali primarji u riċiklati f'vettura, sa liema punt fiha partijiet, komponenti u materjali li huma diffiċli biex jitneħħew, jiġu żmantellati, jintużaw mill-ġdid jew jiġu riċiklati, kif ukoll l-ammont ta' sustanzi perikolużi li jkun fiha. Sabiex tiġi evitata d-distorsjoni tas-suq uniku, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tas-supplimentazzjoni ta' dan ir-Regolament billi jiġu stabbiliti regoli dettaljati dwar kif jenħtieġ li jiġu applikati l-kriterji għall-modulazzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa lill-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produttur.	(41) Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa mill-produttur ***għall-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur*** jenħtieġ li jiġu modulati abbażi ta' kriterji armonizzati. Tali kriterji jenħtieġ li joħolqu inċentivi ekonomiċi għall-manifatturi biex iżidu ċ-ċirkolarità fid-disinn u l-produzzjoni ta' vetturi ġodda, filwaqt li jitqies l-ammont ta' materjali primarji u riċiklati f'vettura, sa liema punt fiha partijiet, komponenti u materjali li huma diffiċli biex jitneħħew, jiġu żmantellati, jintużaw mill-ġdid jew jiġu riċiklati, kif ukoll l-ammont ta' sustanzi perikolużi li jkun fiha. Sabiex tiġi evitata d-distorsjoni tas-suq uniku, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tas-supplimentazzjoni ta' dan ir-Regolament billi jiġu stabbiliti regoli dettaljati dwar kif jenħtieġ li jiġu applikati l-kriterji għall-modulazzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa lill-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produttur.

Or. en

Emenda 341
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(41) ***F'każ li produttur jeżerċita l-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur tiegħu b'mod kollettiv ma' organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi,*** il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa mill-produttur jenħtieġ li jiġu modulati abbażi ta' kriterji armonizzati. Tali kriterji jenħtieġ li joħolqu inċentivi ekonomiċi għall-manifatturi biex iżidu ċ-ċirkolarità fid-disinn u l-produzzjoni ta' vetturi ġodda, filwaqt li jitqies l-ammont ta' materjali primarji u riċiklati f'vettura, sa liema punt fiha partijiet, komponenti u materjali li huma diffiċli biex jitneħħew, jiġu żmantellati, jintużaw mill-ġdid jew jiġu riċiklati, kif ukoll l-ammont ta' sustanzi perikoluż li jkun fiha. Sabiex tiġi evitata d-distorsjoni tas-suq uniku, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tas-supplimentazzjoni ta' dan ir-Regolament billi jiġu stabbiliti regoli dettaljati dwar kif jenħtieġ li jiġu applikati l-kriterji għall-modulazzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa lill-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produttur.	(41) Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa mill-produttur ***għall-organizzazzjonijiet ta' responsabbiltà estiża tal-produttur*** jenħtieġ li jiġu modulati abbażi ta' kriterji armonizzati. Tali kriterji jenħtieġ li joħolqu inċentivi ekonomiċi għall-manifatturi biex ***inaqqsu l-konsum ta' materjali għall-produzzjoni ta' vetturi ġodda,*** iżidu ċ-ċirkolarità fid-disinn u l-produzzjoni ta' vetturi ġodda, filwaqt li jitqies l-ammont ta' materjali primarji u riċiklati f'vettura, sa liema punt fiha partijiet, komponenti u materjali li huma diffiċli biex jitneħħew, ***jissewwew,*** jiġu żmantellati, jintużaw mill-ġdid jew jiġu riċiklati, kif ukoll l-ammont ta' sustanzi perikoluż li jkun fiha***, u d-durabbiltà tal-parts u l-komponenti***. Sabiex tiġi evitata d-distorsjoni tas-suq uniku, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tas-supplimentazzjoni ta' dan ir-Regolament billi jiġu stabbiliti regoli dettaljati dwar kif jenħtieġ li jiġu applikati l-kriterji għall-modulazzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa lill-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produttur.

Or. en

Emenda 342
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Premessa 42

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(42) Peress li l-vetturi spiss isiru vetturi li ma għadhomx jintużaw fi Stat Membru differenti milli fl-Istat Membru fejn ikunu ġew irreġistrati għall-ewwel darba, huwa meħtieġ li jiġu introdotti regoli dwar ir-responsabbiltà estiża transfruntiera tal-produtturi. Dawn ir-regoli jenħtieġ li jiżguraw li r-responsabbiltà tal-produttur tkopri kif xieraq il-kostijiet tal-ġbir u t-trattament imġarrba mill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart fl-Istat Membru fejn il-vettura ssir vettura li ma tibqax tintuża. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-produttur jaħtar rappreżentant għar-responsabbiltà estiża tal-produttur f'kull Stat Membru u jistabbilixxi mekkaniżmi għall-kooperazzjoni transfruntiera mal-operaturi rilevanti tal-immaniġġar tal-iskart. L-introduzzjoni ta' tali mekkaniżmu tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' kundizzjonijiet ekwi bejn il-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati madwar l-Unjoni u tiffaċilita l-iżvilupp ta' approċċi għall-Unjoni kollha f'każ ta' responsabbiltà individwali tal-produttur.	(42) Peress li l-vetturi spiss isiru vetturi li ma għadhomx jintużaw fi Stat Membru differenti milli fl-Istat Membru fejn ikunu ġew irreġistrati għall-ewwel darba, huwa meħtieġ li jiġu introdotti regoli dwar ir-responsabbiltà estiża transfruntiera tal-produtturi. Dawn ir-regoli jenħtieġ li jiżguraw li r-responsabbiltà tal-produttur tkopri kif xieraq il-kostijiet tal-ġbir u t-trattament imġarrba mill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart fl-Istat Membru fejn il-vettura ssir vettura li ma tibqax tintuża. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-produttur jaħtar rappreżentant għar-responsabbiltà estiża tal-produttur f'kull Stat Membru u jistabbilixxi mekkaniżmi għall-kooperazzjoni transfruntiera mal-operaturi rilevanti tal-immaniġġar tal-iskart. L-introduzzjoni ta' tali mekkaniżmu tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' kundizzjonijiet ekwi bejn il-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati madwar l-Unjoni u tiffaċilita l-iżvilupp ta' approċċi għall-Unjoni kollha f'każ ta' responsabbiltà individwali tal-produttur. ***Billi l-vetturi li ma għadhomx jintużaw ħafna drabi jiġu esportati lejn pajjiżi terzi, ir-responsabbiltà tal-produttur jenħtieġ li tkopri sew il-kostijiet tal-ġbir u t-trattament imġarrba mill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart f'pajjiżi terzi wkoll.***

Or. en

Emenda 343
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(43) Sabiex tiġi żgurata l-konformità ma' dawn l-obbligi ***u biex tiġi evitata d-distorsjoni tas-suq uniku***, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-istabbiliment ta' regoli dettaljati ulterjuri dwar l-obbligi tal-produtturi, l-Istati Membri u l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart u l-karatteristiċi tal-mekkaniżmi transfruntiera.	(43) Sabiex tiġi żgurata l-konformità ma' dawn l-obbligi, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-istabbiliment ta' regoli dettaljati ulterjuri dwar l-obbligi tal-produtturi, l-Istati Membri u l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart u l-karatteristiċi tal-mekkaniżmi transfruntiera***, biex tiġi evitata d-distorsjoni tas-suq uniku, u fir-rigward tal-istabbiliment. ta' regoli dettaljati għall-pagament mill-organizzazzjonijiet responsabbli tal-produtturi tal-kostijiet imġarrba mill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart f'pajjiżi terzi.***

Or. en

Emenda 344
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Premessa 44

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(44) Prerekwiżit ewlieni għat-trattament tajjeb ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw huwa li jinġabru l-vetturi kollha li ma għadhomx jintużaw. Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li jimponi ċerti obbligi marbuta mal-ġbir primarjament fuq il-produtturi u, b'mod sekondarju, fuq l-Istati Membri. Jenħtieġ li l-produtturi jistabbilixxu jew jipparteċipaw fl-istabbiliment tas-sistemi ta' ġbir, u jenħtieġ li l-Istati Membri jadottaw il-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li s-sistemi jkunu fis-seħħ u li dawk is-sistemi jippermettu li jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament. Is-sistemi ta' ġbir jenħtieġ li jippermettu lis-sidien tal-vetturi u lil detenturi oħra tal-	(44) Prerekwiżit ewlieni għat-trattament tajjeb ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw huwa li jinġabru l-vetturi kollha li ma għadhomx jintużaw. Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li jimponi ċerti obbligi marbuta mal-ġbir primarjament fuq il-produtturi u, b'mod sekondarju, fuq l-Istati Membri. ***Il-produtturi jew l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi jenħtieġ li jiżguraw li jinġabru l-vetturi kollha li ma għadhomx jintużaw li jkunu għamlu disponibbli fis-suq fit-territorju ta' Stat Membru. Għal dan il-għan,*** jenħtieġ li l-produtturi ***jew l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-***

vetturi jwasslu l-vettura f'faċilità awtorizzata mingħajr sforzi jew kostijiet bla bżonn. Dan ifisser fil-prattika li tali sistemi jenħtieġ li jkopru b'mod xieraq it-territorju kollu ta' kull Stat Membru. Jenħtieġ li dawn jippermettu wkoll il-ġbir tal-marki kollha ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, kif ukoll ta' partijiet ta' skart mit-tiswija tal-vetturi.

qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi jistabbilixxu jew jipparteċipaw fl-istabbiliment tas-sistemi ta' ġbir, u jenħtieġ li l-Istati Membri jadottaw il-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li s-sistemi jkunu fis-seħħ u li dawk is-sistemi jippermettu li jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament. Is-sistemi ta' ġbir jenħtieġ li jippermettu lis-sidien tal-vetturi u lil detenturi oħra tal-vetturi jwasslu l-vettura f'faċilità awtorizzata mingħajr sforzi jew kostijiet bla bżonn. Dan ifisser fil-prattika li tali sistemi jenħtieġ li jkopru b'mod xieraq it-territorju kollu ta' kull Stat Membru ***u jiżguraw disponibbiltà adegwata ta' faċilitajiet ta' trattament u punti ta' ġbir tal-awtoritajiet***. Jenħtieġ li dawn jippermettu wkoll il-ġbir tal-marki kollha ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, kif ukoll ta' partijiet ta' skart mit-tiswija tal-vetturi.

Or. en

Emenda 345
Christine Singer

Proposta għal regolament
Premessa 44

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(57) ***Ir-Regolament (UE) 2023/[Batteriji] jistabbilixxi regoli dwar is-sostenibbiltà, il-prestazzjoni, is-sikurezza, il-ġbir, ir-riċiklaġġ u t-tieni ħajja tal-batteriji kif ukoll dwar l-informazzjoni rigward it-tneħħija dwar il-batteriji għall-operaturi ekonomiċi. Il-potenzjal għat-tieni ħajja tal-batteriji jenħtieġ li jitqies f'dan ir-Regolament billi tiġi eskluża l-batterija tal-vettura elettrika mill-partijiet jew mill-komponenti essenzjali biex il-vettura tkun tista' tiġi kkonsenjata għat-trattament, mingħajr ħlas, mingħajr il-batterija tal-vettura elettrika.***	(57) ***Il-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati jenħtieġ li jivvalutaw parts u komponenti mneħħija minn vetturi li ma għadhomx jintużaw biex jiddeterminaw jekk humiex adattati għall-użu mill-ġdid, għar-rimanifattura jew għar-rinnovazzjoni. Il-forom interni jenħtieġ li jżommu l-aktar elementi strutturali u funzjonali rilevanti, anki jekk jonqsu komponenti minuri bħal viti, klipps, gaskets jew elementi ta' rbit, li jistgħu jiġu sostitwiti waqt ir-rimanifattura. Il-forom interni li ma jaħdmux jew li jiffunzjonaw parzjalment jibqgħu eliġibbli jekk ikunu jistgħu jiġu restawrati għall-prestazzjoni l-istess bħal ġodda jew aħjar mill-ġodda, anki bi tkagħbir tal-wiċċ, korrużjoni fuq żoni mhux kritiċi jew xquq minuri li jistgħu jissewwew. Moduli elettroniċi u forom interni oħra bi kwistjonijiet ta' software jew komponenti degradati xorta jistgħu jkunu vijabbli jekk jistgħu jiġu programmati mill-ġdid jew imsewwija. Il-kriterju ewlieni huwa li l-forom interni jżommu l-integrità strutturali meħtieġa u l-proprjetajiet materjali għar-rimanifattura jew għar-rinnovazzjoni b'suċċess.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kriterji proposti huma ġeneriċi wisq u jistgħu jirrestringu bla bżonn id-disponibbiltà tal-forom interni għar-rimanifattura jekk jiġu applikati b'mod riġidu wisq. Billi r-rimanifattura ma teħtieġx li l-forma interna tkun kompletament intatta, il-premessi korrispondenti għandhom jiċċaraw li l-assenzi tal-komponenti minuri ma jħallux impatt fuq l-adegwatezza, u jiżguraw implimentazzjoni prattika u effettiva tal-Anness VII, il-Parti D.

Emenda 372
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Premessa 57

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(57) Ir-Regolament (UE) 2023/[Batteriji] jistabbilixxi regoli dwar is-sostenibbiltà, il-prestazzjoni, is-sikurezza, il-ġbir, ir-riċiklaġġ u t-tieni ħajja tal-batteriji kif ukoll dwar l-informazzjoni rigward it-tneħħija dwar il-batteriji għall-operaturi ekonomiċi. Il-potenzjal għat-tieni ħajja tal-batteriji jenħtieġ li jitqies f'dan ir-Regolament billi tiġi eskluża l-batterija tal-vettura elettrika mill-partijiet jew mill-komponenti essenzjali biex il-vettura tkun tista' tiġi kkonsenjata għat-trattament, mingħajr ħlas, mingħajr il-batterija tal-vettura elettrika.	(57) Ir-Regolament (UE) 2023/[Batteriji] jistabbilixxi regoli dwar is-sostenibbiltà, il-prestazzjoni, is-sikurezza, il-ġbir, ir-riċiklaġġ u t-tieni ħajja tal-batteriji kif ukoll dwar l-informazzjoni rigward it-tneħħija dwar il-batteriji għall-operaturi ekonomiċi. Il-potenzjal għat-tieni ħajja tal-batteriji jenħtieġ li jitqies f'dan ir-Regolament billi tiġi eskluża l-batterija tal-vettura elettrika mill-partijiet jew mill-komponenti essenzjali biex il-vettura tkun tista' tiġi kkonsenjata għat-trattament, mingħajr ħlas, mingħajr il-batterija tal-vettura elettrika ***jekk l-aħħar sid jipprovdi dokumentazzjoni li turi li l-batterija ġiet immaniġġata minn operatur professjonali f'konformità mar-Regolament (UE) 2023/1542***.

Or. en

Emenda 373
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Premessa 57

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(57) Ir-Regolament (UE) ***2023/[Batteriji]*** jistabbilixxi regoli dwar is-sostenibbiltà, il-prestazzjoni, is-sikurezza, il-ġbir, ir-riċiklaġġ u t-tieni ħajja tal-batteriji kif ukoll dwar l-informazzjoni rigward it-tneħħija dwar il-batteriji għall-operaturi ekonomiċi. Il-potenzjal għat-tieni ħajja tal-batteriji jenħtieġ li jitqies f'dan ir-Regolament billi tiġi eskluża l-batterija tal-vettura elettrika mill-partijiet jew mill-komponenti essenzjali biex il-vettura tkun tista' tiġi kkonsenjata għat-trattament, mingħajr ħlas, mingħajr il-batterija tal-vettura elettrika.	(57) Ir-Regolament (UE) ***2023/1542*** jistabbilixxi regoli dwar is-sostenibbiltà, il-prestazzjoni, is-sikurezza, il-ġbir, ir-riċiklaġġ u t-tieni ħajja tal-batteriji kif ukoll dwar l-informazzjoni rigward it-tneħħija dwar il-batteriji għall-operaturi ekonomiċi. Il-potenzjal għat-tieni ħajja tal-batteriji jenħtieġ li jitqies f'dan ir-Regolament billi tiġi eskluża l-batterija tal-vettura elettrika mill-partijiet jew mill-komponenti essenzjali biex il-vettura tkun tista' tiġi kkonsenjata għat-trattament, mingħajr ħlas, mingħajr il-batterija tal-vettura elettrika.

Or. en

Emenda 374
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Premessa 58

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(58) Filwaqt li jiġi rikonoxxut il-potenzjal ta' rimanifattura u ta' rinnovazzjoni fis-settur awtomobilistiku, u l-kontribut tagħhom lejn l-ekonomija ċirkolari, huwa meħtieġ li tiġi pprovduta ċarezza legali lill-operaturi ekonomiċi involuti f'dan is-settur. Għalhekk jenħtieġ li jiġi ċċarat li l-partijiet u l-komponenti mneħħija minn vettura li ma għadhiex tintuża, li huma xierqa għall-użu mill-ġdid, ir-rimanifattura jew ir-rinnovazzjoni, jenħtieġ li jitqisux bħala skart. Dan huwa meħtieġ biex jiġi ffaċilitat il-vjeġġ, it-trasport jew kwalunkwe trasferiment ieħor ta' tali partijiet u komponenti. L-awtoritajiet nazzjonali rilevanti jenħtieġ li jkunu f'pożizzjoni li jitolbu dokumentazzjoni, mill-faċilità ta'	(58) Filwaqt li jiġi rikonoxxut il-potenzjal ta' rimanifattura u ta' rinnovazzjoni fis-settur awtomobilistiku, u l-kontribut tagħhom lejn l-ekonomija ċirkolari, huwa meħtieġ li tiġi pprovduta ċarezza legali lill-operaturi ekonomiċi involuti f'dan is-settur. Għalhekk jenħtieġ li jiġi ċċarat li l-partijiet u l-komponenti mneħħija minn vettura li ma għadhiex tintuża, li huma xierqa għall-użu mill-ġdid, ir-rimanifattura jew ir-rinnovazzjoni, jenħtieġ li jitqisux bħala skart. Dan huwa meħtieġ biex jiġi ffaċilitat il-vjeġġ, it-trasport jew kwalunkwe trasferiment ieħor ta' tali partijiet u komponenti. ***Min-naħa l-oħra, il-parts u l-komponenti mhux adattati għall-użu mill-ġdid, ir-rimanifattura jew ir-rinnovazzjoni***

trattament awtorizzata li tkun neħħiet il-parti jew il-komponent ikkonċernat, li tikkonferma, permezz ta' valutazzjoni ddedikata, l-adegwatezza teknika tal-partijiet u l-komponenti rilevanti għar-rimanifattura, ir-rinnovazzjoni jew l-użu mill-ġdid.	***jenħtieġ li jitqiesu bħala skart u l-esportazzjoni tagħhom jenħtieġ li tkun regolata mir-Regolament (UE) 2024/1157.*** L-awtoritajiet nazzjonali rilevanti jenħtieġ li jkunu f'pożizzjoni li jitolbu dokumentazzjoni, mill-faċilità ta' trattament awtorizzata li tkun neħħiet il-parti jew il-komponent ikkonċernat, li tikkonferma, permezz ta' valutazzjoni ddedikata, l-adegwatezza teknika tal-partijiet u l-komponenti rilevanti għar-rimanifattura, ir-rinnovazzjoni jew l-użu mill-ġdid.
	Or. en

Emenda 375
Beatrice Timgren

Proposta għal regolament
Premessa 58

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(58) Filwaqt li jiġi rikonoxxut il-potenzjal ta' rimanifattura u ta' rinnovazzjoni fis-settur awtomobilistiku, u l-kontribut tagħhom lejn l-ekonomija ċirkolari, huwa meħtieġ li tiġi pprovduta ċarezza legali lill-operaturi ekonomiċi involuti f'dan is-settur. Għalhekk jenħtieġ li jiġi ċċarat li l-partijiet u l-komponenti mneħħija minn vettura li ma għadhiex tintuża, li huma xierqa għall-użu mill-ġdid, ir-rimanifattura jew ir-rinnovazzjoni, jenħtieġ li jitqisux bħala skart. ***Dan huwa meħtieġ biex jiġi ffaċilitat il-vjeġġ, it-trasport jew kwalunkwe trasferiment ieħor ta' tali partijiet u komponenti. L-awtoritajiet nazzjonali rilevanti*** jenħtieġ li ***jkunu f'pożizzjoni li jitolbu dokumentazzjoni, mill-faċilità ta' trattament awtorizzata li tkun neħħiet il-parti jew il-komponent ikkonċernat, li tikkonferma, permezz ta' valutazzjoni ddedikata, l-adegwatezza teknika tal-partijiet u l-komponenti rilevanti għar-***	(58) Filwaqt li jiġi rikonoxxut il-potenzjal ta' rimanifattura u ta' rinnovazzjoni fis-settur awtomobilistiku, u l-kontribut tagħhom lejn l-ekonomija ċirkolari, huwa meħtieġ li tiġi pprovduta ċarezza legali lill-operaturi ekonomiċi involuti f'dan is-settur. Għalhekk jenħtieġ li jiġi ċċarat li l-partijiet u l-komponenti mneħħija minn vettura li ma għadhiex tintuża, li huma xierqa għall-użu mill-ġdid, ir-rimanifattura jew ir-rinnovazzjoni, jenħtieġ li jitqisux bħala skart. ***Is-sidien tal-vetturi jenħtieġ li jkollhom id-dritt li jsewwu, jirrestawraw u jippreservaw il-vetturi tagħhom mingħajr restrizzjonijiet burokratiċi bla bżonn. L-użu mill-ġdid tal-partis*** jenħtieġ li ***jkun prijoritizzat fuq ir-rimi, biex b'hekk tiġi appoġġata l-effiċjenza fir-riżorsi u jitnaqqsu l-piżijiet regolatorji bla bżonn fuq ir-restawr u l-manutenzjoni tal-vetturi***.

rimanifattura, ir-rinnovazzjoni jew l-użu mill-ġdid.

Or. en

Emenda 376
Andreas Glück, Svenja Hahn

Proposta għal regolament
Premessa 58

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(58) Filwaqt li jiġi rikonoxxut il-potenzjal ta' rimanifattura u ta' rinnovazzjoni fis-settur awtomobilistiku, u l-kontribut tagħhom lejn l-ekonomija ċirkolari, huwa meħtieġ li tiġi pprovduta ċarezza legali lill-operaturi ekonomiċi involuti f'dan is-settur. Għalhekk jenħtieġ li jiġi ċċarat li ***l-partijiet u l-komponenti mneħħija minn vettura li ma għadhiex tintuża***, li huma xierqa għall-użu mill-ġdid, ir-rimanifattura jew ir-rinnovazzjoni, jenħtieġ li jitqisux bħala skart. Dan huwa meħtieġ biex jiġi ffaċilitat il-vjeġġ, it-trasport jew kwalunkwe trasferiment ieħor ta' tali partijiet u komponenti. L-awtoritajiet nazzjonali rilevanti jenħtieġ li jkunu f'pożizzjoni li jitolbu dokumentazzjoni, ***mill-faċilità ta' trattament awtorizzata*** li ***tkun neħħiet il-parti*** jew il-komponent ikkonċernat, li tikkonferma, permezz ta' valutazzjoni ddedikata, l-adegwatezza teknika ***tal-partijiet u l-komponenti*** rilevanti għar-rimanifattura, ir-rinnovazzjoni jew l-użu mill-ġdid.	(58) Filwaqt li jiġi rikonoxxut il-potenzjal ta' rimanifattura u ta' rinnovazzjoni fis-settur awtomobilistiku, u l-kontribut tagħhom lejn l-ekonomija ċirkolari, huwa meħtieġ li tiġi pprovduta ċarezza legali lill-operaturi ekonomiċi involuti f'dan is-settur. Għalhekk jenħtieġ li jiġi ċċarat li ***l-forom interni***, li huma xierqa għall-użu mill-ġdid, ir-rimanifattura jew ir-rinnovazzjoni, jenħtieġ li jitqisux bħala skart. Dan huwa meħtieġ biex jiġi ffaċilitat il-vjeġġ, it-trasport jew kwalunkwe trasferiment ieħor ta' tali partijiet u komponenti. L-awtoritajiet nazzjonali rilevanti jenħtieġ li jkunu f'pożizzjoni li jitolbu dokumentazzjoni, ***mill-operatur ekonomiku*** li ***jkun neħħa l-part*** jew il-komponent ikkonċernat, li tikkonferma, permezz ta' valutazzjoni ddedikata, l-adegwatezza teknika ***tal-forom interni*** rilevanti għar-rimanifattura, ir-rinnovazzjoni jew l-użu mill-ġdid.

Or. en

Emenda 377
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Premessa 58

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(58) Filwaqt li jiġi rikonoxxut il-potenzjal ta' rimanifattura u ta' rinnovazzjoni fis-settur awtomobilistiku, u l-kontribut tagħhom lejn l-ekonomija ċirkolari, huwa meħtieġ li tiġi pprovduta ċarezza legali lill-operaturi ekonomiċi involuti f'dan is-settur. Għalhekk jenħtieġ li jiġi ċċarat li l-partijiet u l-komponenti mneħħija minn vettura li ma għadhiex tintuża, li huma xierqa għall-użu mill-ġdid, ir-rimanifattura jew ir-rinnovazzjoni, jenħtieġ li jitqisux bħala skart. Dan huwa meħtieġ biex jiġi ffaċilitat il-vjeġġ, it-trasport jew kwalunkwe trasferiment ieħor ta' tali partijiet u komponenti. L-awtoritajiet nazzjonali rilevanti jenħtieġ li jkunu f'pożizzjoni li jitolbu dokumentazzjoni, mill-faċilità ta' trattament awtorizzata li tkun neħħiet il-parti jew il-komponent ikkonċernat, li tikkonferma, permezz ta' valutazzjoni ddedikata, l-adegwatezza teknika tal-partijiet u l-komponenti rilevanti għar-rimanifattura, ir-rinnovazzjoni jew l-użu mill-ġdid.	(58) Filwaqt li jiġi rikonoxxut il-potenzjal ta' rimanifattura***, ta' modifika retroattiva*** u ta' rinnovazzjoni fis-settur awtomobilistiku, u l-kontribut tagħhom lejn l-ekonomija ċirkolari, huwa meħtieġ li tiġi pprovduta ċarezza legali lill-operaturi ekonomiċi involuti f'dan is-settur. Għalhekk jenħtieġ li jiġi ċċarat li l-partijiet u l-komponenti mneħħija minn vettura li ma għadhiex tintuża, li huma xierqa għall-użu mill-ġdid, ir-rimanifattura***, il-modifika retroattiva*** jew ir-rinnovazzjoni, jenħtieġ li jitqisux bħala skart. Dan huwa meħtieġ biex jiġi ffaċilitat il-vjeġġ, it-trasport jew kwalunkwe trasferiment ieħor ta' tali partijiet u komponenti. L-awtoritajiet nazzjonali rilevanti jenħtieġ li jkunu f'pożizzjoni li jitolbu dokumentazzjoni, mill-faċilità ta' trattament awtorizzata li tkun neħħiet il-parti jew il-komponent ikkonċernat, li tikkonferma, permezz ta' valutazzjoni ddedikata, l-adegwatezza teknika tal-partijiet u l-komponenti rilevanti għar-rimanifattura, ***il-modifika retroattiva,*** ir-rinnovazzjoni jew l-użu mill-ġdid.

Or. en

Emenda 378
Jonas Sjöstedt, Luke Ming Flanagan

Proposta għal regolament
Premessa 58

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(58) Filwaqt li jiġi rikonoxxut il-potenzjal ta' rimanifattura u ta' rinnovazzjoni fis-settur awtomobilistiku, u l-kontribut tagħhom lejn l-ekonomija ċirkolari, huwa meħtieġ li tiġi pprovduta	(58) Filwaqt li jiġi rikonoxxut il-potenzjal ta' rimanifattura***, ta' modifika retroattiva*** u ta' rinnovazzjoni fis-settur awtomobilistiku, u l-kontribut tagħhom lejn l-ekonomija ċirkolari, huwa meħtieġ li

ċarezza legali lill-operaturi ekonomiċi involuti f'dan is-settur. Għalhekk jenħtieġ li jiġi ċċarat li l-partijiet u l-komponenti mneħħija minn vettura li ma għadhiex tintuża, li huma xierqa għall-użu mill-ġdid, ir-rimanifattura jew ir-rinnovazzjoni, jenħtieġ li jitqisux bħala skart. Dan huwa meħtieġ biex jiġi ffaċilitat il-vjeġġ, it-trasport jew kwalunkwe trasferiment ieħor ta' tali partijiet u komponenti. L-awtoritajiet nazzjonali rilevanti jenħtieġ li jkunu f'pożizzjoni li jitolbu dokumentazzjoni, mill-faċilità ta' trattament awtorizzata li tkun neħħiet il-parti jew il-komponent ikkonċernat, li tikkonferma, permezz ta' valutazzjoni ddedikata, l-adegwatezza teknika tal-partijiet u l-komponenti rilevanti għar-rimanifattura, ir-rinnovazzjoni jew l-użu mill-ġdid.	tiġi pprovduta ċarezza legali lill-operaturi ekonomiċi involuti f'dan is-settur. Għalhekk jenħtieġ li jiġi ċċarat li l-partijiet u l-komponenti mneħħija minn vettura li ma għadhiex tintuża, li huma xierqa għall-użu mill-ġdid, ir-rimanifattura***, il-modifika retroattiva*** jew ir-rinnovazzjoni, jenħtieġ li jitqisux bħala skart. Dan huwa meħtieġ biex jiġi ffaċilitat il-vjeġġ, it-trasport jew kwalunkwe trasferiment ieħor ta' tali partijiet u komponenti. L-awtoritajiet nazzjonali rilevanti jenħtieġ li jkunu f'pożizzjoni li jitolbu dokumentazzjoni, mill-faċilità ta' trattament awtorizzata li tkun neħħiet il-parti jew il-komponent ikkonċernat, li tikkonferma, permezz ta' valutazzjoni ddedikata, l-adegwatezza teknika tal-partijiet u l-komponenti rilevanti għar-rimanifattura, ir-rinnovazzjoni jew l-użu mill-ġdid.
	Or. en

Emenda 379
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Premessa 58

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(58) Filwaqt li jiġi rikonoxxut il-potenzjal ta' rimanifattura u ta' rinnovazzjoni fis-settur awtomobilistiku, u l-kontribut tagħhom lejn l-ekonomija ċirkolari, huwa meħtieġ li tiġi pprovduta ċarezza legali lill-operaturi ekonomiċi involuti f'dan is-settur. Għalhekk jenħtieġ li jiġi ċċarat li ***l-partijiet u l-komponenti*** mneħħija minn vettura li ma għadhiex tintuża, li huma xierqa għall-użu mill-ġdid, ir-rimanifattura jew ir-rinnovazzjoni, jenħtieġ li jitqisux bħala skart. Dan huwa meħtieġ biex jiġi ffaċilitat il-vjeġġ, it-trasport jew kwalunkwe trasferiment ieħor ta' tali ***partijiet u komponenti***. L-awtoritajiet nazzjonali rilevanti jenħtieġ li	(58) Filwaqt li jiġi rikonoxxut il-potenzjal ta' rimanifattura u ta' rinnovazzjoni fis-settur awtomobilistiku, u l-kontribut tagħhom lejn l-ekonomija ċirkolari, huwa meħtieġ li tiġi pprovduta ċarezza legali lill-operaturi ekonomiċi involuti f'dan is-settur. Għalhekk jenħtieġ li jiġi ċċarat li ***l-forom interni*** mneħħija minn ***vettura li ma għadhiex tintuża jew qabel id-dikjarazzjoni tagħha bħala*** vettura li ma għadhiex tintuża, li huma xierqa għall-użu mill-ġdid, ir-rimanifattura jew ir-rinnovazzjoni, jenħtieġ li jitqisux bħala skart. Dan huwa meħtieġ biex jiġi ffaċilitat il-vjeġġ, it-trasport jew kwalunkwe trasferiment ieħor ta' tali

jkunu f'pożizzjoni li jitolbu dokumentazzjoni, mill-faċilità ta' trattament awtorizzata li tkun neħħiet ***il-parti jew il-komponent ikkonċernat***, li tikkonferma, permezz ta' valutazzjoni ddedikata, l-adegwatezza teknika ***tal-partijiet u l-komponenti*** rilevanti għar-rimanifattura, ir-rinnovazzjoni jew l-użu mill-ġdid.	***forom interni***. L-awtoritajiet nazzjonali rilevanti jenħtieġ li jkunu f'pożizzjoni li jitolbu dokumentazzjoni, mill-faċilità ta' trattament awtorizzata li tkun neħħiet ***il-forom interni kkonċernati***, li tikkonferma, permezz ta' valutazzjoni ddedikata, l-adegwatezza teknika ***tal-forom interni*** rilevanti għar-rimanifattura, ir-rinnovazzjoni jew l-użu mill-ġdid.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proposta teħtieġ faċilitajiet ta' trattament awtorizzati biex jivvalutaw jekk il-forom interni mill-ELVs jissodisfawx il-kriterji fl-Anness VII, il-Parti D, qabel ma jiġu kklassifikati bħala mhux skart. Biex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali għar-rimanifattura, il-forom interni kollha, inklużi dawk minn vetturi użati, ma għandhomx jitqiesu awtomatikament bħala skart.

Emenda 380
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Premessa 59 a (new)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(59a) Biex jiġu pprevenuti (importazzjonijiet u) bejgħ illegali ta' spare parts u komponenti ta' vetturi mhux konformi, il-pjattaformi online jenħtieġ li jpoġġu biss parts u komponenti online għall-bejgħ jekk ikunu stabbilew li hemm attur responsabbli fl-Unjoni biex jiggarantixxi l-konformità mal-leġiżlazzjoni ta' dawk il-parts u l-komponenti.

Or. en

Emenda 381
Matthieu Valet, Valérie Deloge, Mathilde Androuët, Marie-Luce Brasier-Clain, Anne-Sophie Frigout

Proposta għal regolament
Premessa 60

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(60) Fl-interess tas-sikurezza fit-toroq u tal-protezzjoni tal-ambjent, ċerti komponenti u partijiet li jkunu tneħħew minn vetturi li ma għadhomx jintużaw jenħtieġ li ma jerġgħux jintużaw, jiġu rimanifatturati jew rinnovati. ***Tali partijiet u komponenti jenħtieġ li jintużaw la għall-kostruzzjoni ta' vetturi ġodda, u lanqas f'vetturi li jkunu diġà tqiegħdu fis-suq.***	(60) Fl-interess tas-sikurezza fit-toroq u tal-protezzjoni tal-ambjent, ċerti komponenti u partijiet li jkunu tneħħew minn vetturi li ma għadhomx jintużaw***, b'mod partikolari l-partijiet li jissejħu "konsumabbli",*** jenħtieġ li ma jerġgħux jintużaw, jiġu rimanifatturati jew rinnovati.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

In-nuqqas ta' ċarezza f'din il-proposta—b'mod partikolari fir-rigward tal-partijiet li tapplika għalihom—jimmina l-għan oriġinali tagħha ta' ċirkolarità.

Emenda 382
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Premessa 61

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(61) ***Sabiex jiġu mħeġġa l-iżvilupp u l-funzjonament xieraq tas-suq għal partijiet u komponenti riutilizzabbli, rinnovati u rimanifatturati fl-Unjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jiġu mħeġġa jieħdu l-inċentivi meħtieġa fil-livell nazzjonali biex jippromwovu l-użu mill-ġdid, ir-rinnovazzjoni u r-rimanifattura ta' partijiet u komponenti, kemm jekk jitneħħew matul il-fażi tal-użu jew tat-tmiem tal-ħajja ta' vettura. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni fost l-Istati Membri billi taqsam l-aħjar prattiki tagħhom dwar l-inċentivi meħuda fil-livell nazzjonali, bil-għan li timmonitorja l-***	(61) ***Filwaqt li jiġi rikonoxxut il-potenzjal ta' rimanifattura, ta' modifika retroattiva u ta' rinnovazzjoni fis-settur awtomobilistiku, u l-kontribut tagħhom lejn l-ekonomija ċirkolari, huwa meħtieġ li tiġi pprovduta ċarezza legali lill-operaturi ekonomiċi involuti f'dan is-settur. Għalhekk jenħtieġ li jiġi ċċarat li l-parts u l-komponenti mneħħija minn vettura li ma għadhiex tintuża, li huma xierqa għall-użu mill-ġdid, ir-rimanifattura, il-modifika retroattiva jew ir-rinnovazzjoni, jenħtieġ li jitqisux bħala skart. Dan huwa meħtieġ biex jiġi ffaċilitat il-vjeġġ, it-trasport jew kwalunkwe trasferiment ieħor ta' dawn il-***

effettività tagħhom.	***parts u komponenti. L-awtoritajiet nazzjonali rilevanti jenħtieġ li jkunu f'pożizzjoni li jitolbu dokumentazzjoni, mill-faċilità ta' trattament awtorizzata li tkun neħħiet il-part jew il-komponent ikkonċernat, li tikkonferma, permezz ta' valutazzjoni ddedikata, l-adegwatezza teknika tal-parts u l-komponenti rilevanti għar-rimanifattura, il-modifika retroattiva, ir-rinnovazzjoni jew l-użu mill-ġdid.***

Or. en

Emenda 383
Jonas Sjöstedt, Luke Ming Flanagan

Proposta għal regolament
Premessa 61

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(61) Sabiex jiġu mħeġġa l-iżvilupp u l-funzjonament xieraq tas-suq għal partijiet u komponenti riutilizzabbli, rinnovati u rimanifatturati fl-Unjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jiġu mħeġġa jieħdu l-inċentivi meħtieġa fil-livell nazzjonali biex jippromwovu l-użu mill-ġdid, ir-rinnovazzjoni u r-rimanifattura ta' partijiet u komponenti, kemm jekk jitneħħew matul il-fażi tal-użu jew tat-tmiem tal-ħajja ta' vettura. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni fost l-Istati Membri billi taqsam l-aħjar prattiki tagħhom dwar l-inċentivi meħuda fil-livell nazzjonali, bil-għan li timmonitorja l-effettività tagħhom.	(61) Sabiex jiġu mħeġġa l-iżvilupp u l-funzjonament xieraq tas-suq għal partijiet u komponenti riutilizzabbli, rinnovati***, modifikati retroattivament*** u rimanifatturati fl-Unjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jiġu mħeġġa jieħdu l-inċentivi meħtieġa fil-livell nazzjonali biex jippromwovu l-użu mill-ġdid, ir-rinnovazzjoni***, il-modifika retroattiva*** u r-rimanifattura ta' partijiet u komponenti, kemm jekk jitneħħew matul il-fażi tal-użu jew tat-tmiem tal-ħajja ta' vettura. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni fost l-Istati Membri billi taqsam l-aħjar prattiki tagħhom dwar l-inċentivi meħuda fil-livell nazzjonali, bil-għan li timmonitorja l-effettività tagħhom.

Or. en

Emenda 384
Matthieu Valet, Valérie Deloge, Mathilde Androuët, Marie-Luce Brasier-Clain, Anne-

Sophie Frigout

Proposta għal regolament
Premessa 63

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(63) Ir-riċiklaġġ tal-plastik kollu minn vetturi li ma għadhomx jintużaw jenħtieġ li jittejjeb kontinwament, u huwa importanti li tiġi żgurata provvista suffiċjenti ta' materjali riċiklati biex tiġi ssodisfata d-domanda għall-plastik riċiklat fil-vetturi. Għalhekk huwa meħtieġ li tiġi stabbilita mira speċifika ta' riċiklaġġ ta' 30 % tal-plastik minn vetturi li ma għadhomx jintużaw. Din il-mira tkun komplementari għall-miri għal (85 %) ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw kif ukoll għall-użu mill-ġdid u għall-irkupru (95 %) ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw skont il-piż medju għal kull vettura u għal kull sena. Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' dawk ir-rekwiżiti mill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart, huwa meħtieġ perjodu tranżitorju ta' 3 snin. Sadanittant, il-miri kurrenti għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ (85 %) kif ukoll l-użu mill-ġdid u l-irkupru (95 %) ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, kif stabbilit bid-Direttiva 2000/53/KE, u abbażi tad-definizzjoni ta' riċiklaġġ f'dik id-Direttiva, jenħtieġ li jkomplu japplikaw.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 385
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Premessa 63

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(63) Ir-riċiklaġġ tal-plastik kollu minn vetturi li ma għadhomx jintużaw jenħtieġ li	(63) Ir-riċiklaġġ tal-plastik kollu minn vetturi li ma għadhomx jintużaw jenħtieġ li

jittejjeb kontinwament, u huwa importanti li tiġi żgurata provvista suffiċjenti ta' materjali riċiklati biex tiġi ssodisfata d-domanda għall-plastik riċiklat fil-vetturi. Għalhekk huwa meħtieġ li tiġi stabbilita mira speċifika ta' riċiklaġġ ta' 30 % tal-plastik minn vetturi li ma għadhomx jintużaw. Din il-mira tkun komplementari għall-miri għal (85 %) ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw kif ukoll għall-użu mill-ġdid u għall-irkupru (95 %) ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw skont il-piż medju għal kull vettura u għal kull sena. Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' dawk ir-rekwiżiti mill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart, huwa meħtieġ perjodu tranżitorju ta' 3 snin. Sadanittant, il-miri kurrenti għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ (85 %) kif ukoll l-użu mill-ġdid u l-irkupru (95 %) ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, kif stabbilit bid-Direttiva 2000/53/KE, u abbażi tad-definizzjoni ta' riċiklaġġ f'dik id-Direttiva, jenħtieġ li jkomplu japplikaw.	jittejjeb kontinwament, u huwa importanti li tiġi żgurata provvista suffiċjenti ta' materjali riċiklati biex tiġi ssodisfata d-domanda għall-plastik riċiklat fil-vetturi. Għalhekk huwa meħtieġ li tiġi stabbilita mira speċifika ta' riċiklaġġ ta' 30 % tal-plastik minn vetturi li ma għadhomx jintużaw. Din il-mira tkun komplementari għall-miri għal (85 %) ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw kif ukoll għall-użu mill-ġdid u għall-irkupru (95 %) ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw skont il-piż medju għal kull vettura u għal kull sena. Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' dawk ir-rekwiżiti mill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart, huwa meħtieġ perjodu tranżitorju ta' 3 snin. Sadanittant, il-miri kurrenti għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ (85 %) kif ukoll l-użu mill-ġdid u l-irkupru (95 %) ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, kif stabbilit bid-Direttiva 2000/53/KE, u abbażi tad-definizzjoni ta' riċiklaġġ f'dik id-Direttiva, jenħtieġ li jkomplu japplikaw. ***Barra minn hekk, għandha tiġi stabbilita mira separata għall-użu mill-ġdid. Meta parts jew komponenti jiġu rimanifatturati jew rinnovati b'suċċess, jenħtieġ li jingħaddu għall-kisba tal-miri tal-użu mill-ġdid mill-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati.***
	Or. en

Emenda 386
Jorge Martín Frías, Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Premessa 63

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(63) Ir-riċiklaġġ tal-plastik kollu minn vetturi li ma għadhomx jintużaw jenħtieġ li jittejjeb kontinwament, u huwa importanti li tiġi żgurata provvista suffiċjenti ta' materjali riċiklati biex tiġi ssodisfata d-domanda għall-plastik riċiklat fil-vetturi.	(63) Ir-riċiklaġġ tal-plastik kollu minn vetturi li ma għadhomx jintużaw jenħtieġ li jittejjeb kontinwament, u huwa importanti li tiġi żgurata provvista suffiċjenti ta' materjali riċiklati biex tiġi ssodisfata d-domanda għall-plastik riċiklat fil-vetturi.

Għalhekk huwa meħtieġ ***li tiġi stabbilita mira speċifika*** ta' riċiklaġġ ***ta' 30 %*** tal-plastik minn vetturi li ma għadhomx jintużaw. Din il-mira tkun komplementari għall-miri għal (85 %) ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw kif ukoll għall-użu mill-ġdid u għall-irkupru (95 %) ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw skont il-piż medju għal kull vettura u għal kull sena. Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' dawk ir-rekwiżiti mill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart, huwa meħtieġ perjodu tranżitorju ta' 3 snin. Sadanittant, il-miri kurrenti għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ (85 %) kif ukoll l-użu mill-ġdid u l-irkupru (95 %) ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, kif stabbilit bid-Direttiva 2000/53/KE, u abbażi tad-definizzjoni ta' riċiklaġġ f'dik id-Direttiva, jenħtieġ li jkomplu japplikaw.	Għalhekk huwa meħtieġ***, meta jitqiesu kriterji bħall-kosti tal-produzzjoni u wara li jinstemgħu l-esperti, li jiġu stabbiliti miri*** ta' riċiklaġġ tal-plastik minn vetturi li ma għadhomx jintużaw. Din il-mira tkun komplementari għall-miri għal (85 %) ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw kif ukoll għall-użu mill-ġdid u għall-irkupru (95 %) ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw skont il-piż medju għal kull vettura u għal kull sena. Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' dawk ir-rekwiżiti mill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart, huwa meħtieġ perjodu tranżitorju ta' 3 snin. Sadanittant, il-miri kurrenti għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ (85 %) kif ukoll l-użu mill-ġdid u l-irkupru (95 %) ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, kif stabbilit bid-Direttiva 2000/53/KE, u abbażi tad-definizzjoni ta' riċiklaġġ f'dik id-Direttiva, jenħtieġ li jkomplu japplikaw.
	Or. es

Emenda 387
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Premessa 63

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(63) Ir-riċiklaġġ tal-plastik kollu minn vetturi li ma għadhomx jintużaw jenħtieġ li jittejjeb kontinwament, u huwa importanti li tiġi żgurata provvista suffiċjenti ta' materjali riċiklati biex tiġi ssodisfata d-domanda għall-plastik riċiklat fil-vetturi. Għalhekk huwa meħtieġ li tiġi stabbilita mira speċifika ta' riċiklaġġ ta' ***30*** % tal-plastik minn vetturi li ma għadhomx jintużaw. Din il-mira tkun komplementari għall-miri għal (85 %) ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw kif ukoll għall-użu mill-ġdid u għall-irkupru (95 %) ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw skont il-piż medju għal kull vettura u għal kull sena.	(63) Ir-riċiklaġġ tal-plastik kollu minn vetturi li ma għadhomx jintużaw jenħtieġ li jittejjeb kontinwament, u huwa importanti li tiġi żgurata provvista suffiċjenti ta' materjali riċiklati biex tiġi ssodisfata d-domanda għall-plastik riċiklat fil-vetturi. Għalhekk huwa meħtieġ li tiġi stabbilita mira speċifika ta' riċiklaġġ ta' ***40*** % tal-plastik minn vetturi li ma għadhomx jintużaw. Din il-mira tkun komplementari għall-miri għal (85 %) ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw kif ukoll għall-użu mill-ġdid u għall-irkupru (95 %) ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw skont il-piż medju għal kull vettura u għal kull sena.

Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' dawk ir-rekwiżiti mill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart, huwa meħtieġ perjodu tranżitorju ta' 3 snin. Sadanittant, il-miri kurrenti għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ (85 %) kif ukoll l-użu mill-ġdid u l-irkupru (95 %) ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, kif stabbilit bid-Direttiva 2000/53/KE, u abbaži tad-definizzjoni ta' riċiklaġġ f'dik id-Direttiva, jenħtieġ li jkomplu japplikaw.	Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' dawk ir-rekwiżiti mill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart, huwa meħtieġ perjodu tranżitorju ta' 3 snin. Sadanittant, il-miri kurrenti għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ (85 %) kif ukoll l-użu mill-ġdid u l-irkupru (95 %) ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, kif stabbilit bid-Direttiva 2000/53/KE, u abbaži tad-definizzjoni ta' riċiklaġġ f'dik id-Direttiva, jenħtieġ li jkomplu japplikaw.

Or. en

Emenda 388
Anne-Sophie Frigout

Proposta għal regolament
Premessa 63a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(63a) Billi jitqies li l-miri tar-riċiklaġġ imposti minn dan ir-Regolament jaqbżu sew il-provvista tal-materjali meħtieġa, b'riskju li jwasslu għal xkiel fil-provvista u konsegwentement xokk fil-provvista.

Or. fr

Emenda 389
Pascal Canfin, Yvan Verougstraete, Sandro Gozi, Ivars Ijabs

Proposta għal regolament
Premessa 64

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(64) Huwa importanti li jiżdied l-irkupru ta' materjali sekondarji ta' kwalità għolja billi jittejbu l-proċessi tat-tqattigħ ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw. Għalhekk, il-vetturi li ma għadhomx jintużaw, il-partijiet, il-komponenti u l-materjali tagħhom jenħtieġ li ***ma jiġux***	(64) Huwa importanti li jiżdied l-irkupru ta' materjali sekondarji ta' kwalità għolja billi jittejbu l-proċessi tat-tqattigħ ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw. Għalhekk, il-vetturi li ma għadhomx jintużaw, il-partijiet, il-komponenti u l-materjali tagħhom jenħtieġ li ***jiġu***

pproċessati fi shredder flimkien mal-iskart mill-imballaġġ u l-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku, b'mod partikolari biex tittejjeb is-separazzjoni tar-ram mill-frazzjonijiet tal-azzar.	pproċessati ***biss*** fi shredder flimkien mal-iskart mill-imballaġġ u l-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku, ***jekk jintlaħqu ċerti kriterji u valuri ta' limitu,*** b'mod partikolari biex tittejjeb is-separazzjoni tar-ram mill-frazzjonijiet tal-azzar.

Or. en

Emenda 390
Ivars Ijabs

Proposta għal regolament
Premessa 64

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(64) Huwa importanti li jiżdied l-irkupru ta' materjali sekondarji ta' kwalità għolja billi jittejbu l-proċessi tat-tqattigħ ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw. Għalhekk, il-vetturi li ma għadhomx jintużaw, il-partijiet, il-komponenti u l-materjali tagħhom jenħtieġ li ma jiġux pproċessati fi shredder flimkien mal-iskart mill-imballaġġ u l-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku, b'mod partikolari biex tittejjeb is-separazzjoni tar-ram ***mill-frazzjonijiet*** tal-azzar.	(64) Huwa importanti li jiżdied l-irkupru ta' materjali sekondarji ta' kwalità għolja billi jittejbu l-proċessi tat-tqattigħ ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw. Għalhekk, il-vetturi li ma għadhomx jintużaw, il-partijiet, il-komponenti u l-materjali tagħhom jenħtieġ li ma jiġux pproċessati fi shredder flimkien mal-iskart mill-imballaġġ u l-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku, b'mod partikolari biex tittejjeb is-separazzjoni ***tal-frazzjonijiet*** tar-ram***,*** tal-azzar***, tal-aluminju u tal-ħġieġ***.

Or. en

Emenda 391
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Premessa 65

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(65) Sabiex tkompli tittejjeb il-kwalità tat-trattament tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw, jenħtieġ li ma jkunx possibbli li	(65) ***Fid-dawl tal-ġerarkija tal-iskart kif stabbilita mill-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE u*** sabiex tkompli tittejjeb il-

jintremew f'landfill il-frazzjonijiet tal-iskart li jirriżultaw minn vetturi li ma għadhomx jintużaw li jkunu tqattgħu, li jkun fihom skart mhux inerti u li ma jiġux ipproċessati b'teknoloġija post-shredder.	kwalità tat-trattament tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw, jenħtieġ li ma jkunx possibbli li jintremew f'landfill il-frazzjonijiet tal-iskart li jirriżultaw minn vetturi li ma għadhomx jintużaw li jkunu tqattgħu, li jkun fihom skart mhux inerti u li ma jiġux ipproċessati b'teknoloġija post-shredder.

Or. en

Emenda 392
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Premessa 66

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(66) Il-vetturi li ma għadhomx jintużaw huma kklassifikati bħala skart perikoluż u ma jistgħux jiġu esportati lejn pajjiżi li ma humiex fl-OECD. Il-vetturi li ma għadhomx jintużaw li jkunu ġew soġġetti għat-tindif mit-tniġġis xorta jistgħu jiġu ttrattati barra mill-Unjoni, dment li dawk il-vetturi li ma għadhomx jintużaw li jkunu ġew soġġetti għat-tindif mit-tniġġis jiġu ttrasportati f'konformità mar-Regolament (UE) ***1013/2006***.	(66) Il-vetturi li ma għadhomx jintużaw huma kklassifikati bħala skart perikoluż u ma jistgħux jiġu esportati lejn pajjiżi li ma humiex fl-OECD. Il-vetturi li ma għadhomx jintużaw li jkunu ġew soġġetti għat-tindif mit-tniġġis xorta jistgħu jiġu ttrattati barra mill-Unjoni, dment li dawk il-vetturi li ma għadhomx jintużaw li jkunu ġew soġġetti għat-tindif mit-tniġġis jiġu ttrasportati f'konformità mar-Regolament (UE) ***2024/1157***. ***L-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri jenħtieġ li jitħallew jispezzjonaw vjeġġi ta' vetturi użati li huma suspettati li huma vetturi li ma għadhomx jintużaw u, fejn xieraq, jimponu l-kost ta' analiżi, spezzjonijiet u ħażna lill-produtturi, lil partijiet terzi li jaġixxu f'isimhom jew lil persuni oħra li jirranġaw il-vjeġġ.***

Or. en

Emenda 393
Radan Kanev

Proposta għal regolament
Premessa 66 a (new)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(66a) L-esportazzjoni ta' ruttam tal-metall ta' valur, inkluż dak derivat minn vetturi użati u li ma għadhomx jintużaw, lejn pajjiżi mhux tal-UE tirriżulta fit-telf ta' materja prima essenzjali li hija vitali għas-setturi tal-manifattura u d-difiża tal-UE. L-UE għalhekk għandha tirrikonoxxi r-rwol kritiku taż-żamma ta' ruttam ta' kwalità għolja biex jintlaħqu l-objettivi tal-ekonomija ċirkolari tal-Unjoni Ewropea f'termini ta' provvista ta' materja prima, kompetittività industrijali u protezzjoni ambjentali. Jenħtieġ li għalhekk jitqiesu miżuri mill-Kummissjoni biex ittejjeb iż-żamma u r-riċiklaġġ ta' ruttam tal-metall ta' kwalità għolja fl-UE biex tissaħħaħ is-sostenibbiltà u r-reżiljenza tal-industriji tal-manifattura u dawk pożanti tagħha. Jenħtieġ li dawk jivvalutaw ukoll ir-regoli tal-esportazzjoni għall-vetturi użati u ma jillimitawx din il-valutazzjoni għall-istabbiliment ta' kriterji ta' ekwivalenza bbażati fuq l-immaniġġar tal-iskart u l-prattiki ambjentali.

Or. en

Emenda 394
Alexandr Vondra

Proposta għal regolament
Premessa 67

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(67) F'każ li vettura li ma għadhiex tintuża tiġi ttrasportata mill-Unjoni lejn pajjiż terz, l-esportatur jenħtieġ li jipprovdi prova dokumentarja approvata mill-awtorità kompetenti fil-pajjiż tad-destinazzjoni, filwaqt li jikkonferma li l-	(67) F'każ li vettura li ma għadhiex tintuża tiġi ttrasportata mill-Unjoni lejn pajjiż terz, l-esportatur jenħtieġ li jipprovdi prova dokumentarja approvata mill-awtorità kompetenti fil-pajjiż tad-destinazzjoni, filwaqt li jikkonferma li l-

kundizzjonijiet tat-trattament huma ***ġeneralment*** ekwivalenti għar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u għar-rekwiżiti tas-saħħa tal-bniedem u tal-protezzjoni ambjentali stabbiliti f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni, f'konformità mar-Regolament (UE) ***[ir-Regolament il-ġdid dwar il-Vjeġġi ta' Skart]***.	kundizzjonijiet tat-trattament huma ***meqjusa*** ekwivalenti għar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u għar-rekwiżiti tas-saħħa tal-bniedem u tal-protezzjoni ambjentali stabbiliti f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni, f'konformità mar-Regolament (UE) ***2024/1157***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-iżgurar ta' kundizzjonijiet ġusti skont ir-Regolament dwar il-Vjeġġi ta' Skart (UE) 2024/1157 huwa essenzjali biex tiġi protetta s-saħħa tal-bniedem, l-ambjent fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u l-kompetittività tal-industrija Ewropea. L-esportazzjonijiet tal-iskart għandhom jipproċedu biss jekk il-pajjiżi riċeventi jilħqu standards Ewropej ekwivalenti u jippermettu l-irkupru effiċjenti tal-materjal.

Emenda 395
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Premessa 67

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(67) F'każ li vettura li ma għadhiex tintuża tiġi ttrasportata mill-Unjoni lejn pajjiż terz, l-esportatur jenħtieġ li jipprovdi prova dokumentarja approvata mill-awtorità kompetenti fil-pajjiż tad-destinazzjoni, filwaqt li jikkonferma li l-kundizzjonijiet tat-trattament huma ***ġeneralment*** ekwivalenti għar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u għar-rekwiżiti tas-saħħa tal-bniedem u tal-protezzjoni ambjentali stabbiliti f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni, f'konformità mar-Regolament (UE) [ir-Regolament il-ġdid dwar il-Vjeġġi ta' Skart].	(67) F'każ li vettura li ma għadhiex tintuża tiġi ttrasportata mill-Unjoni lejn pajjiż terz, l-esportatur jenħtieġ li jipprovdi prova dokumentarja approvata mill-awtorità kompetenti fil-pajjiż tad-destinazzjoni, filwaqt li jikkonferma li l-kundizzjonijiet tat-trattament huma ekwivalenti għar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u għar-rekwiżiti tas-saħħa tal-bniedem u tal-protezzjoni ambjentali stabbiliti f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni, f'konformità mar-Regolament (UE) [ir-Regolament il-ġdid dwar il-Vjeġġi ta' Skart].

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament mal-kliem fir-Regolament dwar il-Vjeġġi ta' Skart.

Emenda 396
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Premessa 67

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(67) F'każ li vettura li ma għadhiex tintuża tiġi ttrasportata mill-Unjoni lejn pajjiż terz, l-esportatur jenħtieġ li jipprovdi prova dokumentarja approvata mill-awtorità kompetenti fil-pajjiż tad-destinazzjoni, filwaqt li jikkonferma li l-kundizzjonijiet tat-trattament huma ***ġeneralment*** ekwivalenti għar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u għar-rekwiżiti tas-saħħa tal-bniedem u tal-protezzjoni ambjentali stabbiliti f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni, f'konformità mar-Regolament (UE) [ir-Regolament il-ġdid dwar il-Vjeġġi ta' Skart].	(67) F'każ li vettura li ma għadhiex tintuża tiġi ttrasportata mill-Unjoni lejn pajjiż terz, l-esportatur jenħtieġ li jipprovdi prova dokumentarja approvata mill-awtorità kompetenti fil-pajjiż tad-destinazzjoni, filwaqt li jikkonferma li l-kundizzjonijiet tat-trattament huma ekwivalenti għar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u għar-rekwiżiti tas-saħħa tal-bniedem u tal-protezzjoni ambjentali stabbiliti f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni, f'konformità mar-Regolament (UE) [ir-Regolament il-ġdid dwar il-Vjeġġi ta' Skart].

Or. en

Emenda 397
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Premessa 67

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(67) F'każ li vettura li ma għadhiex tintuża tiġi ttrasportata mill-Unjoni lejn pajjiż terz, l-esportatur jenħtieġ li jipprovdi prova dokumentarja approvata mill-awtorità kompetenti fil-pajjiż tad-destinazzjoni, filwaqt li jikkonferma li l-kundizzjonijiet tat-trattament huma ġeneralment ekwivalenti għar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u għar-rekwiżiti tas-saħħa tal-bniedem u tal-protezzjoni ambjentali stabbiliti f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni, f'konformità mar-Regolament	(67) F'każ li vettura li ma għadhiex tintuża tiġi ttrasportata mill-Unjoni lejn pajjiż terz, l-esportatur jenħtieġ li jipprovdi prova dokumentarja approvata mill-awtorità kompetenti fil-pajjiż tad-destinazzjoni, filwaqt li jikkonferma li l-kundizzjonijiet tat-trattament huma ġeneralment ***meqjusa*** ekwivalenti għar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u għar-rekwiżiti tas-saħħa tal-bniedem u tal-protezzjoni ambjentali stabbiliti f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni,

(UE) ***[ir-Regolament il-ġdid dwar il-Vjeġġi ta' Skart]***.	f'konformità mar-Regolament (UE) ***2024/1157***.

Or. en

Emenda 398
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Premessa 67

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(67) F'każ li vettura li ma għadhiex tintuża tiġi ttrasportata mill-Unjoni lejn pajjiż terz, l-esportatur jenħtieġ li jipprovdi prova dokumentarja approvata mill-awtorità kompetenti fil-pajjiż tad-destinazzjoni, filwaqt li jikkonferma li l-kundizzjonijiet tat-trattament huma ***ġeneralment*** ekwivalenti għar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u għar-rekwiżiti tas-saħħa ***tal-bniedem*** u tal-protezzjoni ambjentali stabbiliti f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni, f'konformità mar-Regolament (UE) [ir-Regolament il-ġdid dwar il-Vjeġġi ta' Skart].	(67) F'każ li vettura li ma għadhiex tintuża tiġi ttrasportata mill-Unjoni lejn pajjiż terz, l-esportatur jenħtieġ li jipprovdi prova dokumentarja approvata mill-awtorità kompetenti fil-pajjiż tad-destinazzjoni, filwaqt li jikkonferma li l-kundizzjonijiet tat-trattament huma ekwivalenti għar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u għar-rekwiżiti tas-saħħa u tal-protezzjoni ambjentali stabbiliti f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni, f'konformità mar-Regolament (UE) [ir-Regolament il-ġdid dwar il-Vjeġġi ta' Skart].

Or. en

Emenda 399
Matthieu Valet, Valérie Deloge, Mathilde Androuët, Marie-Luce Brasier-Clain, Anne-Sophie Frigout

Proposta għal regolament
Premessa 68

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(68) Sabiex jiġi żgurat li l-vetturi li ma għadhomx jintużaw jiġu ttrattati b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent, huwa importanti li tiġi stabbilita ċarezza dwar l-istatus ta' vettura tul il-ħajja kollha tagħha,	(68) Sabiex jiġi żgurat li l-vetturi li ma għadhomx jintużaw jiġu ttrattati b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent, huwa importanti li tiġi stabbilita ċarezza dwar l-istatus ta' vettura tul il-ħajja kollha tagħha,

b’mod partikolari f’sitwazzjonijiet meta jkun hemm il-ħtieġa li ssir distinzjoni bejn il-vetturi użati u l-vetturi li ma għadhomx jintużaw. Sid ta’ vettura li jkollu l-ħsieb li jittrasferixxi s-sjieda ta’ vettura użata, jenħtieġ li b’mod partikolari jintalab juri li l-vettura ma hijiex vettura li ma għadhiex tintuża. ***Sabiex jiġi vvalutat l-istatus ta’ vettura użata, is-sid tal-vettura, operaturi ekonomiċi oħra u l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jivverifikaw jekk ġewx issodisfati ċerti kriterji li jiddeterminaw jekk il-vettura kkonċernata hijiex vettura li ma għadhiex tintuża. Sabiex jitqies il-progress tekniku u xjentifiku, is-setgħa ta’ adozzjoni ta’ atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tal-Anness I li jiddetermina l-kriterji dwar meta vettura tkun vettura li ma għadhiex tintuża.***

b’mod partikolari f’sitwazzjonijiet meta jkun hemm il-ħtieġa li ssir distinzjoni bejn il-vetturi użati u l-vetturi li ma għadhomx jintużaw. Sid ta’ vettura li jkollu l-ħsieb li jittrasferixxi s-sjieda ta’ vettura użata, jenħtieġ li b’mod partikolari jintalab juri li l-vettura ma hijiex vettura li ma għadhiex tintuża.

Or. fr

Emenda 400
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Premessa 68

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(68) Sabiex jiġi żgurat li l-vetturi li ma għadhomx jintużaw jiġu ttrattati b’mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent, huwa importanti li tiġi stabbilita ċarezza dwar l-istatus ta’ vettura tul il-ħajja kollha tagħha, b’mod partikolari f’sitwazzjonijiet meta jkun hemm il-ħtieġa li ssir distinzjoni bejn il-vetturi użati u l-vetturi li ma għadhomx jintużaw. Sid ta’ vettura li jkollu l-ħsieb li jittrasferixxi s-sjieda ta’ vettura użata, jenħtieġ li ***b’mod partikolari jintalab juri li l-vettura*** ma hijiex vettura li ma għadhiex tintuża. ***Sabiex jiġi vvalutat l-***	(68) Sabiex jiġi żgurat li l-vetturi li ma għadhomx jintużaw jiġu ttrattati b’mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent, huwa importanti li tiġi stabbilita ċarezza dwar l-istatus ta’ vettura tul il-ħajja kollha tagħha, b’mod partikolari f’sitwazzjonijiet meta jkun hemm il-ħtieġa li ssir distinzjoni bejn il-vetturi użati u l-vetturi li ma għadhomx jintużaw. Sid ta’ vettura li jkollu l-ħsieb li jittrasferixxi s-sjieda ta’ vettura użata, jenħtieġ li ***jipprovdi dokumentazzjoni lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li beħsiebha takkwista dik il-vettura jew lill-***

istatus ta' vettura użata, ***is-sid tal-vettura, operaturi ekonomiċi oħra u l-awtoritajiet*** kompetenti ***jenħtieġ li jivverifikaw jekk ġewx issodisfati ċerti kriterji li jiddeterminaw jekk il-vettura kkonċernata hijiex*** vettura li ma għadhiex tintuża. Sabiex jitqies il-progress tekniku u xjentifiku, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tal-Anness I li jiddetermina l-kriterji dwar meta vettura tkun vettura li ma għadhiex tintuża.

awtoritajiet kompetenti li turi li ma hijiex vettura li ma għadhiex tintuża. ***Din id-dokumentazzjoni jenħtieġ li tikkonsisti minn ċertifikat validu tal-affidabilità stradali jew, meta ma jkunx disponibbli, minn valutazzjoni f'konformità mal-Anness I verifikata mill-awtoritajiet*** kompetenti ***jew korpi oħra ċċertifikati mill-Istati Membri. F'każ ta' dubju li vettura użata tista' tkun*** vettura li ma għadhiex tintuża***, l-awtoritajiet kompetenti jew il-korpi ċċertifikati mill-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jirrikjedu li sid il-vettura jippreżenta aktar dokumentazzjoni***. Sabiex jitqies il-progress tekniku u xjentifiku, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tal-Anness I li jiddetermina l-kriterji dwar meta vettura tkun vettura li ma għadhiex tintuża.

Or. en

Emenda 401
Beatrice Timgren

Proposta għal regolament
Premessa 68

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
